

Brussell, 24 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14703/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0115(COD)

PI 152
COMPET 890
MI 816
IND 469
AGRI 630
IA 185
CODEC 1736

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	14240/22
Nru dok. Cion:	8205/22 + ADD1-5
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemija hawn fuq għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali¹. Il-proposta hija bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 118 u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹ 8205/22 ADD 1-5.

2. L-għan tal-proposta huwa li tiġi stabbilita protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali fil-livell tal-Unjoni, biex b'hekk tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għall-produtturi ta' dawn il-prodotti fis-suq intern. Il-proposta ser tissalvagwardja u tiżviluppa l-wirt kulturali u ser tiżgura d-disponibbiltà għall-konsumaturi ta' informazzjoni affidabbli dwar tali prodotti. Il-proposta għandha l-għan li tinċentiva l-innovazzjoni u l-investiment fl-artiġjanat, billi tgħin lill-artiġjani u lill-produtturi, b'mod partikolari lill-SMEs, li xi drabi jaħdmu fi swieq niċċa, biex jippromwovu u jipproteġu n-know-how tradizzjonali tagħhom fil-livell tal-Unjoni. Peress li indikazzjoni ġeografika żżid il-viżibbiltà tal-prodott u tar-reġjun, il-proposta ser tkun ta' benefiċċju mhux biss għall-produtturi, iżda wkoll għas-setturi relatati, bħat-turiżmu, u tgħin fil-promozzjoni u ż-żamma tal-ħiliet u l-impjiegi fir-reġjuni tal-Ewropa. Fil-livell internazzjonali, il-proposta ser tippermetti lill-Unjoni tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li l-Unjoni aderixxiet għalih fl-2019, u b'hekk tippermetti lill-produtturi tal-Unjoni jibbenefikaw bis-sħiħ minn dik is-sistema.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni dwar il-proposta fil-21 ta' Settembru 2022². Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Ottubru 2022³. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ta l-opinjoni tiegħu fit-2 ta' Ġunju 2022⁴.
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) għadu ma vvutax dwar ir-rapport tiegħu.

II. ĦIDMA MWETTQA F'KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

5. L-eżami tal-proposta kien prijorità għall-Presidenza Franċiża, bl-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Proprietà Intellettwali fit-3 ta' Mejju 2022. L-eżami intensifika aktar taħt il-Presidenza Ċeka, bl-objettiv li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill (Kompetittività) fl-1 ta' Diċembru 2022.

² 13199/22.

³ 13964/22.

⁴ 10159/22.

6. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta ġiet eżaminata f'żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma. Dak l-eżami wera li l-bieċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, b'mod ġenerali, kienu qed jappoġġaw l-għan tal-proposta, kif ukoll il-metodi, il-kriterji u l-għażliet politiċi identifikati mill-Kummissjoni.
7. It-test ta' kompromess li jinsab fl-Anness jirrifletti l-isforzi kontinwi tal-Presidenza u tal-Istati Membri biex jintlaħaq bilanċ bejn il-pożizzjonijiet differenti tad-delegazzjonijiet, filwaqt li jinżammu l-oġġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-bidliet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa sottolinjata** jew [...].
8. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Novembru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) approva t-test ta' kompromess⁵ u qabel li jgħaddih lill-Kunsill (Kompetittività) tal-1 ta' Diċembru 2022, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali.

III. **ELEMENTI EWLENIN TAL-KOMPROMESS**

(a) Kamp ta' applikazzjoni

9. L-UE ilha żmien li għandha protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠ) *sui generis* għall-inbejjed, ix-xorb spirituw, l-inbejjed aromatizzati, il-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, iżda s'issa ma kien hemm l-ebda protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali fil-livell tal-UE. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jimla din il-lakuna u għalhekk huwa marbut mill-qrib mar-riforma li għaddejja tas-sistema tal-IĠ għall-prodotti agrikoli. Il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv taż-żewġ settijiet ta' leġiżlazzjoni jeħtieġ li jiġi allinjat bir-reqqa fir-rigward tal-prodotti koperti. Għal dak l-għan, it-test ta' kompromess tal-abbozz ta' Regolament jiddefinixxi l-prodotti artiġjanali u industrijali, u jkopri prodotti li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti eżistenti fis-settur agrikolu.
10. Fir-rigward tar-rabta territorjali meħtieġa biex prodott ikun eliġibbli għall-protezzjoni skont l-abbozz ta' Regolament, il-kompromess iżomm il-kunċett tal-proposta tal-Kummissjoni li jiġi applikat il-kunċett ta' "indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" (IĠP), li jirrikjedi li mill-inqas wieħed mill-istadji tal-produzzjoni, tal-ipproċessar jew tal-preparazzjoni tal-prodott iseħħ fiż-żona ġeografika ta' oriġini definita.

⁵ 14240/22.

(b) L-applikant

11. Indikazzjoni ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali hija dritt kollettiv aċċessibbli biex jintuża mill-produtturi eliġibbli kollha f'żona ġeografika deżinjata li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.
12. Il-produtturi li jaġixxu b'mod kollettiv jistgħu jagħmlu użu mis-sinerġiji meta jimmaniġġaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi tagħhom. Għalhekk, il-gruppi ta' produtturi tradizzjonalment għandhom rwol kruċjali fil-ġestjoni tal-IĠ u fl-istabbiliment tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott. Biex jiġi rifless dan ir-rwol importanti tal-gruppi ta' produtturi, skont it-test ta' kompromess, l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għandhom għalhekk, bħala regola ġenerali, jiġu ppreżentati minn grupp ta' produtturi.
13. Madankollu, bħala eċċezzjoni, produttur waħdu, awtorità lokali jew reġjonali jew entità privata maħtura minn Stat Membru tista' tkun applikant jekk, pereżempju, ma jkunx fattibbli li l-produtturi jiffurmaw grupp, pereżempju minħabba l-għadd jew il-pożizzjoni ġeografika jew minħabba r-raġunijiet organizzattivi tagħhom.

(c) Proċeduri ta' reġistrazzjoni

14. Sabiex tinkiseb protezzjoni, l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali għandhom jiġu rreġistrati fil-livell tal-Unjoni.

i. Proċedura standard

15. Bħala l-proċedura standard għall-kisba ta' tali reġistrazzjoni, l-abbozz ta' Regolament jipprevedi sistema b'żewġ fażijiet, fejn l-ewwel eżami tal-applikazzjoni għal IĠ u tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott isir mill-awtoritajiet nazzjonali, u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), fit-tieni fażi, huwa responsabbli għall-eżami fil-livell tal-Unjoni tal-applikazzjoni u r-reġistrazzjoni tat-titlu.

16. L-involvement tal-awtoritajiet nazzjonali fl-ewwel fażi jippermetti li jsir l-aħjar użu mill-għarfien esperti lokali u reġjonali meħtieġ għall-valutazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Dan jagħmilha wkoll aktar faċli għall-produtturi artiġjanali lokali, li spiss ikunu negozji żgħar jew mikro, biex jikkomunikaw u jinteraġixxu ma' amministrazzjoni li huma familjari magħha u biex jirċievu kwalunkwe gwida u appoġġ meħtieġa fil-lingwa tagħhom stess.
17. Il-kompitu mogħti lill-EUIPO bit-tieni fażi tal-proċedura u bir-reġistrazzjoni attwali tal-IĠ jibni fuq l-esperjenza rikonoxxuta tal-EUIPO bħala l-aġenzija tal-UE speċjalizzata fil-ġestjoni tar-reġistrazzjoni ta' drittijiet oħra ta' proprjetà intellettuali fil-livell tal-UE.

ii. Deroga mill-proċedura standard: reġistrazzjoni diretta

18. Xi Stati Membri m'għandhomx tradizzjoni stabbilita u hemm livell baxx ta' interess lokali f'dawn il-pajjiżi biex jipproteġu l-prodotti artiġjanali u industrijali permezz ta' indikazzjonijiet ġeografiċi. Għalhekk, daww l-Istati Membri ma għandhomx strutturi amministrattivi fis-seħħ għall-ġestjoni tal-fażi nazzjonali tal-proċeduri ta' reġistrazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, l-abbozz ta' Regolament jipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri li jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet jistgħu jingħataw deroga mill-obbligu li jmexxu l-fażi nazzjonali tal-proċeduri. Kwalunkwe applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' IĠ minn Stat Membru li tkun ingħatat b'tali deroga mbaġħad tiġi ppreżentata direttament lill-EUIPO.
19. Minħabba li r-reġistrazzjoni diretta mal-EUIPO hija maħsuba biex tkun eċċezzjoni għall-proċedura standard, it-test ta' compromess iżomm il-kunċett tal-proposta tal-Kummissjoni li jippermetti din id-deroga biss taħt kondizzjonijiet speċifiċi u, għal ċertezza legali, abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(d) *Relazzjoni ma' drittijiet oħra*

20. Ir-relazzjoni bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-trademarks hija element importanti tal-abbozz ta' Regolament. F'dan il-kuntest, id-delegazzjonijiet qiesu li huwa importanti li l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi jeħtieġ li tiġi bbilanċjata kontra l-protezzjoni ta' trademarks rinomati u ta' marki magħrufin, b'mod partikolari fid-dawl tad-dritt fundamentali għall-proprjetà stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. It-test ta' kompromess jiċċara li kwalunkwe applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' IĠ jew ta' trademark li tkun qed tikser dan il-bilanċ tikkostitwixxi raġuni għal oppożizzjoni jew, f'każ li IĠ jew trademark tkun ġiet irreġistrata bi żball bi ksur ta' dak il-bilanċ, raġuni għall-kanċellazzjoni.
21. Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-ismijiet tad-dominji fil-proposta tal-Kummissjoni kienu kwistjoni ta' tħassib sinifikanti għal ħafna delegazzjonijiet, li kienu tal-fehma li l-piż amministrattiv li jirriżulta mis-sistema proposta ta' informazzjoni u twissija dwar l-isem tad-dominju u l-obbligi imposti fuq ir-reġistri tal-ismijiet tad-dominji jkunu sproporzjonati. Biex jiġi akkomodat dan it-tħassib, fit-test ta' kompromess tħassru l-Artikoli 31 u 41, filwaqt li ġie ċċarat bħala obbligu ġenerali fl-Artikolu 35 li l-protezzjoni tal-IĠ prevista minn dan ir-Regolament għandha tapplika wkoll għal kwalunkwe użu ta' isem ta' dominju.

(e) *Kontrolli*

22. Abbażi ta' diskussjonijiet estensivi, it-test ta' kompromess jipprevedi sistema ta' kontrolli eħfef minn dik issuġġerita fil-proposta tal-Kummissjoni, b'simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni sinifikanti, b'involviment imnaqqas tal-awtoritajiet pubbliċi u rwol aktar b'saħħtu għall-produtturi.
23. Sistema eħfef ta' verifika, ibbażata fuq awtodikjarazzjoni, ġiet introdotta bħala l-proċedura prestabbilita sabiex tillimita l-piż amministrattiv addizzjonali fuq l-awtoritajiet nazzjonali. Bħala sistema alternattiva għall-verifika tal-konformità, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu kontrolli minn awtorità kompetenti jew parti terza maħtura qabel u wara li prodott jitqiegħed fis-suq.

24. L-obbligu ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-suq kien kwistjoni ta' diskussjoni intensa. Skont it-test ta' kompromess, tali monitoraġġ huwa bbażat fuq analiżi tar-riskju, u, jekk disponibbli, notifiċi minn produttori interessati ta' prodotti IĠ.

(f) Tariffi

25. It-test ta' kompromess jistabbilixxi reġim bilanċjat ta' tariffi b'kont meħud tal-ħtieġa li titrawwem il-kompetittività tal-produttori ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u s-sitwazzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju. L-Istati Membri ser ikollhom il-possibbiltà li jimponu tariffi għall-fażi nazzjonali tal-proċedura standard, u b'hekk ikopru l-kostijiet tagħhom fil-ġestjoni tas-sistema, u li jiġbru tariffi jew imposti biex ikopru l-kostijiet tal-kontrolli. L-EUIPO mhu ser jitlob l-ebda tariffa għall-fażi tal-Unjoni tal-proċedura standard, għalkemm ser jagħmel dan fir-rigward ta' reġistrazzjonijiet diretti, applikazzjonijiet ta' pajjiżi terzi u appelli.

(g) Att ta' Ġinevra

26. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jistabbilixxi konnessjoni bejn is-sistema ta' protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti artiġjanali u industrijali fil-livell tal-UE u l-protezzjoni skont is-sistema ta' Liżbona tad-WIPO, f'konformità mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Għal dak l-għan, it-test tal-Kummissjoni ppropona emendi għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra u għar-Regolament (UE) 2019/1753 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra.

27. Filwaqt li l-emendi proposti għar-Regolament (UE) 2019/1753 għandhom jiġu adottati skont il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarka, l-emenda proposta għad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 teħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-adozzjoni tagħha. L-emenda għad-Deċiżjoni tal-Kunsill għalhekk tħassret mit-test ta' dan l-abbozz ta' Regolament, u l-Kummissjoni ppreżentat, fis-17 ta' Novembru 2022, proposta separata għall-emendar tad-Deċiżjoni tal-Kunsill⁶. F'termini ta' sustanza, iż-żewġ atti jiffurmaw parti minn pakkett interkonness, u għalhekk huwa ssuġġerit li ż-żmien tal-adozzjoni finali u ż-żmien tad-dħul fis-seħħ taż-żewġ atti jiġu allinjati.

IV. KONKLUŻJONI

28. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill (Kompetittività) huwa mistieden jaqbel dwar approċċ ġenerali abbażi tat-test li jinsab fl-Anness, u jagħti mandat lill-Presidenza biex tidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew.

⁶ 14918/22.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [...]

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari **l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 118 [...]**, kif ukoll l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

- (1) Fl-10 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta konkluzjonijiet³ dwar il-politika dwar il-proprjetà intellettuali li jindikaw li kienet lesta li tikkunsidra l-introduzzjoni ta' sistema għal protezzjoni speċifika **tal-indikazzjonijiet ġeografiċi** ta' prodotti mhux agrikoli, ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa tal-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali tagħha.
- (2) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 2020 intitolata “Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE – Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettuali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE”, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tikkunsidra, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, jekk għandhiex tippromponi sistema tal-Unjoni ta' protezzjoni [...] tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti mhux agrikoli.
- (2a) (tmexxa mill-premessa (6)) Sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ il-kompetenza esklużiva tagħha fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni, u f'konformità sħiħa mal-impenji tagħha skont il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, fis-26 ta' Novembru 2019, l-Unjoni aderiet mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi⁴ ("l-Att ta' Ġinevra"), li huwa amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali (WIPO). L-Att ta' Ġinevra joffri mezz biex tinkiseb il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, irrispettivament min-natura tal-oġġetti li għalihom japplikaw, u għalhekk jinkludi [...] l-prodotti artiġjanali u [...] industrijali. Għalhekk, sabiex tikkonforma b'mod sħiħ ma' dawn l-obbligi internazzjonali, hija prijorità tal-Unjoni li tiżgura rikonoxximent u protezzjoni uniformi fl-Unjoni kollha għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.**

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika dwar il-proprjetà intellettuali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni, 10 ta' Novembru 2020 (**ĠU C 379 I, 10.11.2020, p. 1**).

⁴ ĠU L 271, 24.10.2019, p. 15.

- (3) Għal ħafna snin, il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ġiet stabbilita fil-livell tal-Unjoni għall-inbejjed⁵, ix-xorb spirituz⁶, l-inbejjed aromatizzati⁷ [...], kif ukoll għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel⁸ [...]. Huwa xieraq li tiġi pprovduta protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi madwar l-Unjoni kollha fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti eżistenti, filwaqt li tiġi żgurata l-konverġenza, u bil-għan li tiġi inkorporata varjetà kbira ta' prodotti artiġjanali u industrijali, bħal ġawhar naturali, xogħol tal-injam, ġojjellerija, tessuti, bizzilla, pożati, ħġieġ, [...] porċellana, ġlud u qoton mhux ipproċessat.

⁵ Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1).

⁷ [...] Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14). Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fir-rigward tal-inbejjed aromatizzati tħassret bir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

(4) Diversi Stati Membri għandhom reġimi nazzjonali għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi nazzjonali għall-prodotti artiġjanali u industrijali. Dawn ir-reġimi jvarjaw f'termini ta' protezzjoni, amministrazzjoni u tariffi, u ma joffrux protezzjoni lil hinn mit-territorju nazzjonali. Stati Membri oħrajn ma jipprevedux protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-livell nazzjonali għal tali prodotti. Dak ix-xenarju kumpless ta' diversi reġimi ta' protezzjoni fil-livell tal-Istati Membri [...] jista' jirriżulta f'żieda fil-kostijiet u fl-inċertezza legali għall-produtturi u jkun diżinċentiv għall-investiment [...] fis-snaġġa tradizzjonali fl-Unjoni.

(4a) *(tmexxa mill-premessa (7))* Il-produzzjoni ta' prodotti marbuta ma' żona ġeografika spiss tkun ibbażata fuq l-għarfien lokali u ssegwi metodi ta' produzzjoni lokali li għandhom l-għeruw tagħhom fil-wirt kulturali u soċjali tar-reġjun ta' oriġini ta' tali prodotti. Il-protezzjoni effiċjenti tal-proprjetà intellettuali għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għal aktar profittabbiltà u attraenza tal-professjonijiet tas-snaġġa tradizzjonali. Il-protezzjoni speċifika tal-indikazzjonijiet ġeografiċi hija [...] **rikonoxxuta**, sabiex jiġi ssalvagwardjat u żviluppat il-wirt kulturali kemm fiż-żoni agrikoli kif ukoll f'dawk artiġjanali u industrijali. **Għalhekk**, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri effiċjenti għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni li jipproteġu l-ismijiet ta' prodotti artiġjanali u industrijali, li jqisu l-ispeċifikitajiet reġjonali u lokali. Jenħtieġ li s-sistema ta' indikazzjoni ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali tiżgura li t-tradizzjonijiet [...] tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni jinżammu u jittejbu.

(5) [...] Il-protezzjoni **uniformi** fl-Unjoni kollha **għal dan** [...] id-dritt tal-proprjetà intellettuali [...] **tista' tinċentiva** [...] l-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità, id-disponibbiltà wiesgħa ta' tali prodotti għall-konsumaturi u għall-ħolqien ta' impjiegi siewja u sostenibbli, [...] **b'mod partikolari** f'reġjuni rurali u inqas żviluppati. Fid-dawl [...] tal-potenzjal tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jikkontribwixxu għal impjiegi sostenibbli u b'ħiliet għolja f'reġjuni rurali u inqas żviluppati, jenħtieġ li l-produtturi jkollhom l-għan [...] **li** joħlqu [...] proporzjon sostanzjali tal-valur tal-prodott deżinjat minn indikazzjoni ġeografika fiż-żona ġeografika ddefinita.

- (6) *(tmexxa għall-premessa (2a))*
- (7) *(tmexxa għall-premessa (4a))*
- (8) Għalhekk, huwa meħtieġ, [...] l-ewwel nett, **li** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għall-produtturi ta' prodotti artiġjanali u industrijali fis-suq intern; it-tieni, **li** [...] tiġi **żgurata** d-disponibbiltà għall-konsumaturi ta' informazzjoni affidabbli li tappartjeni għal tali prodotti; it-tielet, li jiġu ssalvagwardjati u żviluppati l-wirt kulturali u l-ġarhien tradizzjonali; ir-raba', **li** tiġi żgurata [...] reġistrazzjoni effiċjenti tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, kemm **fil**-livell tal-Unjoni [...] kif ukoll fil-livell [...] internazzjonali; il-ħames, **li** jiġu previsti [...] **kontrolli** [...] effettivi [...] tal-**indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali** fis-**suq intern** kollu [...], **inkluż** fil-kummerċ elettroniku [...]; [...] u fl-aħħar nett, [...] li tiġi **stabbilita** rabta mas-sistema internazzjonali ta' reġistrazzjoni u protezzjoni bbażata fuq l-Att ta' Ġinevra.
- (9) *(imħassar)*
- (10) *(tmexxa għall-premessa (62a))*
- (11) *(tmexxa għall-premessa (62b))*

- (11a) L-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, li għandhom karatteristiċi, attributi jew reputazzjoni marbuta mal-post tal-produzzjoni jew tal-manifattura tagħhom, huma dritt kollettiv li jista' jintuża mill-produtturi eliġibbli kollha f'żona deżinjata li jixtiequ jaderixxu ma' speċifikazzjoni tal-prodott, f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-produtturi li jaġixxu kollettivament għandhom aktar saħħa fis-suq minn produtturi individwali u jistgħu jaġhmlu użu minn sinerġiji meta jimmaniġġaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi tagħhom. L-indikazzjonijiet ġeografiċi jippremjaw lill-produtturi għall-isforzi tagħhom biex jipproduċu firxa varjata ta' prodotti ta' kwalità.
- (11b) Għalhekk jenħtieġ li l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi jiġu sottomessi minn gruppi ta' produtturi. Bħala eċċezzjoni, awtorità lokali jew reġjonali jew entità privata maħtura minn Stat Membru tista' tkun applikant jekk ma jkunx fattibbli li l-produtturi jiffurmaw grupp, pereżempju minħabba l-għadd, il-pożizzjoni ġeografika jew il-karatteristiċi organizzattivi tagħhom. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika tiddikjara dawn ir-raġunijiet għal din il-ħatra.
- (11c) Is-sistema tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għandha l-għan li tippermetti lill-konsumaturi jaġhmlu għażliet ta' xiri aktar infurmati u, f'dan il-kuntest, it-tikkettar u r-reklamar iġhinuhom jidentifikaw b'mod korrett prodotti ta' kwalità fis-suq. L-indikazzjonijiet ġeografiċi, bħala dritt ta' proprietà intellettuali, iġhinu lill-operaturi u lill-kumpaniji jivvalorizzaw l-assi intanġibbli tagħhom. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' kundizzjonijiet inġusti ta' kompetizzjoni u biex jiġi sostnut is-suq intern, kwalunkwe produttur, inkluż produttur ta' pajjiż terz, jenħtieġ li jkun jista' juża isem irreġistrat u jqiegħed fis-suq prodotti deżinjati bħala indikazzjonijiet ġeografiċi madwar l-Unjoni u fil-kummerċ elettroniku, dment li l-prodott ikkonċernat ikun jikkonforma mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni rilevanti u l-produttur ikun soġġett għal sistema ta' kontrolli.

(11d) Prodott ikun eliġibbli għall-protezzjoni bħala indikazzjoni ġeografika jekk iikkonforma ma' tliet kriterji kumulattivi: jenħtieġ li l-prodott ikollu l-għeruq tiegħu jew l-orijini tiegħu f'post, reġjun, lokalità jew pajjiż speċifiku; mill-inqas wieħed mill-istadji tal-produzzjoni jenħtieġ li jseħħ f'din iż-żona ġeografika; u l-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tal-prodott tkun tista' essenzjalment tiġi attribwita ma' din l-orijini ġeografika. Sabiex jiġu ssodisfati dawn il-kriterji, hemm bżonn li tingħata prova li l-orijini ġeografika hija fattur essenzjali fil-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott. Dawn il-kriterji huma konformi mar-rekwiżiti għall-indikazzjonijiet ġeografiċi kif stabbiliti fl-Att ta' Ġinevra u fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, l-oġġetti tal-ikel, l-inbid u l-ispirti. Madankollu, il-prodotti li jmorru kontra l-ordni pubbliku jenħtieġ li jiġu esklużi milli jkunu s-suġġett ta' "indikazzjoni ġeografika protetta". Il-ħtieġa li tiġi applikata l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku jenħtieġ li tiġi vvalutata abbażi ta' kull każ, u jenħtieġ li l-eċċezzjoni tiġi applikata f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(12) [Fejn applikabbli, l-informazzjoni inkluża fid-dokument uniku [...] **jenħtieġ li** ssir disponibbli permezz tal-Passaport Diġitali tal-Prodotti kif stabbilit [...] mir-Regolament **.../...** li jistabbilixxi qafas għar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE⁹.]

(13) *(tmexxa għall-premessa (54a))*

⁹ **[Il-formulazzjoni finali ta' din il-premessa hija soġġetta għall-eżitu tan-negozjati dwar COM (2022) 142 final tat-30.3.2022.]**

- (14) Biex [...] **tinkiseb** protezzjoni [...], jenħtieġ li l-indikazzjonijiet ġeografiċi jiġu rreġistrati [...] fil-livell tal-Unjoni **biss**. [...]. *(sentenza mħassra integrata fil-premessa 19a)* **Il-proċedura standard għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun maqsuma f'żewġ fażijiet: Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu responsabbli għall-ewwel fażi u jenħtieġ li l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju") ikun responsabbli għat-tieni fażi. Fejn Stat Membru jkun ingħata deroga mill-proċedura standard, jenħtieġ li jkun possibbli għal applikant minn dak l-Istat Membru li jissottometti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni direttament lill-Uffiċċju.** Jenħtieġ li l-protezzjoni mogħtija minn dan ir-Regolament mar-reġistrazzjoni tkun disponibbli bl-istess mod għall-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji korrispondenti u li huma protetti fil-pajjiż tal-orijini tagħhom. Jenħtieġ li l-Uffiċċju jwettaq il-proċeduri korrispondenti għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw minn pajjiżi terzi.

- (15) Il-proċeduri għar-reġistrazzjoni, l-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw mill-Unjoni [...] jenħtieġ li jitwettqu mill-Istati Membri u mill-Uffiċċju. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Uffiċċju jkunu responsabbli **rispettivament** għall-istadji distinti ta' [...] **dawk** il-proċeduri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu responsabbli għall-ewwel [...] **fażi (jiġifieri l-fażi nazzjonali)**, li tikkonsisti f'li jirċievu l-applikazzjoni mingħand l-applikanti, li jivvalutawha, li jmexxu l-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni [...] u, wara [...] **li titlesta b'suċċess l-ewwel fażi**, li jissottomettu [...] l-applikazzjoni lill-Uffiċċju **biex jingħata bidu għat-tieni fażi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-arranġamenti proċedurali dettaljati għall-fażi nazzjonali, li jistgħu jinkludu konsultazzjonijiet bejn l-applikant u l-avversarji nazzjonali, kif ukoll is-sottomissjoni ta' rapport mill-applikant dwar l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet, u ta' kwalunkwe bidla li ssir fl-applikazzjoni.** Jenħtieġ li l-Uffiċċju jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet fit-tieni [...] **fażi** tal-proċedura **(jiġifieri l-fażi tal-Unjoni)**, imexxi [...] l-proċedura ta' oppożizzjoni u [...] jagħti jew jirrifjuta li jagħti l-protezzjoni għall-indikazzjoni ġeografika. Jenħtieġ li l-Uffiċċju jwettaq ukoll il-proċeduri korrispondenti għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw minn pajjiżi terzi [...].

- (16) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet [...] għall-**indikazzjoni ġeografika** mill-awtoritajiet nazzjonali, jenħtieġ li jkun possibbli għal żewġ Stati Membri jew aktar li:
- (i) jikkooperaw [...] fil-fażi nazzjonali tal-proċeduri, inkluż dawk il-proċeduri [...] għall-eżami, l-oppożizzjoni nazzjonali, is-sottomissjoni [...] tal-applikazzjoni lill-Uffiċċju, l-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni [...]; u (ii) jiddeċiedu li wieħed minnhom jiġġestixxi dawn il-proċeduri anki f'isem l-Istat Membru l-ieħor jew l-Istati Membri kkonċernati. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li [...] **dawn** l-Istati Membri [...] jinformat, **mingħajr dewmien**, lill-Kummissjoni **b'dan** [...].
- (17) **F'ċerti ċirkostanzi**, [...] **jenħtieġ li jkun** possibbli li [...] l-Istati Membri jiksibu deroga [...] mill-obbligu li jaħtru awtorità nazzjonali fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali [...] **biex tmexxi l-fażi nazzjonali tal**-proċeduri għar-reġistrazzjoni, **inkluż** l-oppożizzjoni nazzjonali, l-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni [...]. **Jenħtieġ li** [...] dik id-deroga [...] tqis il-fatt li ċerti Stati Membri ma għandhomx sistema nazzjonali speċifika għall-**protezzjoni** [...] tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, [...] li l-interess lokali f'dawn il-pajjiżi biex jipproteġu dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi [...] huwa minimu [...], **u li**, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ma jkunx ġustifikat li [...] l-Istat Membru **inkwistjoni** jiġi obligat jistabbilixxi [...] l-infrastruttura **kollha meħtieġa** [...] [...]. [...] **Ikun** aktar [...] **effiċjenti** u **kosteffettiv** [...] li jiġi pprovdut **mezz** [...] alternattiv [...] għall-gruppi ta' produttori minn dawn l-Istati Membri biex jipproteġu l-prodotti tagħhom, [...] **jiġifieri** "proċedura ta' reġistrazzjoni diretta" **mal-Uffiċċju. Din l-alternattiva** [...] **twassal ukoll għal** vantaġġi fil-kostijiet [...] **għall**-Istati Membri. *(is-sentenzi li fadal tal-premessa 17 tmexxew għall-premessi 18a u 18b)*

(18) Il-Kummissjoni, wara li tirrieżamina l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru, jenħtieġ li tadotta [...] deċiżjoni li tistabbilixxi d-dritt tal-Istat Membru li jagħżel il-proċedura eċċezzjonali ta' reġistrazzjoni diretta. Il-Kummissjoni, meta teżamina talba għal deroga, jenħtieġ li tivvaluta ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż pereżempju l-għadd ta' prodotti protetti eżistenti, l-għadd ta' produttori u gruppi ta' produttori potenzjalment interessati fl-Istat Membru rispettiv, id-daqs tal-popolazzjoni tal-Istat Membru rispettiv, informazzjoni dwar il-bejgħ, il-kapaċitajiet tal-manifattura, is-swieg għall-prodotti inkwistjoni, u data oħra li l-Istat Membru iqis bħala informazzjoni rilevanti biex turi interess baxx fil-livell nazzjonali. L-informazzjoni li tinġabar permezz ta' konsultazzjoni pubblika, sħarriġ tas-suq, analiżi tas-suq, jew ittri minn kmamar professjonali rilevanti jew minn kwalunkwe sors uffiċjali rilevanti ieħor tista', pereżempju, tintuża mill-Kummissjoni biex tieħu deċiżjoni. [...] Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm id-dritt li timmodifika [...] jew li tirtira deċiżjoni li tippermetti lil Stat Membru jagħżel [...] il-proċedura ta' reġistrazzjoni diretta [...], jekk il-kundizzjonijiet [...] ma jibqgħux jiġu ssodisfati mill-Istat Membru kkonċernat. Dan [...], pereżempju, ikun il-każ jekk l-għadd ta' applikazzjonijiet diretti sottomessi minn applikanti minn dak l-Istat Membru jaqbeż, b'mod rikorrenti maż-żmien, l-għadd oriġinali stmat minn dak l-Istat Membru [...].

(18a) *(tmexxa mill-premessa (17))* Skont din id-deroga, jenħtieġ li l-proċeduri għar-reġistrazzjoni, l-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-kanċellazzjoni jiġu ġestiti direttament mill-Uffiċċju. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Uffiċċju jirċievi [...] l-assistenza tal-awtoritajiet amministrattivi [...] tal-Istat Membru kkonċernat meta [...] jkun meħtieġ mill-Uffiċċju, permezz tal-ħatra ta' punt uniku ta' kuntatt nazzjonali [...], b'mod partikolari, fir-rigward tal-aspetti relatati mal-eżami tal-applikazzjoni. Jenħtieġ li l-punt uniku ta' kuntatt ikollu l-kompetenza u l-għarfien lokali meħtieġa dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-punt uniku ta' kuntatt, meta jassisti lill-Uffiċċju, jista' jikkonsulta esperti oħra b'għarfien speċifiku dwar il-prodott u/jew dwar is-settur. [...] *(l-aħħar sentenza mħassra tmexxiet għall-premessa 57a)*

- (18b)** *(tmexxa mill-premessa (17))* Madankollu, jenħtieġ li l-applikazzjoni [...] tal-proċedura ta' reġistrazzjoni [...] diretta ma teżentax lill-Istati Membri mill-obbligu li jaħtru awtorità kompetenti [...] għall-kontrolli [...] u li jieħdu l-azzjoni meħtieġa [...] biex jinfurzew id-drittijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (19) Sabiex jiġi żgurat [...] teħid ta' deċiżjonijiet **konsistenti** fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni [...], jenħtieġ li l-Uffiċċju jiġi informat fil-ħin u b'mod regolari [...] **bi** proċeduri [...] li jinbnew quddiem il-qrati nazzjonali jew korpi oħrajn dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni [...] **sottomessa** mill-**awtorità kompetenti ta'** Stat Membru lill-Uffiċċju, u bir-riżultati finali tagħhom. Għall-istess raġuni [...], **jenħtieġ li l-awtorità kompetenti żżomm lill-Uffiċċju informat bi kwalunkwe proċediment amministrattiv u ġudizzjarju nazzjonali kontra d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti kkonċernata li jiista' jaffettwa r-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika.** [...]
- (19a)** **B'effett mid-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni minn Stat Membru għar-reġistrazzjoni fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu protezzjoni temporanja lil indikazzjoni ġeografika fil-livell nazzjonali qabel titlesta l-fażi tal-Unjoni, mingħajr ma jaffettwaw is-sug intern jew il-politika kummerċjali tal-Unjoni. Protezzjoni nazzjonali temporanja mhijiex possibbli fil-każ ta' reġistrazzjoni diretta.**

- (20) Sabiex l-operaturi, li l-interessi tagħhom ikunu affettwati mir-reġistrazzjoni ta' [...] **indikazzjoni ġeografika**, jitħallew ikomplu jużaw [...] **l-isem tal-indikazzjoni ġeografika** għal perjodu ta' żmien limitat, [...] jenħtieġ li jingħataw derogi speċifiċi **mill-Uffiċċju** għall-użu ta' [...] **dawn** l-ismijiet [...] **għall**-perjodi tranżizzjonali. Tali perjodi **tranżizzjonali** jistgħu jkunu permessi wkoll **sabiex** jingħelbu diffikultajiet temporanji, [...] bl-oġettiv fit-tul li jiġi żgurat li l-produtturi kollha jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw il-kunflitti bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-trademarks, l-ismijiet [...] **li** altrimenti jmorru kontra l-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika [...] jistgħu jkomplu jintużaw taħt ċerti kundizzjonijiet u għal perjodu tranżizzjonali.
- (21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, **f'każijiet debitament ġustifikati**, ikollha d-dritt li tiegħu fidejha mill-Uffiċċju s-setgħa li tiddeċiedi [...] **dwar** applikazzjonijiet individwali għar-reġistrazzjoni, **dwar** l-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott jew **dwar** il-kanċellazzjoni. **Kwalunkwe Stat Membru jew l-Uffiċċju jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni teżerċita din il-prerogattiva. Il-Kummissjoni tista' wkoll taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess. F'kull każ**, jenħtieġ li l-Uffiċċju jibqa' responsabbli għall-eżami tal-fajl, għall-proċedura ta' oppożizzjoni, [...] u, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet tekniċi, [...] **jenħtieġ li** [...] **jipprovdi abbozz** għal att ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. [...]
- (21a)** *(tmexxa mill-premessa (24))* Għall-aħjar funzjonament tas-suq intern, huwa importanti li l-produtturi u operaturi oħrajn ikkonċernati, l-awtoritajiet u l-konsumaturi [...] **ikollhom** [...] aċċess rapidu u faċli [...] għall-informazzjoni rilevanti dwar [...] indikazzjonijiet ġeografiċi.

- (22) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-uniformità fl-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit [...] u jinżamm reġistru elettroniku tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali ("**ir-reġistru tal-Unjoni**") [...] **li jkun** aċċessibbli għall-pubbliku. [...] Jenħtieġ li r-reġistru tal-Unjoni jiġi żviluppat, miżmum u mantnut mill-Uffiċċju, u [...] jenħtieġ li l-persunal għall-operat tiegħu jiġi pprovdut mill-Uffiċċju.
- (23) L-Unjoni tinnegozja ftehimiet internazzjonali, inkluż dawk li jikkonċernaw **il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi**, mas-sħab kummerċjali tagħha. Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali madwar l-Unjoni kollha tista' toriġina wkoll minn [...] **tali** ftehimiet, irrISPettivament mir-reġistrazzjonijiet internazzjonali **previsti** skont l-Att ta' Ġinevra [...] u **mis**-sistema ta' reġistrazzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament. [...] **L**-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fl-Unjoni [...] bis-saħħa tar-reġistrazzjonijiet internazzjonali [...] skont l-Att ta' Ġinevra jew [...] **skont il**-ftehimiet internazzjonali mas-sħab kummerċjali **tal-Unjoni** [...] **jenħtieġ li jiddaħħlu fir-reġistru tal-Unjoni sabiex jiġi ffaċilitat il-forniment lill-pubbliku ta' informazzjoni** u, b'mod partikolari, biex jiġu żgurati l-protezzjoni u l-kontroll tal-użu li għalih jitqiegħdu dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi [...].
- (24) (*tmexxa għall-premessa (21a)*)

- (25) [...] **Jenħtieġ li kwalunkwe parti** affettwata **b'mod negattiv minn** deċiżjoni [...] **tal-** Uffiċċju [...] **jkollha d-dritt ta' appell** [...] **quddiem il-Bordijiet tal-Appell** tal-Uffiċċju. [...] Id-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell, min-naħa tagħhom, [...] **huma soġġetti għal rimedju ġudizzjarju** quddiem il-Qorti Ġenerali **tal-Unjoni Ewropea**, li għandha ġurisdizzjoni biex tannulla jew tbiddel id-deċiżjoni kkontestata.
- (26) (*imħassar*)
- (27) [...] **Jenħtieġ li jiġi stabbilit** [...] Bord Konsultattiv, [...] magħmul minn [...] **esperti** mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni [...] sabiex jipprovdi l-għarfien u l-kompetenza [...] meħtieġa dwar ċerti prodotti u ċirkostanzi lokali [...] li jistgħu jinfluwenzaw l-eżitu tal-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Sabiex jappoġġaw lill-Uffiċċju [...] **fil**-valutazzjoni tiegħu ta' applikazzjonijiet individwali fi kwalunkwe stadju tal-eżami, tal-oppożizzjoni, tal-appell jew ta' proċeduri oħrajn b'għarfien tekniku speċifiku, id-Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiki jew il-Bordijiet tal-Appell, fuq inizzjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-Kummissjoni, jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jikkonsultaw mal-Bord Konsultattiv. Il-konsultazzjoni, meta tkun meħtieġa, jenħtieġ li tinkludi wkoll opinjoni ġenerali dwar il-valutazzjoni tal-kriterji tal-kwalità, l-istabbiliment tar-reputazzjoni [...] **tal-indikazzjoni ġeografika**, id-determinazzjoni tan-natura ġenerika ta' isem **tal-indikazzjoni ġeografika**, u l-valutazzjoni [...] tar-riskju ta' konfużjoni għall-konsumaturi. Jenħtieġ li l-opinjoni tal-Bord Konsultattiv ma tkunx vinkolanti. Jenħtieġ li l-proċedura tal-ħatra tal-esperti u l-operat tal-Bord Konsultattiv jiġu speċifikati fir-regoli ta' proċedura tal-Bord Konsultattiv, [...] **adottati** mill-Bord tat-Tmexxija.

(28) Jenħtieġ li tingħata protezzjoni [...] lill-indikazzjonijiet ġeografiċi [...] **mdaħħla** fir-reġistru tal-Unjoni [...], biex jiġi żgurat li dawn jintużaw b'mod ġust u sabiex jiġu evitati Prattiki li jistgħu jiżgwidaw lill-konsumaturi, **b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti komparabbli. Sabiex jiġi stabbilit jekk prodotti jkunux komparabbli ma' prodotti protetti b'indikazzjonijiet ġeografiċi, jenħtieġ li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha. Dawk il-fatturi jenħtieġ li jinkludu: jekk il-prodotti jkollhomx karatteristiċi oġġettivi komuni, bħall-metodu ta' produzzjoni, id-dehra fiżika jew l-użu tal-istess materja prima; f'liema ċirkostanzi l-prodotti jintużaw mill-perspettiva tal-pubbliku rilevanti; jekk dawn jiġux distribwiti ta' spiss permezz tal-istess kanali; u jekk ikunux soġġetti għal regoli simili dwar il-kummerċjalizzazzjoni.** *(il-partijiet li fadal tal-premessa (28) tmexxew għall-premessa (28a))*

(28a) *(tmexxa mill-premessa (28))* Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u **l-kontrafazzjoni** [...] tiġi miġġielda b'mod aktar effettiv [...], jenħtieġ li l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tapplika wkoll għall-ismijiet tad-dominji fuq l-internet. [...] **Huwa** importanti wkoll li tingħata attenzjoni xierqa lill-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali Relatati mal-Kummerċ u, b'mod partikolari, l-Artikoli 22 u 23 tiegħu, u lill-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, inkluż l-Artikolu V tiegħu dwar il-libertà tat-tranżitu, li [...] **ġie** approvat bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/800/KE¹⁰. Fi ħdan [...] **dak** il-qafas legali, [...] sabiex il-kontrafazzjoni tiġi miġġielda b'mod aktar effettiv, jenħtieġ li tali protezzjoni tapplika wkoll fir-rigward ta' merkanzija li tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma tkun rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera, u mqiegħda taħt proċeduri doganali speċjali bħal dawk relatati mat-tranżitu, il-ħżin, l-użu speċifiku jew l-ipproċessar.

¹⁰ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

- (29) [...] **Jenħtieġ li jiġi żgurat li** l-użu ta' indikazzjoni ġeografika [...] fl-isem ta' prodott manifatturat— **li jkollu, bħala parti jew komponent,** [...] il-prodott deżinjat mill-indikazzjoni ġeografika [...]. [...] — isir f'konformità ma' prattiki kummerċjali ġusti u ma jdgħajjifx, ma jnaqqasx [...] **jew** ma jkunx [...] detrimental għar-reputazzjoni tal-prodott deżinjat mill-indikazzjoni ġeografika. Jenħtieġ li jintalab il-kunsens tal-grupp [...] ta' produttori jew tal-produttur individwali tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata biex ikun permess tali użu.
- (30) Jenħtieġ li t-termini ġeneriċi li huma simili għal, jew li jiffurmaw parti minn, isem jew terminu li huwa protett minn indikazzjoni ġeografika jżommu l-istatus ġeneriku tagħhom. **Ismijiet omonimi ("omonimi") li jistgħu jiżgwidaw lill-konsumatur fir-rigward tal-identità vera jew l-orijini ġeografika tal-prodott jenħtieġ li ma jiġux irreġistrati bħala indikazzjoni ġeografika.**
- (31) *(l-ewwel sentenza tmexxiet mill-premessa (34))* Jenħtieġ li r-relazzjoni bejn it-trademarks u l-indikazzjonijiet ġeografiċi [...] tiġi ċċarata b'rabta mal-kriterji għar-rifjut tal-applikazzjonijiet għat-trademarks, l-invalidazzjoni tat-trademarks u [...] l-koeżistenza bejn it-trademarks u l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi jeħtieġ li tibbilanċja [...] **kontra** l-protezzjoni tat-trademarks [...] trademarks **rinomati u ta' marki magħrufin** [...], b'mod partikolari fid-dawl tad-dritt fundamentali għall-proprjetà kif stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. **Meta tiġi vvalutata r-relazzjoni bejn indikazzjoni ġeografika u trademark, għandha titqies kwalunkwe kontinwità tal-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika stabbilita permezz ta' reġistrazzjoni jew użu fi Stat Membru, f'każijiet fejn l-indikazzjoni ġeografika tkun ġiet ittrasferita għall-protezzjoni tal-Unjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament, u kwalunkwe priyorità mitluba f'applikazzjoni għal trademark.**

- (32) Il-gruppi ta' produttori għandhom rwol essenzjali fil-proċess ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, kif ukoll fl-emendi [...] **għall-**ispeċifikazzjonijiet [...] **tal-prodotti** u **fit-**talbiet għall-kanċellazzjoni. Jenħtieġ li dawn ikunu mġhamra bil-mezzi meħtieġa biex [...] jidentifikaw u jikkummerċjalizzaw **aħjar** il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi [...] **speċifikat** ir-rwol [...] tal-gruppi ta' produttori.
- (33) [...] **Ir-reġistri tal-ismijiet tad-dominju tal-ogħla livell bil-kodiċi tal-pajjiż stabbiliti fl-Unjoni u li joffru proċeduri alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim biex isolvu t-tilwim relatat mar-reġistrazzjoni tal-ismijiet tad-dominju jenħtieġ li jitħeġġu biex jiġi żgurat li tali proċeduri jkopru wkoll l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Wara proċedura alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim jew proċedura ġudizzjarja xierqa, ir-reġistri tal-ismijiet ta' dominji tal-ogħla livell bil-kodiċi tal-pajjiż stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jirrevokaw jew jittrasferixxu isem ta' dominju rreġistrat taħt dominju tal-ogħla livell bil-kodiċi tal-pajjiż, fejn reġistrazzjoni ta' isem ta' dominju tikser il-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika, jew l-isem ta' dominju jkun qed jintuża in mala fede, jew ikun ġie rreġistrat mid-detentur tagħha mingħajr ma jkollu dritt jew interess leġittimu fl-indikazzjoni ġeografika.** *(parti minnu tmexxiet mill-Artikolu 41)*

- (34) *(tmexxa għall-premessa (31))*
- (35) Sabiex jiġi evitat li jinħolqu kundizzjonijiet iġusti għall-kompetizzjoni, kwalunkwe produttur, inkluż produttur ta' pajjiż terzi, jenħtieġ li jkun jista' juża indikazzjoni ġeografika rreġistrata, diment li l-prodott ikkonċernat ikun konformi mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott rilevanti [...].
- (36) Minħabba [...] li s-sistema ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi madwar l-Unjoni kollha għall-prodotti artiġjanali u industrijali **kif prevista f'dan ir-Regolament hija ġdida** [...], huwa importanti li titqajjem kuxjenza **dwar din l-inizjattiva** fost il-konsumaturi, il-produtturi [...] = speċjalment [...] **l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju** – u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell [...] lokali, **reġjonali, nazzjonali u internazzjonali** [...]. **Għal dan l-għan, jenħtieġ li jitwettqu attivitajiet ta' promozzjoni fuq bażi regolari mill-Uffiċċju sabiex titqajjem kuxjenza.**
- (37) Is-simboli, l-indikazzjonijiet u l-abbrevjazzjonijiet **tal-Unjoni** li jidentifikaw [...] indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati, u d-drittijiet fihom li jappartjenu għall-Unjoni, jenħtieġ li jkunu protetti fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, bil-għan li jiġi żgurat li jintużaw fuq prodotti ġenwini u li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa rigward il-kwalitajiet tal-prodotti.
- (38) L-użu ta' simboli u indikazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-imballaġġ ta' prodotti artiġjanali u industrijali deżinjati b'indikazzjoni ġeografika jenħtieġ li jiġi rrakkomandat sabiex din il-kategorija ta' prodotti, u l-garanziji marbuta magħhom, ikunu magħrufa aħjar mill-konsumaturi u biex tkun tista' ssir identifikazzjoni aktar faċli ta' dawn il-prodotti fis-suq, biex b'hekk jiġu ffaċilitati l-kontrolli. Jenħtieġ li l-użu ta' tali simboli jew indikazzjonijiet jibqa' volontarju għall-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi.

- (39) Għal raġunijiet ta' ċarezza għall-konsumaturi u biex tiġi massimizzata l-koerenza [...] **mar-regoli tal-Unjoni** għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli, l-oġġetti tal-ikel, l-inbid u l-ispirti, jenħtieġ li s-simbolu tal-Unjoni użat fuq l-imballaġġ ta' prodotti artiġjanali u industrijali deżinjati b'indikazzjoni ġeografika jkun identiku għal dak użat fuq l-imballaġġ ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, inbejjed u xorb spirituw deżinjati b'indikazzjoni ġeografika stabbilita skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 664/2014¹¹.
- (40) Il-valur miżjud tal-indikazzjonijiet ġeografiċi huwa bbażat fuq il-fiduċja tal-konsumatur. Tali fiduċja tista' tkun ġustifikata biss jekk ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tkun akkumpanjata minn verifika u [...] **mekkaniżmi ta' kontroll** effettivi, inkluż **responsabbiltajiet ta'** [...] diliġenza dovuta **għall-produtturi**.
- (41) Sabiex [...] **tiġi żgurata l-fiduċja** tal-konsumaturi [...] fil-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti artiġjanali u industrijali protetti minn indikazzjonijiet ġeografiċi, jenħtieġ li l-produtturi jkunu soġġetti għal sistema **bbażata fuq awtodikjarazzjoni tal-produttur** li tivverifika l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott qabel **u wara** li l-prodott jitqiegħed fis-suq. [...] **Għall-finijiet ta' kontroll, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet kompetenti għall-verifika tal-konformità u l-monitoraġġ.** *(is-sentenza segwenti tmexxiet mill-premessa (17))* L-awtorità kompetenti [...] maħtura [...] għall-**fażi nazzjonali** u l-awtorità kompetenti maħtura għall-kontrolli [...] jistgħu jkunu differenti, meta Stat Membru jiddeċiedi hekk. **Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu liberi li jiddelegaw ċerti kompiti ta' kontroll lil korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew lil persuni fiżiċi.** *(l-aħħar sentenza tmexxiet għall-bidu tal-premessa (44))*

¹¹ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-orġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji oħrajn (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17).

- (42) *(tmexxa għall-premessa (46a))*
- (43) *(tmexxa għall-premessa (47a))*
- (44) *(L-ewwel sentenza tmexxiet mit-tmiem tal-premessa (41))* L-awtodikjarazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata **mill-produttur** lill-awtorità kompetenti [...] **responsabbli għall-verifika** [...] tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. [...] [...] **Biex tintwera** [...] konformità kontinwa, **it-tali awtodikjarazzjoni jenħtieġ li tiġi sottomessaa kull tliet snin.** Jenħtieġ li l-produtturi [...] **jissottomettu awtodikjarazzjoni aġġornata** minnufih [...] **meta** jkun hemm emenda għall-ispeċifikazzjoni [...] tal-prodott **b'mod** li taffettwa [...] l-prodott [...] **ikkonċernat.** [...] **Il-verifika abbażi tal-awtodikjarazzjoni ma żżommx lill-produtturi milli jkollhom il-konformità tagħhom verifikata minn partijiet terzi eliġibbli. It-tali ċertifikazzjoni ta' parti terza tista' tissupplimenta awtodikjarazzjoni, iżda mhux tissostitwiha.**
- (45) Jenħtieġ li l-awtodikjarazzjoni tipprovdi **lill**-awtoritajiet kompetenti [...] bl-informazzjoni kollha meħtieġa [...] **rigward** il-prodott u [...] l-konformità tiegħu mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta fl-awtodikjarazzjoni tkun komprensiva, jenħtieġ li tiġi stipulata struttura armonizzata għal tali dikjarazzjonijiet [...]. [...] Jenħtieġ li **l**-produttur jieħu r-responsabbiltà sħiħa [...] **li** l-informazzjoni pprovduta fl-awtodikjarazzjoni **tkun korretta**, u jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi l-evidenza meħtieġa sabiex tkun tista' ssir il-verifika ta' dik l-informazzjoni.

- (46) [...] Malli jirċievu l-awtodikjarazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu eżami tal-awtodikjarazzjoni li jinkludi mill-inqas verifika tal-kompletezza u l-konsistenza tal-awtodikjarazzjoni. Inkonsistenzi ovvji għandhom jiġu ċċarati u l-informazzjoni niegħsa għandha tiġi mitluba mingħand il-produttur. Jekk ir-riżultat tal-verifika tal-awtodikjarazzjoni jkun pożittiv, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ, jew iġġedded, ċertifikat ta' awtorizzazzjoni uffiċjali għall-produzzjoni tal-prodott deżinjat mill-indikazzjoni ġeografika.
- (46a) *(tmexxiet minn premessa (42))* Biex [...] tiġi żgurata konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott [...] u biex tiġi vverifikata l-korrettezza tal-informazzjoni pprovduta fl-awtodikjarazzjoni wkoll, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti [...] twettaq [...] verifiki tal-konformità, bi frekwenzi xierqa, abbażi ta' analiżi tar-riskji u [...] tqis ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità [...], inkluż prattiki frodulent i jew qarrieqa.
- (47) Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti [...] tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-produtturi kkonċernati jirrimedjaw is-sitwazzjoni u jipprevjenu aktar nuqqasijiet ta' konformità [...]. [...]
- (47a) Bħala alternattiva għall-proċedura ta' verifika bbażata fuq l-awtodikjarazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu proċedura ta' verifika bbażata fuq il-verifika tal-konformità minn awtorità kompetenti jew parti terza maħtura. Tali proċedura ta' verifika jenħtieġ li tinkludi kontrolli tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott kemm qabel kif ukoll wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq.

(47b) *(tmexxa mill-premessa (43))* [...] **Il-monitoraġġ tal-użu** tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-suq [...] huwa importanti biex jiġu evitati prattiki frodulenti u qarrieqa, biex b'hekk jiġi żgurat li l-produtturi tal-prodotti deżinjati b'indikazzjoni ġeografika jiġu ppremjati kif xieraq għall-valur miżjud tal-prodotti tagħhom li jkollhom indikazzjoni ġeografika u li [...] **L-persuni li jiksru** dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi ma jitħallewx ibiġhu [...] **t-tali** prodotti. Għalhekk, [...] l-Istati Membri jenħtieġ li **jagħmlu monitoraġġ tas-suq għad-detezzjoni ta' kwalunkwe użu ħażin tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, u jwettqu kontrolli abbażi ta' analiżi tar-riskji. Jekk ikun meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu liberi li jiddelegaw lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jew lill-persuni fiżiċi ċerti kompiti ta' kontroll relatati mal-verifika tal-orijini, jew tal-proċess ta' produzzjoni, tal-prodott ikkonċernat.** [...] **Fil-każ ta' detezzjoni ta' użu ħażin tal-indikazzjoni ġeografika, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti** tieħu passi amministrattivi u ġudizzjarji xierqa biex tipprevjeni jew twaqqaf l-użu ta' ismijiet fuq prodotti jew servizzi li jiksru l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, fejn tali prodotti jiġu mmanifatturati [...] **jew** ikkummerċjalizzati, jew tali servizzi jiġu kkummerċjalizzati, fit-territorju tagħhom. **Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti biex jimmonitorjaw is-suq, li jista' jkun l-istess bħall-awtoritajiet maħtura għall-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Tali monitoraġġ jista' jitwettaq mill-awtoritajiet li jwettqu kontrolli jew kontrolli tal-prodotti fis-suq f'kuntest ieħor, pereżempju l-kontroll doganali, is-sorveljanza tas-suq jew l-infurzar tal-liġi.** [...]

(47c) [...] Fi kwalunkwe każ, il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stabbiliti fid-Direttiva 2004/48/KE¹² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huma [...] disponibbli għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Fl-istess ħin, ir-Regolament (UE) Nru 608/2013¹³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal azzjoni mill-awtoritajiet doganali fejn oġġetti suspettati bi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, inkluż indikazzjonijiet ġeografiċi, huma, jew kellhom ikunu, soġġetti għal superviżjoni doganali jew kontroll doganali fit-territorju doganali tal-Unjoni. Bl-istess mod, ir-Regolament (UE) Nru 386/2012¹⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-kompiti u l-attivitajiet tal-Uffiċċju relatati mal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż it-trawwim tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri u bejniethom.

(47d) *(tmexxa mill-premessa (54))* Għall-funzjonament ottimali tas-suq intern, huwa importanti li l-produtturi jkunu jistgħu juru malajr u faċilment [...] li huma awtorizzati jużaw [...] isem li huwa protett bħala indikazzjoni ġeografika, [...] bħal pereżempju fil-kuntest ta' kontrolli doganali [...] jew spezzjonijiet tas-suq, jew [...] fuq talba tas-sħab kummerċjali jew tal-konsumaturi. Għal dan il-għan, [...] jenħtieġ li jintuża ċertifikat uffiċjali ta' awtorizzazzjoni għall-produzzjoni tal-prodott deżinjat mill-indikazzjoni ġeografika li jkun [...] għad-dispożizzjoni tal-produttur.

¹² Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45).

¹³ Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15).

¹⁴ Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2012 li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż it-tlaqqigħ ta' rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat bħala Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (ĠU L 129, 16.5.2012, p. 1).

- (48) *(tmexxa għall-premessa (57c))*
- (49) *(kopert mill-premessa (41)) [...]* **Peress li s-sistema ta' kontroll stabbilita f'dan ir-Regolament issegwi approċċ pubbliku-privat, il-produtturi nfushom jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika billi jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li jwettqu kontrolli tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, akkumpanjati, kif applikabbli, minn kontrolli interni tal-konformità ġestiti u organizzati mill-gruppi tal-produtturi. Barra minn hekk, il-produtturi jenħtieġ li jiġu mħeġġa jappoġġaw lill-awtoritajiet pubbliċi fil-monitoraġġ tal-użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-suq. Jenħtieġ li l-produtturi wkoll jiġu mħeġġa jinnotifikaw kwalunkwe nuqqas ta' konformità jew ksur possibbli lill-awtoritajiet kompetenti.**
- (50) Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar [...] l-awtoritajiet kompetenti, u dwar il-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti **u l-persuni fiżiċi li jkunu ġew delegati lilhom ċertu kompiti ta' kontroll,** issir pubblika mill-Istati Membri u mill-Uffiċċju biex tiġi żgurata [...] trasparenza u biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jikkuntattjawhom.

- (51) L-istandards Ewropej (l-istandards EN) żviluppati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u l-istandards internazzjonali żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) jenħtieġ li jintużaw għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti, kif ukoll minn dawk il-korpi għall-operazzjonijiet tagħhom. Jenħtieġ li l-akkreditazzjoni ta' dawk il-korpi ssir f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008¹⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. [...] Jenħtieġ li l-korpi ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti stabbiliti barra mill-Unjoni juru l-kompatibbiltà tagħhom mal-istandards tal-Unjoni jew rikonoxxuti internazzjonalment abbażi ta' ċertifikat maħruġ minn korp li huwa firmatarju **rikonoxxut** ta' ftehim multilaterali ta' rikonoxximent taħt l-awspiċċi tal-Forum Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni **(IAF) jew membru tal-Kollaborazzjoni Internazzjonali tal-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji (ILAC).** Jenħtieġ li l-persuni fiżiċi **jkollhom il-kompetenza, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettqu dawk il-kompiti ta' kontroll iddelegati lilhom; jenħtieġ li huma jkunu kwalifikati u esperjenzati kif xieraq, u jaġixxu b'mod imparzjali u ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dawk il-kompiti ta' kontroll iddelegati lilhom.**

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

(52) Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tiġi miġġielda l-kontraffazzjoni [...] b'mod effettiv, jenħtieġ li l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tapplika kemm għall-ambjent offline kif ukoll għal dak online, inkluż l-ismijiet tad-dominju fuq l-internet. Is-servizzi intermedjarji, b'mod partikolari l-pjattaformi online, [...] **qed jintużaw** dejjem aktar għall-bejgħ ta' prodotti, inkluż daww iddeżinjati minn indikazzjonijiet ġeografiċi [...]. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-informazzjoni relatata mar-reklamar, il-promozzjoni u l-bejgħ ta' merkanzija li tikser il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi previsti [...] **f'dan ir-Regolament** titqies bħala kontenut illegali skont it-tifsira tal-Artikolu [...] **3(h)** tar-Regolament (UE) [...] 2022/**2065**¹⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tkun soġġetta għal obbligi u miżuri skont dak ir-Regolament.

(52a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi mmirati biex jiskoraġġixxu mġiba frodulentli possibbli mill-produtturi ta' prodotti li jindikaw indikazzjoni ġeografika u persuni li jiksru l-indikazzjoni ġeografika.

(53) Meta jitqies li l-**fażijiet tal-produzzjoni** ta' prodott deżinjat [...] mill-indikazzjoni ġeografika **jistgħu jsiru f'aktar minn Stat Membru wieħed, u filwaqt li jitqies li l-prodotti** manifatturati fi Stat Membru wieħed jistgħu jinbiegħu fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li tiġi żgurata l-assistenza **u l-kooperazzjoni** amministrattiva bejn l-Istati Membri biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli effettivi [...].

(54) *(tmexxa għall-premessa (47d))*

¹⁶ Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tad-19 ta' Ottubru 2022** dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (**ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1**).

- (55) L-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra hija rregolata mir-Regolament (UE) 2019/1753¹⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament jiġu emendati biex tiġi żgurata l-koerenza mal-introduzzjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali [...] fil-livell tal-Unjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Uffiċċju jkollu r-rwol tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali skont l-Att ta' Ġinevra. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/1753 applikabbli għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti dwar l-iskemi ta' protezzjoni [...] **tal-Unjoni** għall-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli jenħtieġ li jiġu allinjati ma' dan ir-Regolament.
- (56) **Bl-istess mod**, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1001¹⁸ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jiġi emendat biex tiġi żgurata koerenza ma' dan ir-Regolament. [...] Jenħtieġ li **l-**kompiti konferiti fuq l-Uffiċċju skont dan ir-Regolament **fir-rigward tal-amministrazzjoni u l-promozzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi** jiżdiedu mal-**lista ta' kompiti tal-Uffiċċju kif stabbiliti** fl-Artikolu 151 ta' dak ir-Regolament. [...]

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1).

¹⁸ Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1).

- (57) Għall-kompiti mogħtija lill-Uffiċċju skont dan ir-Regolament, jenħtiegħ li l-lingwi tal-Uffiċċju jkunu l-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. [...] Jenħtiegħ li l-Uffiċċju jaċċetta traduzzjonijiet ivverifikati, f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, ta' dokumenti u informazzjoni **fir-rigward tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u l-proċeduri ta' kanċellazzjoni ppreżentati minn pajjiżi terzi** [...]. Jekk ikun xieraq, l-Uffiċċju jista' juża traduzzjonijiet awtomatiċi vverifikati.
- (57a)** *(tmexxa mill-premessa (13))* Jenħtiegħ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jitolbu [...] tariffa biex ikopru l-kostijiet tagħhom tal-ġestjoni tas-sistema ta' indikazzjoni ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali. L-Istati Membri [...] **jistgħu** jitolbu tariffi aktar baxxi għall-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju [...]. Jenħtiegħ li l-Uffiċċju ma jitlobx tariffa għal [...] applikazzjonijiet [...] **ippreżentati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri wara t-tlestija tal-fażi nazzjonali tal-proċedura**. *(is-sentenza segwenti tmexxiet parzjalment mill-premessa 17)* Madankollu, jenħtiegħ li l-Uffiċċju jimponi [...] tariffa għal [...] **proċeduri relatati ma' reġistrazzjoni diretta, meta jitqies li din il-proċedura tiġġenera aktar xogħol għall-Uffiċċju mill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet diġà eżaminati fil-fażi nazzjonali. Jenħtiegħ li l-Uffiċċju jitlob ukoll tariffi għal applikazzjonijiet u appelli minn pajjiżi terzi**. [...] It-tariffi imposti mill-Uffiċċju jenħtiegħ li jiġu stabbiliti permezz ta' Att ta' Implimentazzjoni tal-**Kummissjoni** [...].

(57b) Il-kostijiet meħtieġa għall-istabbiliment tas-sistema tal-IT li hija prevista skont dan ir-Regolament – jiġifieri s-sistema diġitali għall-applikazzjonijiet, ir-reġistru tal-Unjoni, u l-portal diġitali – jenħtieġ li jiġu ffinanzjati mis-surplus baġitarju akkumulat tal-Uffiċċju. Il-kostijiet operattivi li jirriżultaw mill-kompiti fdati lill-Uffiċċju b'dan ir-Regolament għandhom ikunu koperti mill-baġit operattiv tal-Uffiċċju.

(57c) *(tmexxiet mill-premessa 48)* Jenħtieġ li [...] t-tariffi jew l-imposti tal-kontroll ikopru, iżda ma jaqbżux, il-kostijiet, inkluż l-ispejjeż ġenerali fissi, imġarrba mill-awtorita[...]jiet [...] kompetenti **li** jwettqu [...] kontrolli uffiċjali. L-ispejjeż ġenerali fissi jistgħu jinkludu l-kostijiet tal-organizzazzjoni u l-appoġġ meħtieġa għall-ippjanar u t-twettiq [...] tal-kontrolli uffiċjali, **u fejn applikabbli, l-użu ta' korpi ta' ċertifikazzjoni jew persuni ġuridiċi.** [...] Jenħtieġ li ma tintalab l-ebda tariffa għas-sottomissjoni tal-awtodikjarazzjoni u l-ipproċessar tagħha.

- (58) Jenħtieġ li s-sistema diġitali tkun tinkludi front office u back office u tippermetti konnessjoni bla xkiel, interfaċċa mas-sistemi tal-IT tal-awtoritajiet nazzjonali, u integrazzjoni fihom, ir-reġistru [...] tal-Unjoni [...] u s-sistema tal-IT [...] tal-**WIPO** [...]għall-**amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra** [...]. Jenħtieġ li r-reġistru tal-Unjoni [...] jkun simili fid-dehra u mill-anqas ikollu **l-istess** funzjonalitajiet [...] **bħar-reġistru** [...] **tal-Unjoni** [...] tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed, l-oġġetti tal-ikel u l-prodotti agrikoli.

(58a) *(Tmexxa mill-premessa (60))* Sabiex ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu emendati jew issupplimentati, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta': **(i) l-ispeċifikazzjoni** tar-rekwiżiti **fir-rigward tad-dokumentazzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;** [...] **(ii)** l-elenkar ta' oġġetti addizzjonali tad-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament **għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;** **(iii) l-ispeċifikazzjoni tal-kriterji għall-proċedura ta' reġistrazzjoni diretta;** **(iv)** id-definizzjoni tal-proċeduri u l-kondizzjonijiet applikabbli għat-tħejjija u s-sottomissjoni [...] tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni **fil-faġi tal-Unjoni;** [...] **(v)** [...] il-kontenut tal-avviż tal-appell **u** l-proċedura għall-preżentazzjoni u l-eżami ta' appell; **(vi)** [...] il-kontenut [...] u l-forma tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell; **u (vii) modifiki għall-informazzjoni u r-rekwiżiti [...] fir-rigward tal-awtodikjarazzjoni fil-forma li tinsab fl-Anness** [...] **I** [...]. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

¹⁹ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

- (59) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta': (i) l-istabbiliment ta' regoli [...] **li** jillimitaw l-informazzjoni li tinsab fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, fejn tali limitazzjoni tkun meħtieġa biex jiġu evitati applikazzjonijiet eċċessivament voluminużi għar-reġistrazzjoni; (ii) l-istabbiliment ta' regoli dwar il-forma tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott; (iii) (*imħassar*); (iv) l-ispeċifikazzjoni tal-format u tal-preżentazzjoni online tad-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament; (v) id-determinazzjoni tal-ammonti tat-tariffi u l-modi li bihom għandhom jitħallsu; (vi) [...] **l-istabbiliment ta' regoli dettaljati** dwar il-proċeduri għat-tnejn u s-sottomissjoni ta' [...] applikazzjonijiet diretti; (vii) l-ispeċifikazzjoni tal-proċeduri, u l-kriterji għat-tnejn u s-sottomissjoni [...] tal-applikazzjonijiet **għar-reġistrazzjoni fil-fażi tal-Unjoni**, u l-forma u l-preżentazzjoni tagħhom, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-applikazzjoni, inkluż għal applikazzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn territorju nazzjonali wieħed; (viii) l-istabbiliment ta' [...] regoli [...] **dwar** is-sottomissjoni ta' [...] kummenti minn awtoritajiet nazzjonali u persuni b'interess leġittimu [...] **u l-ispeċifikazzjoni tal-format u l-preżentazzjoni online tal-avviż ta' kummenti**; (ix) [...] **l-istabbiliment tal-proċeduri applikabbli għal sitwazzjonijiet fejn il-Kummissjoni tista' tieħu f'idejha applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-Uffiċċju**; (x) l-ispeċifikazzjoni ta' regoli dwar il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika; (xi) it-teħid ta' deċiżjoni dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jappartjenu għal prodotti ta' pajjiżi terzi li jkunu protetti fl-Unjoni skont ftehim internazzjonali – **għajr skont l-Att ta' Ġinevra** – li għalih l-Unjoni tkun parti kontraenti; (xii) [...] **l-istabbiliment tal-arkitettura tal-IT** u l-preżentazzjoni tar-reġistru tal-Unjoni [...]; (xiii) l-ispeċifikazzjoni tal-format u l-preżentazzjoni online ta' siltiet mir-reġistru tal-Unjoni [...]; (xiv) l-istabbiliment ta' regoli dettaljati dwar il-proċeduri, il-forma u l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni ta' emenda għal emenda [...] **sostanzjali** u dwar il-proċeduri, il-forma u l-komunikazzjoni ta' emendi [...] **mhux sostanzjali** lill-Uffiċċju; (xv) l-istabbiliment ta' regoli dettaljati dwar il-proċeduri u l-forma tal-proċess ta' kanċellazzjoni, kif ukoll dwar il-preżentazzjoni tat-talbiet;

(xvi) l-istabbiliment tal-karatteristiċi tekniċi tas-simboli u l-indikazzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll ir-regoli tal-użu tagħhom fuq il-prodotti kummerċjalizzati taħt indikazzjoni ġeografika rreġistrata, inkluż regoli dwar il-verżjonijiet lingwistiċi xierqa li għandhom jintużaw; **u**

(xvii) l-ispeċifikazzjoni tan-natura u tat-tip tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata u tal-metodi għall-iskambju ta' informazzjoni [...] **għall-finijiet ta' kontrolli**. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰.

(60) *(tmexxa għall-premessa (58a))*

(61) Il-protezzjoni attwali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-livell nazzjonali hija bbażata fuq diversi approċċi regolatorji. Il-fatt li jkun hemm żewġ sistemi paralleli fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali [...] **jista' johlq** ir-riskju ta' konfużjoni għall-konsumaturi u l-produtturi. Is-sostituzzjoni ta' sistemi nazzjonali speċifiċi ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mill-qafas regolatorju [...] għall-Unjoni kollha [...] toħloq ċertezza legali, tnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet nazzjonali, tiżgura kompetizzjoni ġusta bejn il-produtturi tal-prodotti li għandhom tali indikazzjonijiet, kif ukoll kostijiet prevedibbli u relattivament baxxi, u ssaħħaħ il-kredibbiltà tal-prodotti [...] f'għajnejn il-konsumaturi. Għal dan il-għan, il-protezzjoni speċifika nazzjonali għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali [...] **jenħtieġ li tiegħ** teżisti [...] **tnax-il xahar** wara [...] d-**data ta' applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament. Il-protezzjoni tista' tiġi estiża fiż-żmien sakemm il-proċess ta' reġistrazzjoni jiġi ffinalizzat għal dawk [...] l-**indikazzjonijiet ġeografiċi** nazzjonali identifikati mill-Istati Membri interessati. Xi Stati Membri, **jiġifieri dawk** li huma parti għall-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Orġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom, **skont dak il-Ftehim**, irreġistraw indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għall-prodotti artiġjanali u industrijali li joriġinaw minn pajjiżi terzi [...]. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1753 jiġi emendat sabiex jippermetti l-protezzjoni kontinwa ta' dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.

²⁰ **Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni** (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (62) [...] **Minħabba li** huwa meħtieġ perjodu ta' żmien biex jiġi żgurat li l-qafas għall-funzjonament xieraq ta' dan ir-Regolament ikun fis-seħħ biex tinholq sistema ta' reġistrazzjoni tal-Unjoni u internazzjonali, [...] inkluż **is**-sistema tal-IT li tistabbilixxi u timmaniġġa r-reġistru tal-Unjoni [...], jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika [...] **minn /ĠU: l-ewwel jum tal-ħamsa u għoxrin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament/.**
- (62a)** *(tmexxa mill-premessa (10))* Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta **tad-Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea**. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament jiġi interpretat u applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji, inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà, inkluża l-proprjetà intellettuali.

(62b) *(tmexxa mill-premessa (11))* Il-kompiti assenjati minn dan ir-Regolament lill-awtoritajiet tal-Istati Membri [...], lill-Kummissjoni u [...] lill-Uffiċċju [...], jistgħu jeħtieġu l-ipproċessar ta' data personali, b'mod partikolari fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu identifikati l-applikanti fi proċedura ta' emenda jew kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni, l-avversarji fi proċedura ta' oppożizzjoni jew il-benefiċjarji ta' perjodu tranżizzjonali mogħti biex jidderogaw mill-protezzjoni ta' isem irregiſtrat. [...] L-ipproċessar ta' tali data personali huwa għalhekk meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. **F'dak il-kuntest,** [...] ir-Regolament (UE) 2016/679²¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2002/58/KE²² **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill iqiegħdu ċerti obbligi fuq l-Istati Membri,** [...] **filwaqt** li r-Regolament (UE) 2018/1725²³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **iqiegħed ċerti obbligi fuq il-Kummissjoni u l-Uffiċċju. Meta l-Kummissjoni u l-Uffiċċju jiddeterminaw b'mod konġunt l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data, dawn jenħtieġ li jitqiesu bħala kontrolluri konġunti.**

²¹ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

²² Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

²³ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(62c) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi uniformi għall-prodotti artiġjanali u industrijali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' dan ir-Regolament, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(63) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu [...] fit-**2 ta' Ġunju 2022**,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:

- (a) ir-reġistrazzjoni, il-protezzjoni [...] u l-kontroll [...] ta' [...] ismijiet li jidentifikaw prodotti artiġjanali u industrijali bi kwalità, reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn partikolari marbuta mal-orijini ġeografika tagħhom, u [...]
- (b) l-indikazzjonijiet ġeografiċi mdaħħla fir-reġistru internazzjonali stabbilit taħt is-sistema internazzjonali ta' reġistrazzjoni u protezzjoni bbażata fuq l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("**l-Att ta' Ġinevra**") amministrati mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali (WIPO).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal prodotti artiġjanali u industrijali [...].
2. Dan ir-Regolament ma japplikax għax-xorb spirituż kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/787²⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, **għall**-inbejjed kif [...] **imsemmi** fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013²⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, [...] **iew** għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel kif [...] **imsemmi** fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012²⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
3. Ir-reġistrazzjoni [...] u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi huma mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-produtturi li jikkonformaw ma' regoli oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk relatati mat-tqegħid ta' prodotti fis-suq, mar-rekwiżiti tat-tikkettar tal-prodotti [...], [...] mas-sikurezza tal-prodotti, [...] mal-protezzjoni tal-konsumatur u mas-sorveljanza tas-suq.

²⁴ Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' orġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1).

²⁵ Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

²⁶ Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

4. [...] Id-Direttiva (UE) 2015/1535²⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **ma għandhiex tapplika għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont dan ir-Regolament.**

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "prodotti artiġjanali **u industrijali**" tfisser prodotti:
- (i)** manifatturati kompletament bl-idejn, bl-għajnuna ta' għodod manwali **jew diġitali** jew b'mezzi mekkaniċi kull meta l-kontribut manwali dirett ikun l-aktar komponent importanti tal-prodott lest; **jew**
 - (ii)** [...] manifatturati b'mod standardizzat, tipikament fuq skala tal-massa u permezz tal-użu ta' magni;
- (aa)** (*tmexxa mill-punt (g)*) "produttur" tfisser operatur involut fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni ta' prodott **artiġjanali u industrijali** [...];
- (b) (*tmexxa għall-inċiż (ii) tal-punt (a)*)
- (c) (*imħassar*)
- (d) "grupp ta' produttori" tfisser kwalunkwe assoċjazzjoni, irrISPettivament mill-forma legali tagħha, [...] magħmula minn produttori [...] li jaħdmu bl-istess prodott;

²⁷ Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

- (e) "stadju tal-produzzjoni" tfisser kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, **inkluż** l-ipproċessar, **il-ksib, l-estrazzjoni, il-qtugħ** jew il-preparazzjoni, sal-punt [...] fejn il-prodott ikun f'forma li jitqiegħed [...] fis-suq;
- (f) "tradizzjonali" u "tradizzjoni", meta assoċjati ma' prodott li joriġina minn żona ġeografika, ifissru użu storiku pprovat mill-produtturi f'komunità għal perjodu li jippermetti t-trażmissjoni bejn il-ġenerazzjonijiet;
- (g) *(tmexxa għall-punt (aa))*
- (h) "termini ġeneriċi" tfisser:
- (i) l-ismijiet ta' prodotti li, għalkemm ikunu relatati mal-post, mar-reġjun jew mal-pajjiż fejn oriġinarjament kien manifatturat jew kummerċjalizzat il-prodott, ikunu saru l-isem komuni ta' prodott fl-Unjoni; [...]
- (ii) [...] terminu **komuni fl-Unjoni, li huwa** deskrittiv tat-tip ta' prodott [...] **jew tal-** attributi tal-prodott; jew
- (iii)** termini oħrajn li ma jirreferux għal prodott speċifiku;
- (i) "korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti" tfisser [...] **korp, irrISPettivament mill-forma legali tiegħu, li huwa fdat li** jiċċertifika [...] li l-prodotti deżinjati minn indikazzjonijiet ġeografiċi jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott [...];
- (j) "awtodikjarazzjoni" tfisser dokument li fih produttur [...] jindika fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-prodott huwa konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti u li l-kontrolli u l-verifiki kollha meħtieġa għad-determinazzjoni xierqa tal-konformità jkunu twettqu sabiex jintwera l-użu legali tal-indikazzjoni ġeografika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri [...];
- (ja) "L-Uffiċċju" tfisser l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea kif definit skont ir-Regolament (UE) 2017/1001;**

(k) "avviż ta' kumment" tfisser osservazzjoni bil-miktub ippreżentata [...] lill-Uffiċċju [...] li tindika [...] ineżattezzi fl-applikazzjoni, mingħajr ma tiskatta l-proċedura ta' oppożizzjoni [...];

(l) "protezzjoni speċifika nazzjonali għal indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti artiġjanali u industrijali" tfisser titolu ta' proprietà intellettwali skont il-liġi nazzjonali, reġjonali jew lokali li speċifikament jipproteġi ismijiet li jidentifikaw prodotti artiġjanali u industrijali bi kwalità, reputazzjoni jew karatteristiċi oħra partikolari marbuta mal-orijini ġeografika tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' trademarks.

Artikolu 4

[...]

(tmexxa għall-Artikolu 62b)

Artikolu 5

Rekwiżiti għal indikazzjoni ġeografika

- 1.** Sabiex l-isem ta' prodott artiġjanali u industrijali jikkwalifika għall-protezzjoni ta' [...] indikazzjoni ġeografika [...], il-prodott għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) [...] il-prodott joriġina minn post, reġjun jew pajjiż speċifiku;
 - (b) [...] il-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tiegħu hija essenzjalment attribwibbli għall-orijini ġeografika tiegħu; u
 - (c) mill-inqas wieħed mill-istadji tal-produzzjoni tal-prodott iseħħ fiż-żona ġeografika ddefinita.
- 2. Il-prodotti li jmorru kontra l-ordni pubbliku huma esklużi milli jkunu s-suġġett ta' protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika.**

TITOLU II

REĠISTRAZZJONI TAL-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 6

Applikant

1. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għandhom [...] jiġu sottomessi minn grupp ta' produttori [...]. [...]
2. *(tmexxa għall-paragrafi 3a u 3b)*
3. **B'deroga mill-paragrafu 1,** [...] produttur wieħed jista' [...] jkun applikant [...] meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-persuna kkonċernata tkun l-uniku produttur li lest jissottometti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika;
 - (b) iż-żona ġeografika kkonċernata tkun definita minn karatteristiċi naturali mingħajr referenza għall-konfini tal-proprjetà u jkollha karatteristiċi [...] **li** jvarjaw b'mod sinifikanti minn dawk taż-żoni ġirien, jew il-karatteristiċi tal-prodott ikunu differenti [...] **mill-karatteristiċi tal-prodotti** manifatturati f'żoni ġirien.

- 3a. Fuq talba mill-grupp ta' produtturi jew mill-produttur uniku, entità pubblika jew privata tista' tassisti fit-thejijja tal-applikazzjoni u fil-proċedura relatata.**
- 3b. Awtorità lokali jew reġjonali, minbarra kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikoli 11(1) u 45(1), maħtura minn Stat Membru, jew entità privata maħtura minn Stat Membru, tista' titqies bħala applikant skont it-tifsira tal-paragrafu 1. L-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6a għandha tiddikjara r-raġunijiet għal din il-ħatra.**
4. Fil-każ ta' indikazzjoni ġeografika li tiddeżinja żona ġeografika transfruntiera, [...] **diversi applikanti**, minn Stati Membri differenti, **minn Stati Membri u pajjiżi terzi, jew minn pajjiżi terzi**, jistgħu jippreżentaw applikazzjoni konġunta għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika [...].

Artikolu 6a (ġdid)

Applikazzjoni

(tmexxa mill-Artikolu 11(3)) [...] **L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika** għandha tinkludi:

- (a) l-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7;
- (b) id-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 8; **u**
- (c) id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 9.

L-ispeċifikazzjoni tal-prodott

1. **Sabiex l-isem ta' prodott [...]** **artiġjanali jew [...]** industrijali [...] **li għandu jiġi [...]**
protett bħala indikazzjoni ġeografika, **il-prodott** għandu jikkonforma [...] **mal-**
ispeċifikazzjoni tal-prodott, li għandha tinkludi [...]:
- (a) l-isem li għandu jiġi protett bħala indikazzjoni ġeografika, li jista' jkun jew isem ġeografiku tal-post tal-produzzjoni ta' prodott speċifiku, jew inkella isem użat fil-kummerċ jew b'lingwa komuni biex jiddeskrivi l-prodott speċifiku fiż-żona ġeografika ddefinita;
 - (b) deskrizzjoni tal-prodott, inkluż, [...] **fejn** xieraq, il-materja prima;
 - (c) l-ispeċifikazzjoni taż-żona ġeografika ddefinita li toħloq ir-rabta msemmija fil-punt (g);
 - (d) evidenza li l-prodott joriġina, **u li mill-inqas wieħed mill-passi tal-produzzjoni jseħħ**, fiż-żona ġeografika ddefinita **kif** speċifikat fl-Artikolu 5(1), punti **(a) u (c)**;
 - (e) deskrizzjoni tal-metodu ta' kif jiġi manifatturat [...] il-prodott u, fejn xieraq, il-metodi tradizzjonali u l-prattiki speċifiċi użati;
 - (f) informazzjoni dwar l-imballaġġ, fejn l-applikant [...] jiddetermina dan u **fejn l-imballaġġ għandu jsir fiż-żona ġeografika definita, f'liema każ l-applikant għandu** jagħti [...] ġustifikazzjoni suffiċjenti speċifika għall-prodott dwar għaliex l-imballaġġ għandu jsir [...] f**dik** iż-żona [...];

(g) dettalji li jistabbilixxu r-rabta bejn kwalità partikolari, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott u l-oriġini ġeografika msemmija fl-Artikolu 5(1), punt (b);

(h) kwalunkwe regola speċifika ta' tikkettar għall-prodott inkwistjoni;

(ħa) indikazzjoni u dispożizzjonijiet speċifiċi għall-verifika tal-konformità ta' kwalunkwe pass individwali tal-produzzjoni li jitwettaq minn produttur wieħed jew aktar fi Stat Membru jew f'pajjiż terz għajr l-Istat Membru jew il-pajjiż terz li fih toriġina l-indikazzjoni ġeografika;

(i) [...] rekwiżiti oħrajn [...] previsti mill-Istati Membri jew minn grupp ta' produttori, [...] **kif** applikabbli, filwaqt li jitqies il-fatt li tali rekwiżiti jridu jkunu oġġettivi, mhux diskriminatorji u kompatibbli mad-**dritt nazzjonali u** tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli, [...] **li** jillimitaw l-informazzjoni li tinsab fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fil-paragrafu 1, fejn tali limitazzjoni tkun meħtieġa biex jiġu evitati applikazzjonijiet eċċessivament voluminużi għar-reġistrazzjoni u regoli dwar il-forma tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 8
Dokument uniku

1. Id-dokument uniku **għandu jtfassal bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness [...] II u [...]** jinkludi:
 - (a) il-punti ewlenin li ġejjin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:
 - (i) l-isem **li huwa mitlub li jiġi protett bħala indikazzjoni ġeografika**;
 - (ii) deskrizzjoni tal-prodott, inkluż, fejn xieraq, [...] **il-materja prima u informazzjoni dwar l-imballaġġ u t-tikkettar [...]**;
 - (iii) definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika;
 - (b) deskrizzjoni tar-rabta bejn il-prodott u l-orijini ġeografika msemmija fl-Artikolu 7(1), punt (g), inkluż, fejn xieraq, l-elementi speċifiċi tad-deskrizzjoni tal-prodott jew tal-metodu ta' produzzjoni li jiġġustifikaw dik ir-rabta.
2. [...] (*imħassar – peress li l-forma tad-dokument uniku hija ffinalizzata fl-Anness II*)

Dokumentazzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni

1. Id-dokumentazzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni (“dokumentazzjoni ta’ akkumpanjament”) għandha tinkludi:
 - (a) *(tmexxa għall-punt (ca))*
 - (b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant [...];
 - (c) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti **msemija fl-Artikolu 45(1)** u [...], **jekk applikabbli, tal-** korp ta' ċertifikazzjoni tal-prodott **jew persuna fiżika** li tivverifika l-konformità mal-ispeċifikazzjoni [...] tal-prodott **imsemija fl-Artikoli 46(6)(b), 46a(1)(b) u 46b(b);**
 - (ca) informazzjoni dwar kwalunkwe limitazzjoni proposta fuq l-użu jew il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, kif ukoll kwalunkwe miżura tranżizzjonali proposta mill-applikant [...] jew [...] mill-**awtorità kompetenti**, notevolment wara l-proċedura nazzjonali ta' eżami u oppożizzjoni;
 - (d) *(imħassar)*
 - (e) kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa xierqa mill-Istat Membru [...] jew [...] l-applikant.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament [...] **li jispeċifika** r-rekwiżiti **stabbiliti fil-paragrafu 1** [...] *(kliem imħassar tmexxa għall-paragrafu 2a).*
- 2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw dan ir-Regolament** filwaqt li telenka punti addizzjonali tad-dokumentazzjoni ta’ akkumpanjament li għandha tiġi pprovduta.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-format u l-preżentazzjoni online tad-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 10

[...]

(tħassar – tmexxa għall-Artikolu 14a)

Kapitolu 2

Fażi [...] nazzjonali tar-reġistrazzjoni [...]

Artikolu 11

Ħatra tal-awtorità kompetenti u proċedura [...] għall-fażi nazzjonali tar-reġistrazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u **għall**-Artikolu 15, kull Stat Membru għandu [...] jaħtar awtorità kompetenti [...] għall-fażi nazzjonali [...] tar-reġistrazzjoni **ta'** [...] indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.
Dik l-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli wkoll għall-fażi nazzjonali tal-proċeduri fir-rigward ta' kwalunkwe emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott jew fir-rigward tal-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u **għall**-Artikolu 15**a(1)**, applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika **ta' prodott** li toriġina mill-Unjoni għandha tiġi indirizzata lill-**awtorità** [...] kompetenti tal-Istat Membru li minnu joriġina l-prodott ikkonċernat.
3. *(tmexxa għall-Artikolu 6a)*
4. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jaqblu li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed tkun responsabbli mill-fażi nazzjonali tar-reġistrazzjoni u minn proċeduri oħrajn **imsemmija fil-paragrafu 1**, inkluż is-sottomissjoni [...] tal-applikazzjoni tal-Unjoni lill-Uffiċċju, anki f'isem l-Istat Membru l-ieħor jew [...] l-Istati Membri l-oħrajn.

- 5.** *(tmexxa mill-Artikolu 68(3))* L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni **u lill-Uffiċċju** sa *[...] id-data [...] tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]* **bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura, u jżommu dik l-informazzjoni aġġornata. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Uffiċċju, sal-istess data, jekk jiddeċiedu li jikkooperaw ma' xulxin fuq bażi permanenti [...] fir-rigward tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, [...] kif previst [...] fil-paragrafu (4).**

Artikolu 12

Eżami mill-awtorità [...] kompetenti

- 1.** L-awtorità kompetenti għandha teżamina l-applikazzjoni [...] **biex tivverifika li din** tikkonforma mar-rekwiżiti [...] msemmija fl-Artikoli 5 u **6, u li l-applikazzjoni** tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni, **kif** imsemmi fl-Artikoli 7, 8 u 9.
- 2.** **Meta l-awtorità kompetenti ssib li l-applikazzjoni mhijiex kompluta, hija għandha tagħti lill-applikant il-possibbiltà li jikkoreġi jew jimla l-applikazzjoni f'limitu ta' żmien stabbilit.**
- 3.** **Meta, wara l-eżami tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti ssib li l-applikazzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti jew tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għar-reġistrazzjoni, hija għandha tirrifjuta l-applikazzjoni. Inkella, hija għandha tipproċedi għall-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 13.**

Artikolu 13

Proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni

1. [...] **Wara l-eżami msemmi fl-Artikolu 12(1),** l-awtorità kompetenti għandha twettaq proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni. Dik il-proċedura għandha [...] **tipprevedi l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni u [...]** għal perjodu ta' mill-inqas [...] **xahrejn** mid-data tal-pubblikazzjoni li fih kwalunkwe persuna li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti [...] **fl-Istat Membru [...]** responsabbli mill-fażi nazzjonali tar-reġistrazzjoni jew [...] **fl-Istati Membri li minnhom joriġina l-prodott ikkonċernat ("avversarju nazzjonali")** tista' tippreżenta oppożizzjoni għall-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti [...].
2. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati [...] **għall-proċedura ta' oppożizzjoni [...]**. Dawk [...] l-arranġamenti jistgħu jinkludu [...] perjodu ta' konsultazzjoni bejn l-applikant u kull avversarju nazzjonali, **bil-ħsieb ta' soluzzjoni bonarja. L-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet, inkluż kwalunkwe tibdil possibbli fl-applikazzjoni miftiehma, għandu jiġi kkomunikat lill-awtorità kompetenti mill-applikant [...]**.
3. **Oppożizzjoni ppreżentata għandha tkun ammissibbli biss jekk hija bbażata fuq waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin għal oppożizzjoni:**
 - (a) **l-indikazzjoni ġeografika proposta ma tkunx konformi mar-rekwiżiti għall-protezzjoni stipulati f'dan ir-Regolament;**
 - (b) **ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika proposta tmur kontra l-Artikoli 37 u 38 jew l-Artikolu 39(1); jew**

(c) ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika proposta tipperikola l-eżistenza ta' isem identiku jew simili użat fil-kummerċ jew ta' trademark, jew l-eżistenza ta' prodotti li jkunu ilhom legalment fis-suq għal mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni prevista fil-paragrafu 1.

Artikolu 14

Deċiżjoni [...] fil-fażi nazzjonali [...]

1. [...] **Fejn** l-awtorità kompetenti, wara l-eżami tal-applikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riżultati [...] tal-**proċedura ta'** oppożizzjoni [...], [...] **inkluż, fejn applikabbli,** kwalunkwe bidliet fl-applikazzjoni miftiehma mal-applikant, issib li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament huma ssodisfati, hija għandha tiegħu deċiżjoni favorevoli [...] u [...] **tissottometti l-applikazzjoni [...], skont l-Artikolu [...] 18(1), lill-Uffiċċju. Inkella, hija għandha tirrifjuta l-applikazzjoni.**
2. L-awtorità kompetenti għandha [...] **tagħmel** id-deċiżjoni tagħha **pubblika.** [...] **Għandha tippubblika elettronikament** l-ispeċifikazzjoni tal-prodott li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni favorevoli tagħha [...].
- 3.** **L-applikant u kwalunkwe parti oħra fil-proċedura ta' oppożizzjoni għandu jkollhom id-dritt li jressqu appell kontra d-deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 1.**

Artikolu 14a (ġdid)
Protezzjoni nazzjonali temporanja
(eks Artikolu 16)

1. Stat Membru jista', fuq bażi temporanja, jagħti protezzjoni tranżizzjonali [...] lil indikazzjoni ġeografika [...] fil-livell nazzjonali, b'effett mid-data li fiha applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiġi [...] **sottomessa lil**-Uffiċċju.
2. Il-protezzjoni nazzjonali temporanja għandha tieqaf fid-data li fiha jew tiġi adottata deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew inkella tiġi rtirata l-applikazzjoni.
3. Meta indikazzjoni ġeografika ma tiġix irreġistrata skont dan ir-Regolament, il-konsegwenzi tal-protezzjoni nazzjonali temporanja għandhom ikunu r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru kkonċernat.
4. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jipproduċu effetti fil-livell nazzjonali biss, u ma għandu jkollhom l-ebda effett fuq is-suq intern tal-Unjoni jew fuq il-kummerċ internazzjonali.

Kapitolu 2a

Deroga mill-fażi nazzjonali tar-reġistrazzjoni

Artikolu 15

*[...] **Deroga mill-fażi nazzjonali***

1. B'deroga mill-Artikolu 11, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li teżenta lil Stat Membru mill-obbligu li jaħtar awtorità kompetenti u li [...] **tipproċessa** l-applikazzjonijiet [...] **għal** indikazzjonijiet [...] ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali fil-livell nazzjonali, jekk l-Istat Membru, sa [...] **tnax**-il xahar [...] **qabel id-data** [...] tal-**applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament, jipprovdi lill-Kummissjoni b'evidenza [...] **li** turi [...] li l-kondizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:
 - (a) l-Istat Membru kkonċernat ma għandux [...] **protezzjoni speċifika** [...] nazzjonali **għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti artiġjanali u industrijali**; u
 - (b) l-Istat Membru kkonċernat jissottometti talba għal [...] **deroga** akkumpanjata minn valutazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-interess lokali għall-protezzjoni tal-prodotti artiġjanali u industrijali b'indikazzjoni ġeografika huwa baxx.
2. Il-Kummissjoni tista' titlob aktar informazzjoni mingħand l-Istat Membru qabel ma tadotta [...] **deċiżjoni** dwar id-deroga msemmija fil-paragrafu 1.
3. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(1))*

4. Stat Membru li [...] **jkun ingħata** d-deroga f'konformità mal-paragrafu 1 jista' [...] jiddeċiedi li jirtira n-nonparteċipazzjoni tiegħu u jaħtar awtorità kompetenti [...] għall-**fażi nazzjonali tar-reġistrazzjoni** ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali. Tali [...] **rtirar** ma għandux jaffettwa l-ebda proċedura ta' reġistrazzjoni li tkun għaddejja. L-Istat Membru għandu jinforma [...] **bil-miktub** lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li jirtira n-nonparteċipazzjoni.
5. Jekk in-numru ta' applikazzjonijiet diretti sottomessi minn applikanti minn Stat Membru li jkun għażel li ma jipparteċipax jaqbeż sostanzjalment l-istima mogħtija fil-valutazzjoni sottomessa mill-Istat Membru skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tirtira [...] **d-deroga mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1.**
6. [...] **Kwalunkwe** Stat Membru **li jingħata deroga skont il-paragrafu 1** għandu [...] **jaħtar** punt **uniku** ta' kuntatt, **li huwa** indipendenti mill-applikant **u huwa imparzjali**, għal kwalunkwe kwistjoni teknika relatata mal-prodott u l-applikazzjoni, **u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Uffiċċju bid-dettalji ta' kuntatt rilevanti.**
7. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(4))*
8. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(5))*
9. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(6))*
10. *(tmexxa għall-paragrafi (4)(a) u (5) tal-Artikolu 62a)*
11. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(2))*
12. *(tħassar)*
13. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(3))*
14. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(7))*

15. L-Istati Membri li japplikaw il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu eżentati mill-obbligi stipulati fl-Artikoli [...] **44a** sa 58 [...].
16. *(tmexxa għall-Artikolu 15a(9))*

Artikolu 15a (ġdid)

Reġistrazzjoni diretta

- 1.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(3))* [...] **Meta** Stat Membru [...] **ngħata** d-deroga skont [...] **l-Artikolu 15(1)**, [...] **kwalunkwe** applikazzjoni minn [...] **applikant** ta' dak l-Istat Membru għar-reġistrazzjoni, il-kanċellazzjoni jew l-emendar [...] **għall-**ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika **ta' prodott** li joriġina fl-Unjoni għandha tiġi indirizzata **mill-applikant** direttament lill-Uffiċċju.
- 2.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(11))* [...] [...] **L-Artikolu 12, l-Artikolu 14(2), u l-Artikoli 19 u 21 sa 30** għandhom japplikaw, ***mutatis mutandis***, għall-proċedura ta' reġistrazzjoni diretta msemmija f'dan l-Artikolu [...], bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe perjodu ta' eżami msemmi fl-Artikolu 19([...] **3**) [...].
- 3.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(13))* Fil-proċedura ta' reġistrazzjoni diretta, kwalunkwe persuna li jkollha interess leġittimu, ***inkluż avversarji nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)***, tista' tippreżenta oppożizzjoni lill-Uffiċċju f'konformità mal-Artikolu 21.
- 4.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(7))* L-Uffiċċju għandu jikkomunika kemm mal-applikant kif ukoll mal-punt **uniku** ta' kuntatt imsemmi [...] fl-**Artikolu 15(6)** dwar kwalunkwe kwistjoni teknika relatata mal-applikazzjoni.

- 5.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(8))* Fuq talba tal-Uffiċċju, fi żmien [...] **xahrejn** minn tali talba, l-Istat Membru, permezz tal-**punt uniku ta'** kuntatt [...], għandu jipprovdi assistenza b'mod partikolari għall-proċess ta' eżami. Fuq talba tal-Istat Membru, it-terminu jista' jiġi estiż b'**xahrejn** [...]. Tali assistenza għandha tinkludi l-eżami ta' ċerti aspetti speċifiċi tal-applikazzjonijiet ippreżentati mill-applikant lill-Uffiċċju, il-verifika ta' ċerta informazzjoni fl-applikazzjonijiet, il-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet dwar tali informazzjoni u t-tweġiba għal talbiet oħrajn għall-kjarifiki magħmula mill-Uffiċċju b'rabta mal-applikazzjonijiet.
- 6.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(9))* Jekk l-Istat Membru, permezz tal-**punt uniku ta'** kuntatt [...], ma jipprovdi assistenza fil-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu [...] 5, **il-proċedura ta' reġistrazzjoni għandha tiġi sospiża sa sitt xhur. Jekk l-assistenza msemmija hawn fuq ma tingħatax f'dan il-perjodu ta' sitt xhur, id-Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 32 għandha tikkonsulta lill-Bord Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 33 qabel ma tieħu deċiżjoni finali dwar** l-applikazzjoni [...].
- 7.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(14))* Dan [...] l-Artikolu m'għandux japplika għal applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni **ta' indikazzjoni ġeografika li tikkonċerna prodott [...] li joriġina f'pajjiż** terz [...].
- 8.** **Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jispeċifikaw il-kriterji għall-proċedura ta' reġistrazzjoni diretta.**
- 9.** *(tmexxa mill-Artikolu 15(16))* Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni [...] **li jistabbilixxu regoli dettaljati** dwar il-proċeduri għat-tnejn u l-preżentazzjoni ta' [...] applikazzjonijiet diretti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 16

[...] (tħassar – tmexxa għall-Artikolu 14a)

Kapitolu 3

Fażi [...] tal-Unjoni tar-reġistrazzjoni [...]

TAQSIMA 1

PROĊEDURI [...] FIL-LIVELL TAL-UNJONI [...]

Artikolu 17

Fażi tal-Unjoni tal-applikazzjoni

Il-proċeduri fil-livell tal-Unjoni jkopru:

- (a) il-fażi tal-Unjoni ta' applikazzjoni sottomessa mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wara li tkun ittieħdet deċiżjoni favorevoli dwar l-applikazzjoni fil-fażi nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 14(1);
 - (b) l-ipproċessar ta' applikazzjoni diretta sottomessa skont l-Artikolu 15a; jew
 - (c) l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal indikazzjoni ġeografika li tikkonċerna prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz, għajr indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fl-Unjoni skont l-Att ta' Ġinevra jew skont kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor li għalih l-Unjoni hija parti kontraenti.
1. *(inkorporat fl-Artikolu 18(1))*
 2. *(tmexxa għall-Artikolu 18(3))*
 3. *(tmexxa għall-Artikolu 18(2a))*
 4. *(tmexxa għall-Artikolu 18(2b))*
 5. *(tmexxa għall-Artikolu 18(2c))*

6. (tmexxa għall-Artikolu 18(3a))

Artikolu 18

Sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-fażi tal-Unjoni [...]

1. [...] **Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(a)**, applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika **li tikkonċerna prodott li joriġina fl-Unjoni** [...], għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċċju [...] mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru [...] kkonċernat. *(reġistrazzjoni diretta tmexxiet għall-paragrafu 1a; sottomissjoni elettronika tmexxiet għall-paragrafu 2d; sentenza dwar is-sistema diġitali tmexxiet għall-Artikolu 64(2))*

(Tmexxa mill-Artikolu 17(1)) [...] **L-applikazzjoni** għandha tinkludi:

- (a) id-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 8;
- (b) id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 9;
- (c) dikjarazzjoni mill-Istat Membru li lilu tkun ġiet indirizzata inizjalment l-applikazzjoni, li tikkonferma li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont dan ir-Regolament;
- (d) [...] ir-referenza **għall-pubblikazzjoni elettronika** tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott [...] **ippubblikata skont** l-Artikolu [...] **14(2)**.

1a. Applikazzjoni għal reġistrazzjoni diretta skont l-Artikolu 15a, kif imsemmi fl-Artikolu 17(b), għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċċju mill-applikant u għandha tinkludi d-dokumenti elenkati fl-Artikolu 6a.

2. **Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(c)**, [...] applikazzjoni għar-reġistrazzjoni [...] **ta'** indikazzjoni ġeografika [...] **li tikkonċerna prodott li joriġina** f'pajjiż [...] terz [...] għandha tiġi ppreżentata lill-Uffiċċju [...] jew direttament mill-applikant [...] jew mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, **skont liema ikun jippermetti l-pajjiż terz**. *(it-tieni sentenza tal-Artikolu 18(2) tħassret – koperta mill-Artikolu 64(2), flimkien mal-Artikolu 17(c))* L-applikant [...] u [...] l-**awtorità** kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat għandhom jitqiesu bħala [...] **li huma** parti[...] **jiet** għall-proċedura.

2a. *(tmexxa mill-Artikolu 17(3))* [...] Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni [...] sottomessa lill-Uffiċċju [...] **skont il-paragrafu 2** għandha tinkludi:

- (a) l-ispeċifikazzjoni tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 7 [...];
- (b) id-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 8;
- (c) id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 9;
- (d) prova legali tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-pajjiż tal-orijini tagħha;
- (e) prokura meta l-applikant ikun irrappreżentat minn aġent.

2b. *(tmexxa mill-Artikolu 17(4))* Applikazzjoni konġunta għar-reġistrazzjoni **kif** imsemmija fl-Artikolu 6(4) għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċċju mill-**awtorità kompetenti ta'** wieħed mill-Istati Membri kkonċernati jew, **fejn iż-żona transfruntiera tikkonċerna biss pajjiżi terzi**, mill-applikant [...] f'pajjiż terz, direttament jew mill-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż terz. Jekk iż-żona transfruntiera tkun tikkonċerna [...] Stat Membru u pajjiż terz, l-applikazzjoni konġunta għandha tiġi sottomessa mill-**awtoritajiet kompetenti tal-**Istat Membru kkonċernat.

- 2c.** *(tmexxa mill-Artikolu 17(5))* [...] Applikazzjoni konġunta **kif** imsemmija fl-Artikolu 6(4) għandha tinkludi, [...] **fejn applikabbli**, id-dokumenti elenkati fil-paragrafi 1, **1a** u **2a** ta' dan l-Artikolu, mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi kkonċernati. **Il-fażi** nazzjonali relatata tal-proċedura [...] msemija fl-Artikoli 11, 12 u 13 għandha [...] **titwettag** fl-Istati Membri kollha [...] kkonċernati, **ħlief fejn japplika l-Artikolu 11(4)**.
- 2d.** *(tmexxa mill-Artikolu 18(1))* **L**-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata b' mod elettroniku, **bl-użu tas**-sistema diġitali **tal-Uffiċċju msemija fl-Artikolu 64**.
3. Mal-preżentazzjoni **tal-applikazzjoni**, l-Uffiċċju għandu [...] **jippubblikaha** fir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali **("ir-reġistru tal-Unjoni") imsemmi fl-Artikolu 34a**. [...] L-**ispeċifikazzjoni tal-prodott** imsemmija fil-paragrafu 1(d) [...] għandha tinżamm [...] **aġġornata**. *(l-aħħar sentenza tmexxiet mill-Artikolu 17(2))*
- 3a.** *(tmexxa mill-Artikolu 17(6))* Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jiddefinixxu l-proċeduri u l-kundizzjonijiet applikabbli għat-tħejjija u s-sottomissjoni [...] tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni **fil-fażi tal-Unjoni**.
- 3b.** *(tmexxa mill-Artikolu 17(7))* Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-proċeduri, il-forma u l-preżentazzjoni [...] tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni **fil-fażi tal-Unjoni**, inkluż għal applikazzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn territorju nazzjonali wieħed. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 19

Eżami u pubblikazzjoni għall-oppożizzjoni

1. [...] **Fl-eżami tiegħu ta'** applikazzjoni għar-reġistrazzjoni [...] **riċevuta** skont l-Artikolu [...] **18** [...], **l-Uffiċċju** għandu [...] jivverifika li:
 - (a) ma hemm l-ebda żball evidenti;
 - (b) l-informazzjoni pprovduta [...] [...] **skont l-Artikolu** [...] **18(1), (1a) u (2a), kif applikabbli**, tkun kompluta; u
 - (c) id-dokument uniku huwa preċiż u ta' natura teknika u f'konformità mal-Artikolu 8.
2. L-eżami **skont il-paragrafu 1 għandu jitwettaq mid-Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 32 u** għandu jqis l-eżitu tal-proċedura nazzjonali [...] mwettqa mill-Istat Membru kkonċernat, sakemm ma [...] **japplikax** l-Artikolu 15a.
3. L-eżami [...] skont il-paragrafu 1 għandu [...] **jitwettaq fi żmien sitt** xhur. [...] **Fil-każ li** l-perjodu tal-eżami jaqbeż jew x'aktarx jaqbeż [...] is-**sitt** xhur, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-applikant **bil-miktub** bir-raġunijiet għad-dewmien [...].
4. L-Uffiċċju jista' jitlob informazzjoni supplimentari mill-**awtorità kompetenti tal-Istat** Membru kkonċernat. Jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata minn [...] **applikant** minn pajjiż terz jew mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz, tali [...] **applikant** jew awtorità kompetenti għandhom **ikunu meħtieġa** jipprovdu informazzjoni supplimentari, meta jintalbu jagħmlu dan [...] mill-Uffiċċju.

5. Meta [...] d-**Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi** tikkonsulta l-Bord Konsultattiv [...] kif imsemmi fl-Artikolu 33, l-applikant għandu jiġi nnotifikat b'dan u l-perjodu msemmi fil-paragrafu [...] **3** ta' dan l-Artikolu għandu jiġi sospiż.

6. Meta, abbażi tal-eżami mwettaq skont il-paragrafu 1, l-Uffiċċju jsib li l-applikazzjoni mhijiex kompluta jew hija skorretta, l-Uffiċċju għandu jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu lill-**awtorità kompetenti tal-Istat Membru** jew, **fil-każ** ta' [...] applikazzjoni ta' pajjiżi terzi [...], lill-**applikant** [...] jew lill-awtorità kompetenti li tkun issottomettiet [...] l-applikazzjoni **lill-Uffiċċju**, [...] u jitlob li l-applikazzjoni titlesta jew [...] tiġi kkoreġuta fi żmien [...] **xahrejn**. Jekk l-Istat Membru [...] jew, [...] **fil-każ** ta' applikazzjoni minn pajjiż terz [...], l-**applikant** [...] jew l-awtorità kompetenti [...] **kkonċernata**, ma jikkompletawx **jew ma jikkoreġux** l-applikazzjoni sal-iskadenza, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda [...], skont l-Artikolu 24(2). **Fuq talba, it-terminu jista' jiġi estiż b'xahrejn.**

7. Fejn, abbażi tal-eżami mwettaq skont il-paragrafu 1, l-Uffiċċju jqis li l-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament huma ssodisfati, huwa għandu jippubblika, għall-finijiet ta' oppożizzjoni, fir-reġistru tal-Unjoni, [...] id-dokument uniku u r-referenza għall-pubblikazzjoni elettronika tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott **ippubblikata skont l-Artikolu 14(2)** [...] [...]. Id-dokument uniku għandu jiġi ppubblikat bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

[...] Kontestazzjoni [...] kontra d-deċiżjoni fil-fażi nazzjonali

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru [...] għandha immedjatament tinforma lill-Uffiċċju dwar kwalunkwe proċediment amministrattiv u ġudizzjarju nazzjonali kontra d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li jista' jaffettwa r-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika.
2. L-Uffiċċju għandu jkun eżentat mill-obbligu li jirrispetta l-iskadenza [...] għat-tlestija tal-eżami stabbilit fl-Artikolu 19([...] 3), u [...] għandu jinforma lill-applikant bir-raġunijiet għad-dewmien, meta [...] l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru [...]:
 - (a) tinforma lill-Uffiċċju li d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 14(1) tkun ġiet invalidata fil-livell nazzjonali b'deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja immedjatament applikabbli, iżda mhux finali; jew
 - (b) titlob lill-Uffiċċju jissospendi l-eżami minħabba li jkunu nb dew proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji nazzjonali biex tiġi kkontestata l-validità tal-applikazzjoni [...].
3. (tmexxa għall-paragrafu 4a)
4. [...] Meta d-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja msemmija fil-paragrafu 2 tkun [...] saret finali, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha [...] tinforma lill-Uffiċċju b'dan.
- 4a. (tmexxa mill-paragrafu 3) L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 għandu jkollha effett sakemm l-Uffiċċju jiġi infurmat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li [...] r-raġuni għas-sospensjoni ma għadhiex teżisti.

Artikolu 21

Il-proċedura ta' oppożizzjoni u kummenti

1. Fi żmien [...] **tliet** xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dokument uniku u [...] l-ispeċifikazzjoni tal-prodott [...] fir-reġistru tal-Unjoni [...], avversarju jista' jippreżenta oppożizzjoni jew avviż ta' kumment lill-Uffiċċju. L-applikant u l-avversarju għandhom jitqiesu bħala [...] **li huma** parti[...] **jiet** għall-proċedura.
2. Avversarju jista' jkun [...] l-**awtorità** kompetenti ta' Stat Membru, jew ta' pajjiż terz, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti f'pajjiż terz jew fi Stat Membru ieħor bħala avversa [...], **ghair** avversarju nazzjonali [...] **msemmi fl**-Artikolu 13(1).
3. L-Uffiċċju għandu jivverifika l-ammissibbiltà tal-oppożizzjoni, **f'konformità mal-Artikolu 22**. *(il-parti li jifdal ta' dan il-paragrafu tmexxiet għall-paragrafu 3a)*
- 3a.** [...] **Fejn** l-Uffiċċju jqis [...] li l-oppożizzjoni hija ammissibbli, huwa [...] **għandu**, fi żmien [...] **xahrejn** wara [...] li jirċievi dik l-oppożizzjoni, jistieden lill-avversarju u lill-applikant biex jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet għal perjodu raġonevoli ta' mhux aktar minn [...] **tliet** xhur. Fi kwalunkwe ħin matul dak il-perjodu, l-Uffiċċju, fuq it-talba ta' kwalunkwe parti, jista' jestendi t-terminu għall-konsultazzjonijiet b'massimu ta' [...] **tliet** xhur. L-Uffiċċju jista' joffri medjazzjoni għall-konsultazzjonijiet bejn l-applikant u l-avversarju skont l-Artikolu 170 tar-Regolament (UE) 2017 [...]/1001 [...].
4. **Matul il-konsultazzjoni**, l-applikant u l-avversarju għandhom jipprovdu lil xulxin [...] l-informazzjoni rilevanti matul il-konsultazzjoni biex jiġi vvalutat jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
5. [...] Id-**Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi** tista', fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' oppożizzjoni, tikkonsulta mal-Bord Konsultattiv [...] kif imsemmi fl-Artikolu 33, f'liema każ il-partijiet għandhom jiġu nnotifikati u l-perjodu msemmi fil-paragrafu [...] **3a** għandu jiġi sospiż.

6. Fi żmien [...] **xahar** mit-tmien tal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu [...] **3a**, l-applikant [...] **għandu jikkomunika l-eżitu** tal-konsultazzjonijiet **lill-Uffiċċju** [...].
7. Meta, wara t-tmien tal-konsultazzjonijiet, id-data ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 19[...] **7** tkun ġiet immodifikata, l-Uffiċċju għandu jwettaq eżami ġdid tal-applikazzjoni modifikata. Meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tkun ġiet immodifikata b'mod sostanzjali, u l-Uffiċċju jqis li l-applikazzjoni modifikata tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, huwa għandu jippubblika l-applikazzjoni modifikata, f'konformità [...] mal-**Artikolu 19(7)**.
8. L-awtoritajiet u l-persuni [...] **eliġibbli biex jaġixxu** bħala avversarji jistgħu jippreżentaw, **mal-Uffiċċju**, avviż ta' kummenti **kif definit fl-Artikolu 3(k)** [...]. **Tali avviż ma għandux ikun ibbażat fuq ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 22.** L-awtorità kompetenti jew il-persuna li tkun ippreżentat avviż ta' kumment ma għandhiex titqies bħala parti għall-proċedura.
9. L-Uffiċċju [...] **għandu** jikkondividi l-avviż ta' kumment mal-applikant [...].
10. Sabiex tiffaċilita l-ġestjoni [...] tal-proċedura ta' oppożizzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu [...] r-regoli [...] **dwar** is-sottomissjoni ta' [...] tali kummenti u jispeċifikaw il-format u l-preżentazzjoni online [...] tal-**avviżi ta'** kummenti [...]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 22

Ammissibbiltà għall-oppożizzjoni [...]

1. Oppożizzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 għandha tkun ammissibbli biss jekk ikun fiha [...] **l-informazzjoni kollha speċifikata fil-formola stabbilita fl-Anness [...]** **III, u jekk tkun ibbażata fuq waħda jew aktar mir-raġunijiet għall-oppożizzjoni li ġejjin:** [...]

[...] (a) l-indikazzjoni ġeografika [...] **mitluba** ma tkunx konformi mar-rekwiżiti għall-protezzjoni stipulati f'dan ir-Regolament;

(b) ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika [...] **mitluba** tmur kontra l-Artikoli 37 [...] **u** 38 jew l-**Artikolu 39(1)**; **jew**

(c) ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika [...] **mitluba** tipperikola l-eżistenza ta' [...] isem identiku [...] **jew simili użat fil-kummerċ** jew ta' trademark, jew l-eżistenza ta' prodotti [...] **li** jkunu ilhom legalment fis-suq għal mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni **tal-applikazzjoni** prevista fl-Artikolu 18(3).
2. *(tmexxa għall-paragrafu 1)*
3. [...] *(l-ewwel sentenza tmexxiet parzjalment għall-Artikolu 24(5))* **Oppożizzjoni li ma tkunx ammissibbli f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tiġi miċħuda.**

Perjodu tranżizzjonali għall-użu ta' indikazzjoni ġeografika [...]

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu [...] **39(3) sa (7)**, fil-ħin tar-reġistrazzjoni **tal-indikazzjoni ġeografika**, l-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jagħti perjodu tranżizzjonali ta' massimu ta' [...] **ħames** snin biex jippermetti, għall-prodotti li joriġinaw minn Stat Membru jew pajjiż terz, li d-deżinjazzjoni tagħhom tikkonsisti fi jew tinkludi isem li jkiser l-Artikolu 35, l-użu kontinwu [...] **tad**-deżinjazzjoni, li taħtha jkunu ġew ikkummerċjalizzati, diment li oppożizzjoni [...] ammissibbli u motivata, skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21, għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika li l-protezzjoni tagħha tinkiser [...] **uriet** li:
 - (a) ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tipperikola l-eżistenza ta' isem identiku [...] **jew simili użat fil-kummerċ** fid-denominazzjoni tal-prodott; **jew**
 - (b) tali prodotti jkunu ġew ikkummerċjalizzati legalment b'dak l-isem fid-denominazzjoni tal-prodott fit-territorju kkonċernat għal mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni **tal-applikazzjoni** prevista fl-Artikolu 18(3).
2. L-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jestendi l-perjodu tranżizzjonali mogħti skont il-paragrafu 1 sa massimu ta' 15-il sena **b'kollox**, jew jippermetti [...] l-użu kontinwu għal massimu ta' 15-il sena, diment li jintwera wkoll li:
 - (a) l-isem fid-denominazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ikun ilu jintuża legalment b'mod konsistenti u ġust għal mill-inqas 25 sena qabel ma l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika kkonċernata ġiet sottomessa lill-Uffiċċju;
 - (b) l-iskop tal-użu tal-isem fid-denominazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma kien, fl-ebda ħin, li japprofitta mir-reputazzjoni tal-isem tal-prodott li jkun ġie rreġistrat bħala indikazzjoni ġeografika; u
 - (c) il-konsumatur ma kienx jew ma setax kien imqarraq fir-rigward tal-orġini vera tal-prodott.

3. [...] **Deċiżjonijiet** li jagħtu **jew jestendu** perjodu ta' tranżizzjoni, **kif** imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, għandhom jiġu ppubblikati fir-reġistru tal-Unjoni [...].
4. Meta tintuża denominazzjoni msemija fil-paragrafu 1, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini għandha tidher b'mod ċar u viżibbli fuq it-tikketta.
5. [...] **Bil-ħsieb tal-**objettiv fit-tul li jiġi żgurat li l-produtturi kollha ta' prodott [...] **protett** b'indikazzjoni ġeografika fiż-żona kkonċernata jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott relatata, Stat Membru jista' jagħti perjodu tranżizzjonali għall-konformità, ta' massimu ta' [...] **għaxar** snin, [...] b'effett mid-data li fiha l-applikazzjoni tiġi ppreżentata lill-Uffiċċju, diment li l-operaturi kkonċernati jkunu kkummerċjalizzaw legalment il-prodott inkwistjoni, bl-użu tal-ismijiet ikkonċernati kontinwament għal mill-inqas [...] **ħames** snin qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni lill-**awtorità kompetenti** [...] ta' dak l-Istat Membru u jkunu rreferew għal dak il-fatt fil-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni msemija fl-Artikolu 13.
6. Il-paragrafu 5, **bl-eċċezzjoni tal-ħtieġa li l-isem ikun intuża fil-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni**, għandu japplika, *mutatis mutandis*, għal indikazzjoni ġeografika li tirreferi għal żona ġeografika li tinsab f'pajjiż terz [...].

Artikolu 24

Deċiżjoni [...] tal-Uffiċċju dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni

1. (tħassar)
2. Meta, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Uffiċċju mill-eżami mwettaq skont l-Artikolu 19, l-Uffiċċju jqis li kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti msemmija f'dak l-Artikolu ma jkunx issodisfat, huwa għandu [...] jirrifjuta [...] l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.
3. Fejn, [...] **abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Uffiċċju mill-eżami mwettaq skont l-Artikolu 19, l-Uffiċċju jqis li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ġew issodisfati u ma tasal [...] l-ebda oppożizzjoni ammissibbli [...], l-Uffiċċju għandu [...] jirreġistra [...] l-[...]indikazzjoni ġeografika.**
4. Meta l-Uffiċċju jirċievi oppożizzjoni [...] ammissibbli, u wara l-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(3a) ikun intlaħaq ftehim, l-Uffiċċju, wara li jivverifika li l-ftehim jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, għandu [...] jirreġistra [...] l-[...] **indikazzjoni ġeografika**. Jekk ikun meħtieġ, fil-[...] **każ** ta' [...] emendi mhux sostanzjali imsemmija fl-Artikolu 28(2)(b), l-Uffiċċju għandu [...] jemenda [...] l-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikolu 19([...]7).

5. Meta **tkun** waslet [...] oppożizzjoni [...] ammissibbli, iżda ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim wara l-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21(3a), l-Uffiċċju għandu **jeżamina iekk l-oppożizzjoni hijiex ġustifikata sew. L-Uffiċċju għandu jivvaluta r-raġunijiet għall-oppożizzjoni fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, l-Uffiċċju għandu jwarrifjuta l-oppożizzjoni u jirreġistra l-isem protett bħala indikazzjoni ġeografika [...], jew jirrifjuta l-applikazzjoni.**
6. Deċiżjonijiet **tal-Uffiċċju** dwar ir-reġistrazzjoni magħmula skont il-paragrafi 3 sa 5 [...] għandhom [...], fejn xieraq, **jispeċifikaw** [...] kwalunkwe kondizzjoni applikabbli għar-reġistrazzjoni u, **fil-każ ta' kwalunkwe emenda meħtieġa li ma tkunx sostanzjali,** [...] **terġa' tippubblika,** għal finijiet ta' informazzjoni, [...] l-informazzjoni **diġà** ppubblikata [...] **fir-reġistru tal-Unjoni** skont l-Artikolu 19(7) [...].
7. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Uffiċċju għandhom jiġu ppubblikati fir-reġistru tal-Unjoni [...] bil-[...]lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Ir-[...]referenza għad-deċiżjoni ppubblikata fir-reġistru tal-Unjoni [...] għandha tiġi ppubblikata **fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Deċiżjoni [...] tal-Kummissjoni

1. Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni tista' tiegħu f'idejha mill-Uffiċċju, fi kwalunkwe ħin qabel it-tmiem tal-proċedura, fuq inizzjattiva tagħha stess, [...] **jew fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew tal-Uffiċċju, is-setgħa li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' [...] indikazzjoni ġeografika fejn tali [...] reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika mitluba [...] tista' tmur kontra l-politika** [...] pubblika, jew **ir-reġistrazzjoni jew ir-rifjut tagħha jistgħu jipperikolaw** il-kummerċ jew ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni. *(l-aħħar żewġ sentenzi ta' dan il-paragrafu tmexxew għall-paragrafu 1a u 1b)*
- 1a. Meta, skont il-paragrafu 1 il-Kummissjoni tkun ħadet f'idejha l-proċedura, [...] l-Uffiċċju għandu [...] jipprovd** lill-Kummissjoni **b'abbozz għad-**[...]deċiżjoni [...] **msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 tal-Artikolu 24** [...].
- 1b.** Il-Kummissjoni għandha tadotta **kwalunkwe deċiżjoni biex tiegħu f'idejha l-proċedura, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u [...] kwalunkwe deċiżjoni** dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, **kif imsemmi fil-paragrafu 1a, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2) u għandhom jiġu ppubblikati fir-reġistru tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 34a.**
- 1c.** [...] **Il-paragrafi 1, 1a u 1b** [...] għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-kanċellazzjoni **ta' indikazzjoni ġeografika** u [...] **kwalunkwe** emenda [...] **għall-**ispeċifikazzjoni tal-prodott.
- 1d.** *(tmexxa mill-paragrafu 3)* **Għall-finijiet tal-paragrafu 1, 1a u 1b, l-Uffiċċju għandu jiżgura li l-Kummissjoni jkollha aċċess, permezz tas-sistema diġitali msemmija fl-Artikolu 64,** għad-[...]dokumenti li jikkonċernaw [...] l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, kwalunkwe emenda [...] **għall-**ispeċifikazzjoni tal-prodott u kwalunkwe kanċellazzjoni [...].

2. [...] **Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni [...] li jistabbilixxu l-proċeduri applikabbli għas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1** [...]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2) [...].
3. *(tmexxa għall-paragrafu 1d.)*

Artikolu 26

[...]

(tħassar – tmexxa għall-Artikolu 34a)

Artikolu 27

[...] (tħassar – tmexxa għall-Artikolu 34b)

Emendi għal speċifikazzjoni ta' prodott

1. **L-applikant li f'ismu ġiet irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika, jew** grupp ta' produttori **jew produttur** li għandhom interess leġittimu, jistgħu [...] **jitolbu** l-approvazzjoni ta' emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata.
2. L-emendi għal speċifikazzjoni ta' prodott għandhom jiġu kklassifikati f'żewġ kategoriji:
 - (a) [...] emendi **sostanzjali kif imsemmi fil-paragrafu 3**, li jeħtieġu proċedura ta' opposizzjoni fil-livell tal-Unjoni; u
 - (b) [...] emendi **mhux sostanzjali**, li għandhom jiġu ttrattati fil-livell tal-Istat Membru jew tal-pajjiż [...] terz.
3. Emenda għandha titqies bħala [...] emenda **sostanzjali** jekk tkun tikkonċerna revizzjoni tad-dokument uniku u jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-emenda tkun tinkludi bidla fl-isem **tal-indikazzjoni ġeografika**, jew fl-użu tal-isem [...];
 - (b) l-emenda ttriskja [...] li **timmina** r-rabta maż-żona ġeografika msemmija fid-dokument uniku [...]; **jew**
 - (c) l-emenda tinvolvi aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.
4. **Fl-eżami tal-emendi sostanzjali, il-passi tal-fażi nazzjonali u tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikoli 6, 12 sa 15, u l-Artikoli 19 sa 25 għandhom japplikaw mutatis mutandis. Id-deċiżjonijiet dwar** [...] emendi **sostanzjali** għandhom [...] **jittieħdu** mill-Uffiċċju jew, fejn japplika l-Artikolu 25, mill-Kummissjoni. [...].

5. Kwalunkwe [...] emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata, [...] **minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 3, għandha titqies bħala [...]** emenda **mhux sostanzjali, li għandha taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi li fit-territorju tagħhom joriġina l-prodott. Emendi mhux sostanzjali, ladarba jiġu approvati, għandhom jiġu kkomunikati lill-Uffiċċju. Fejn japplika l-Artikolu 15a, emendi mhux sostanzjali għandhom jiġu approvati mill-Uffiċċju.**
6. [...] **Talbiet** għall-emendi msemmija fil-paragrafu 2 sottomessi mill-**awtorità kompetenti ta'** pajjiż terz jew minn produttori stabbiliti f'pajjiż terz għandu jkun fihom prova li l-emenda mitluba hija konformi mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-seħħ f'dak il-pajjiż terz.
7. [...] **Fejn talba għal** emenda **sostanzjali** li tikkonċerna indikazzjoni ġeografika ta' Stat Membru tirrigwarda wkoll emendi [...] **mhux sostanzjali**, l-emendi [...] **sostanzjali** [...] **biss** [...] **għandhom jiġu eżaminati f'konformità mal-paragrafu 4.** [...] *(l-aħħar sentenza tħassret u tmexxiet għall-paragrafu 7a)*
- 7a.** *(tmexxa mill-paragrafu 7)* Fejn xieraq, l-**awtorità kompetenti tal-Istat Membru** kkonċernat jew l-Uffiċċju jistgħu jistiednu lill-applikant **li f'ismu tkun ġiet irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika** biex jimmodifika elementi oħra tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott [...].
8. [...] Emendi **sostanzjali u mhux sostanzjali, ladarba jiġu approvati, għandhom isiru pubbliċi mill-Uffiċċju** fir-reġistru tal-Unjoni [...].

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-proċeduri, il-forma u l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal [...] emenda **sostanzjali** u dwar il-proċeduri, il-forma u l-komunikazzjoni ta' [...] emendi **mhux sostanzjali** lill-Uffiċċju. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 29

Kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni

1. [...] **Indikazzjoni ġeografika rreġistrata tista' tiġi kkanċellata [...], meta:**
- (a) [...] ma tkunx tista' tiġi żgurata aktar il-konformità mar-rekwiżiti għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott;
 - (b) [...] l-ebda prodott ma jkun tqiegħed fis-suq taħt l-indikazzjoni ġeografika għal [...] perjodu konsekuttiv **ta' mill-inqas seba' [...]** snin[...]; **jew**
 - (c) **tkun ġiet irreġistrata bi ksur tal-Artikolu 37(1), l-Artikolu 38(1) jew (2), jew l-Artikolu 39(1).**
2. [...] **Indikazzjoni ġeografika tista' tiġi kkanċellata wkoll fuq talba tal-applikant li f'ismu ġiet irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika.**
- 2a. Talba għall-kanċellazzjoni skont il-paragrafu 1 tista' tiġi sottomessa mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, pajjiż terz jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu.**

- 2b. Il-Kummissjoni jew l-Uffiċċju jistgħu jibdew proċedura ta' kanċellazzjoni fuq l-inizjattiva tagħhom stess, abbażi tar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b).**
3. **Il-passi tal-fażi nazzjonali u tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikoli 6, 12 sa 14, 15a, u [...] 19 sa 25 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, [...] għall-proċedura ta' kanċellazzjoni.**
4. Qabel ma jiddeċiedi li jikkancelła r-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika, l-Uffiċċju għandu [...], **fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 2a u 2b, jinforma lill-applikant li f'ismu tkun ġiet irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika. Qabel ma jiddeċiedi li jikkancelła r-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta** lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz **ikkonċernat** [...]. Jekk l-indikazzjoni ġeografika tkun ġiet irreġistrata skont l-Artikolu 15a, id-[...] **Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi** [...] **tista'** tikkonsulta lill-Bord Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 33 **u lill-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 15(6) tal-Istat Membru kkonċernat.**
- 4a. Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jiġi aġġornat kif xieraq meta tiġi kkanċellata indikazzjoni ġeografika.**
- 4b. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi li huma protetti fl-Unjoni skont l-Att ta' Ġinevra jew skont ftehim internazzjonali ieħor li għalih l-Unjoni hija parti kontraenti.**
5. Il-Kummissjoni [...] **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-proċeduri u l-forma tal-proċess ta' kanċellazzjoni, kif ukoll dwar il-preżentazzjoni tat-talbiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 30

Appell

1. Kwalunkwe parti għal proċedura rregolata f'dan ir-Regolament li tiġi affettwata b'mod negattiv minn [...] deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju f'dik il-proċedura tista' tippreżenta appell lill-Bordijiet tal-Appell imsemmija fl-Artikolu 34 kontra d-deċiżjoni. *(it-tieni u t-tielet sentenzi tmexxew għall-paragrafu 1a)* L-Istati Membri għandu [...] jkollhom ukoll id-dritt li jingħaqdu mal-proċedura tal-**appell**.
- 1a.** *(tmexxa mill-paragrafu 1)* Il-preżentazzjoni tal-appell għandu jkollu effett sospensiv. [...] Deċiżjoni [...] tal-Uffiċċju **li ma tkunx ġiet ikkontestata** għandha tidħol fis-seħħ [...] **fil-jum wara d-data** tal-[...] **iskadenza** tal-perjodu ta' appell imsemmi fil-paragrafu 3.
2. Deċiżjoni [...] **li** ma ttemmx il-proċedimenti fir-rigward ta' waħda mill-partijiet għandha tiġi appellata biss flimkien mad-deċiżjoni finali.
3. [...] **L-avviż** tal-appell għandu jiġi ppreżentat bil-miktub [...] **lill**-Uffiċċju fi żmien [...] **xahrejn** mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni. L-avviż għandu jitqies li [...] ġie ppreżentat biss meta tkun tħallset it-tariffa għall-appell. Fil-[...] **każ** ta' appell, għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni bil-miktub li tistabbilixxi r-raġunijiet tal-appell fi żmien [...] **erba'** xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni.
4. [...] *(kopert mill-paragrafu 5)*

5. Wara eżami tal-ammissibbiltà tal-appell, il-Bordijiet tal-Appell għandhom jiddeċiedu dwar **il-merti tal-appell**. Il-Bordijiet tal-Appell għandhom jew jeżerċitaw kwalunkwe setgħa fil-kompetenza tad-**Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 32**, li kienet responsabbli għad-deċiżjoni **kkontestata** [...], jew jirrinvijaw il-każ lil dik id-**Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi** [...]. Il-Bordijiet tal-Appell jistgħu, fuq [...] inizjattiva **tagħhom** stess jew fuq talba bil-miktub u motivata ta' parti, jikkonsultaw mal-Bord Konsultattiv kif imsemmi fl-Artikolu 33. L-Uffiċċju jista' joffri servizzi ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 170 tar-Regolament (UE) 2017/1001, bil-għan li jgħin lill-partijiet jilħqu ftehim bonarju.
6. Jistgħu jitressqu rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali **tal-Unjoni Ewropea** kontra deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell b'rabta ma' appelli, fi żmien xahrejn mid-data tan- [...] **notifika** tad-deċiżjoni tal-Bordijiet tal-Appell, għal raġunijiet ta' ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali, ksur tat- [...] **Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, ksur ta' dan ir-Regolament jew ta' kwalunkwe stat tad-dritt relatat mal-applikazzjoni tagħhom jew mal-abbuż ta' poter. Ir-rikors għandu jkun miftuħ għal kwalunkwe parti għall-proċedimenti quddiem il-Bordijiet tal-Appell affettwati b'mod negattiv mid-deċiżjoni tagħha u għal kwalunkwe Stat Membru. Il-Qorti Ġenerali għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tannulla jew tbiddel id-deċiżjoni kkontestata.
7. Id-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell għandhom jidħlu fis-seħħ [...] **fil-jum wara** d-data tal-iskadenza tal- [...]perjodu **msemmi fil-paragrafu 6** jew, jekk tkun infetħet kawża quddiem il-Qorti Ġenerali fi'dak il-perjodu, mid-data **ta' wara l-jum** meta tiġi miċħuda dik il-kawża jew **taċ-ċaħda** ta' kwalunkwe appell ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja **tal-Unjoni Ewropea** kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. **L-Uffiċċju għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali jew, fil-każ ta' appell kontra dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja.**

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati [...] li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi tispeċifika:
- (a) il-kontenut tal-avviż tal-appell imsemmi fil-paragrafu 3 u l-proċedura għall-preżentazzjoni u l-eżami ta' appell; u
 - (b) il-kontenut u l-forma tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell imsemmija fil-paragrafu 5.

Artikolu 31

[...]

(tħassar)

TAQSIMA 2
ORGANIZZAZZJONI U KOMPITI TAL-UFFIĊĊJU [...]

Artikolu 32

Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali

1. Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi **għall-prodotti artiġjanali u industrijali (“id-Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi”)** [...] [...] **għandha tiġi stabbilita fi ħdan l-Uffiċċju. Dik id-Diviżjoni** għandha tkun responsabbli għat-teħid ta’ deċiżjonijiet [...] fir-rigward ta’:
 - (a) applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika;
 - (b) applikazzjoni għal emenda [...] **għal** indikazzjoni ġeografika;
 - (c) oppożizzjoni għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għall-emenda ta’ indikazzjoni ġeografika;
 - (d) entrati fir-reġistru tal-Unjoni [...];
 - (e) talbiet għall-kanċellazzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika.
2. (*tħassar*)

Artikolu 33

[...] Bord Konsultattiv

1. **Għandu jiġi** stabbilit Bord Konsultattiv [...] biex jagħti opinjoni fejn previst f'dan ir-Regolament.
2. Id-Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Bordijiet tal-Appell kif imsemmija fl-Artikoli 32 u 34 jistgħu, u, fuq talba tal-Kummissjoni għandhom, jikkonsultaw mal-Bord Konsultattiv **dwar kwistjonijiet** li jikkonċernaw [...] applikazzjoni [...] fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' eżami, oppożizzjoni jew [...] appell kif imsemmi fl-Artikoli 19, 21, **22, 24, 28, 29** u 30. **Il-Bord Konsultattiv jista' jiġi kkonsultat ukoll [...] dwar kwistjonijiet orizzontali, bħal:**
 - (a) il-valutazzjoni tal-kriterji tal-kwalità;
 - (b) l-istabbiliment tar-reputazzjoni [...] **tal-indikazzjoni ġeografika**;
 - (c) id-determinazzjoni tan-natura ġenerika tal-isem **tal-indikazzjoni ġeografika**;
 - (d) [...] ir-riskju li l-konsumaturi jiġu konfużi f'każijiet ta' kunflitt bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-trademarks, prodotti omonimi jew eżistenti [...] **li** huma kkummerċjalizzati legalment.
3. Id-Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi **msemmija fl-Artikolu 32 u, kif applikabbli,** il-Bordijiet tal-Appell **imsemmija fl-Artikolu 34,** [...] **jistgħu** jikkonsultaw il-Bord Konsultattiv dwar ir-reġistrazzjoni possibbli tal-[...]applikazzjonijiet sottomessi permezz tal-proċedura ta' reġistrazzjoni diretta msemmija fl-Artikolu 15**a**.
4. L-opinjonijiet tal-Bord Konsultattiv ma għandhomx jorbtu lid-Diviżjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u lill-Bordijiet tal-Appell.

5. Il-Bord Konsultattiv għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u rappreżentant wieħed [...] tal-Kummissjoni u s-sostituti rispettivi tagħhom.
6. L-opinjoni tal-Bord Konsultattiv għandha tingħata f'bord ta' tliet membri.
7. L-Uffiċċju għandu jippubblika l-lista tal-membri tal-Bord Konsultattiv fuq is-sit web tiegħu u għandu jżomm dik il-lista aġġornata.
8. Il-proċeduri li jikkonċernaw il-ħatra tal-membri tal-Bord Konsultattiv u l-operat tiegħu għandhom jiġu speċifikati fir-regoli ta' proċedura tiegħu kif approvati mill-Bord tat-Tmexxija **stabbilit bl-Artikolu 153 tar-Regolament (UE) 2017/1001**, u għandhom isiru pubbliċi.
9. Il-mandati tal-membri tal-Bord Konsultattiv għandhom ikunu sa [...] **ħames** snin. Dawk il-mandati jistgħu jkunu rinnovabbli.
10. L-Uffiċċju għandu jipprovdi l-appoġġ loġistiku meħtieġ għall-Bord Konsultattiv u jipprovdi segretarjat għal-laqgħat tiegħu.

Artikolu 34

Bordijiet tal-Appell

[...] Il-Bordijiet tal-Appell stabbiliti mill-[...] **Artikolu 165 tar-Regolament (UE) 2017/1001** għandhom ikunu responsabbli biex jiddeċiedu dwar appelli [...] **kontra** deċiżjonijiet [...] **adottati mill-Uffiċċju skont** dan ir-Regolament.

(ġdid) Artikolu 34a

[...] Reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali
(eks Artikolu 26)

1. Għandu jiġi żviluppat, miżmum u mantnut mill-Uffiċċju tal-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistru tal-Unjoni [...] li jkun aċċessibbli għall-pubbliku [...] għall-prodotti artiġjanali u industrijali.
2. [...] **Ir-reġistru tal-Unjoni għandu jkun fih l-entrati msemmija f'dan ir-Regolament.**
3. Mad-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni li tirreġistra [...] indikazzjoni ġeografika **skont l-Artikolu 24 jew 25**, l-Uffiċċju għandu [...] **idagħhal** id-data li ġejja fir-reġistru tal-Unjoni [...]:
 - (a) l-[...]isem tal-[...] **indikazzjoni ġeografika rreġistrata bħala "indikazzjoni ġeografika protetta"**;
 - (b) it-[...] **tip** ta' prodott;

(ba) l-isem tal-applikant li f'ismu tkun irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika;

 - (c) ir-referenza għall-**att** [...] **legali** li jirreġistra l-isem **tal-indikazzjoni ġeografika**;
 - (d) [...] il-pajjiż jew il-pajjiżi ta' oriġini **tal-indikazzjoni ġeografika**.

4. L-indikazzjonijiet ġeografiċi li jikkonċernaw prodotti **artiġjanali u industrijali** minn pajjiżi terzi li huma protetti fl-Unjoni skont [...] **l-Att ta' Ġinevra wara deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1753** għandhom jiddaħħlu fir-reġistru tal-Unjoni [...]. *(It-tieni sentenza tmexxiet għall-paragrafu 4a)*
- 4a.** *(Tmexxa mill-paragrafu 4)* Indikazzjonijiet ġeografiċi [...] **li jikkonċernaw prodotti artiġjanali u industrijali minn pajjiżi terzi li huma** protetti fl-Unjoni **skont ftehim internazzjonali – għajr l-Att ta' Ġinevra – li għalih l-Unjoni hija parti kontraenti**, [...] għandhom [...] **jiddaħħlu fir-reġistru tal-Unjoni abbażi** ta' atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).
5. Kull indikazzjoni ġeografika għandha tiddaħħal fir-reġistru tal-Unjoni [...] fil-kitba oriġinali tagħha. Meta l-kitba oriġinali ma tkunx b'karattri bil-Latin, l-indikazzjoni ġeografika għandha tiġi traskritta b'karattri bil-Latin u ż-żewġ verżjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika għandhom jiddaħħlu fir-reġistru tal-Unjoni [...] u għandu jkollhom status ugwali.
6. *(tmexxa għall-Artikolu 34c(2))*
7. L-Uffiċċju għandu jżomm dokumentazzjoni relatata mar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika f'forma diġitali jew stampata għall-perjodu ta' validità tal-indikazzjoni ġeografika, u [...] **fil-każ** ta' kanċellazzjoni, għal [...] **għaxar** snin wara dan.
- 7a.** **L-ispejjeż operatorji tar-reġistru għandhom ikunu koperti mill-baġit operattiv tal-Uffiċċju.**

8. Il-Kummissjoni [...] **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni [...] **li jistabbilixxu l-arkitettura tal-IT** u l-preżentazzjoni tar-reġistru tal-Unjoni [...]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

(ġdid) Artikolu 34b

Siltiet mir-reġistru tal-Unjoni [...] (tmexxa mill-Artikolu 27)

1. L-Uffiċċju għandu jiżgura li kwalunkwe persuna [...] **ikollha l-possibbiltà li** tniżżel [...] mir-reġistru tal-Unjoni [...] **silta uffiċjali** li tipprovdi prova tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, u d-data rilevanti, inkluż id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika jew data ta' prijorità oħra. Is-silta uffiċjali tista' tintuża bħala ċertifikat awtentiku [...].
2. *(tħassar)*
3. Il-Kummissjoni [...] **għandha** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-format u l-preżentazzjoni online ta' siltiet mir-reġistru tal-Unjoni [...]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

(ġdid) Artikolu 34c
Appoġġ [...] tekniku
(tmexxa mill-Artikolu 62)

- 1.** **Fuq talba mill-**[...]Kummissjoni, **l-Uffiċċju għandu jwettaq** [...] l-eżami **ta'**, u [...] l-kompiti amministrattivi **relatati li jappartjenu għal**, [...] indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi [...] terzi għall-prodotti artiġjanali u industrijali; [...]
- (a)** **protetti jew** proposti għal protezzjoni [...] **taħt** ftehim internazzjonali [...] **li għalih l-Unjoni hija parti, minbarra l-Att ta' Ġinevra; jew**
- (b)** **proposti għal protezzjoni skont ftehim internazzjonali li qed jiġi nnegożjat mill-Unjoni.**
- 2.** *(tmexxa mill-Artikolu 26(6))* **Abbażi tal-informazzjoni li tasal mingħand** il-Kummissjoni, **l-Uffiċċju** għandu jippubblika, u jaġġorna regolarment, [...] il-lista tal-ftehimiet internazzjonali [...] **li jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali li għalihom l-Unjoni hija parti kontraenti,** [...] **kif ukoll** il-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont dawk il-ftehimiet.

TITOLU III

PROTEZZJONI TAL-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

Artikolu 35

Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. L-indikazzjonijiet ġeografiċi mdaħħla fir-reġistru tal-Unjoni [...] għandhom ikunu protetti kontra:
 - (a) kwalunkwe użu kummerċjali dirett jew indirett tal-indikazzjoni ġeografika fir-rigward ta' prodotti mhux koperti mir-reġistrazzjoni, fejn daww il-prodotti jkunu [...] **komparabbli** għall-prodotti [...] **protetti** [...] **bl**-indikazzjoni ġeografika, jew fejn l-użu tal-isem jisfrutta, idgħajjed jew inaqas ir-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta, jew ikun detrimental għaliha;
 - (b) kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anki jekk tiġi indikata l-oriġini vera tal-prodotti jew tas-servizzi jew jekk l-indikazzjoni ġeografika protetta tiġi tradotta jew tkun akkumpanjata minn espressjoni bħal “stil”, “tip”, “metodu”, “kif manifatturat fi”, “imitazzjoni”, “toġhma”, “bħal” jew espressjonijiet simili;
 - (c) kwalunkwe indikazzjoni falza jew qarrieqa oħra dwar il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott li tintuża fuq l-imballaġġ ta' ġewwa jew ta' barra, **fuq** il-materjali ta' reklamar, **fid**-dokumenti jew l-informazzjoni pprovduti fuq [...] **interfaċċi online** relatati mal-prodotti [...], [...] **kif ukoll** l-ippakkjar tal-prodotti [...] f'kontenitur li jista' jagħti impressjoni falza dwar l-oriġini tagħhom;
 - (d) kwalunkwe prattika oħra li tista' tqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott [...].

2. Għall-finijiet tal-paragrafu (1)(b), l-evokazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika għandha titqies li tinholq, b'mod partikolari, meta terminu, sinjal, jew apparat ieħor tat-tikkettar jew tal-ippakkjar jippreżenta rabta **sufficjatement** diretta u ċara mal-prodott kopert mill-indikazzjoni ġeografika rreġistrata f'moħħ il-**konsumatur medju Ewropew li huwa** raġonevolment **infurmat tajjeb u raġonevolment attent u** prudenti [...].
3. [...] **Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għandha tapplika wkoll għal kwalunkwe użu ta' isem ta' dominju li jikser il-paragrafu 1.**
4. Il-protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għal:
- (a) merkanzija li tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera f'dak it-territorju; u
 - (b) merkanzija mibjugħa permezz ta' bejgħ mill-bogħod, bħall-kummerċ elettroniku.
5. Il-grupp ta' produttori jew kwalunkwe produttur li jkun intitolat juża l-indikazzjoni ġeografika protetta għandu jkun intitolat li jimpedixxi lill-partijiet terzi kollha milli jgħibu merkanzija fl-Unjoni, matul il-kors tal-kummerċ, mingħajr ma tiġi rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, meta tali merkanzija, inkluż l-ippakkjar, ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi u jmorru kontra l-paragrafu 1.
6. L-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont dan ir-Regolament ma għandhomx isiru ġeneriċi fl-Unjoni.
7. Fejn indikazzjoni ġeografika tkun isem kompost li jkun fih terminu li jitqies li huwa ġeneriku, l-użu ta' dak it-terminu ma għandux jikkostitwixxi kondotta msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b).

Artikolu 36

Partijiet jew komponenti fi prodotti manifatturati

1. L-Artikolu 35 huwa mingħajr preġudizzju għall-użu ta' indikazzjoni ġeografika mill-operaturi f'konformità mal-Artikolu 43 biex jindikaw li prodott manifatturat fih, bħala parti jew komponent, prodott deżinjat minn dik l-indikazzjoni ġeografika, diment li tali użu jsir f'konformità ma' prattiki kummerċjali onesti u ma **jisfruttax**, ma jdgħajjifx jew ma jnaqqasx ir-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, jew ma jkunx ta' detriment għaliha.
2. L-indikazzjoni ġeografika li tindika parti jew komponent ta' prodott ma għandhiex tintuża fid-deskrizzjoni kummerċjali tal-prodott manifatturat, ħlief [...] **fejn l-applikant li f'ismu ġiet irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika jkun ta l-kunsens tiegħu għal tali użu.**

Artikolu 37

Termini ġeneriċi

1. **T**erminu ġeneriku [...] ma għandux jiġi rreġistrat bħala indikazzjoni ġeografika.
2. Sabiex jiġi stabbilit jekk terminu sarx ġeneriku jew le, għandhom jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikulari:
 - (a) is-sitwazzjoni eżistenti fl-oqsma tal-konsum;
 - (b) l-atti legali rilevanti nazzjonali jew tal-Unjoni.

1. Indikazzjoni ġeografika li tkun saret applikazzjoni għaliha wara li **tkun** saret applikazzjoni għal [...] **isem** kompletament jew parzjalment omonimu jew wara li dan l-isem ikun ġie protett fl-Unjoni **bħala indikazzjoni ġeografika**, ma għandhiex tiġi rreġistrata sakemm ma jkunx hemm biżżejjed distinzjoni fil-prattika bejn il-kundizzjonijiet tal-użu lokali u tradizzjonali u l-preżentazzjoni taż-żewġ **ismijiet** [...] omonimi, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat trattament ekwu tal-produtturi kkonċernati u **l-ħtieġa li jiġi żgurat** li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati fir-rigward tal-identità vera jew tal-orġini ġeografika tal-prodotti.
2. Isem kompletament jew parzjalment omonimu [...] **li jista'** jqarraq [...] bil-konsumatur biex jemmen li l-prodotti ġejjin minn territorju ieħor ma għandux jiġi rreġistrat, anki jekk l-isem tat-territorju, tar-reġjun jew tal-post tal-orġini attwali tal-prodotti inkwistjoni jkun preċiż.
3. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, indikazzjoni ġeografika li tkun saret applikazzjoni għaliha jew li tkun protetta fl-Unjoni tirreferi għal:
 - (a) indikazzjonijiet ġeografiċi mdaħħla fir-reġistru tal-Unjoni [...];
 - (b) indikazzjonijiet ġeografiċi li tkun saret applikazzjoni għalihom, diment li sussegwentement jiddaħħlu fir-reġistru tal-Unjoni [...];
 - (c) id-denominazzjonijiet ta' orġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fl-Unjoni skont ir-[...]Regolament (UE) 2019/1753²⁸; u
 - (d) indikazzjonijiet ġeografiċi, ismijiet ta' orġini u termini ekwivalenti protetti skont ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u pajjiż terz wieħed jew aktar.

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1 [...]).

4. L-Uffiċċju għandu jikkancelła, **skont l-Artikolu 29(1)(c), kwalunkwe** indikazzjoni ġeografika [...] **li tkun ġiet** irreġistrata bi ksur tal-paragrafi 1 u 2, **wara li jkun informa lill-applikant li f'ismu tkun ġiet irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika.**

Artikolu 39

Relazzjoni bejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-trademarks

(jintegra l-biċċa l-kbira ta' dak li qabel kien l-Artikolu 42)

- 1.** [...] **Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta'** indikazzjoni ġeografika **għandha tiġi rrifjutata** meta, fid-dawl ta' trademark [...] **b'reputazzjoni** [...] **jew** [...] **marka magħrufa sew,** [...] l-isem propost bħala indikazzjoni ġeografika [...] **jista'** jqarraq bil-konsumatur dwar l-identità vera tal-prodott.
- 2.** **L-Uffiċċju għandu jikkancelła, skont l-Artikolu 29(1)(c), kwalunkwe indikazzjoni ġeografika li tkun ġiet irreġistrata bi ksur tal-paragrafu 1, wara li jkun informa lill-applikant li f'ismu tkun ġiet irreġistrata l-indikazzjoni ġeografika.**
- 3.** *(tmexxa mill-Artikolu 42(1))* **Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trademark,** li l-użu tagħha jikser l-Artikolu 35, għandha tiġi miċħuda jekk [...] **din** l-applikazzjoni [...] tiġi ppreżentata wara d-data [...] **li fiha** l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika **tkun ġiet ippreżentata lill-Uffiċċju.**

4. *(tmexxa mill-Artikolu 42(2))*L-Uffiċċju u, [...] **meta** applikabbli, l-awtoritajiet **nazzjonali** [...] kompetenti għandhom, **fuq talba**, jinvalidaw it-trademarks irreġistrati bi ksur tal-paragrafu[...] 3.
5. *(tmexxa mill-Artikolu 42(4))*Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu[...] 4 ta' dan l-Artikolu, trademark li l-użu tagħha jikser l-Artikolu 35, li tkun saret applikazzjoni għaliha, ġiet irreġistrata jew stabbilita bl-użu b'bona fide fit-territorju tal-Unjoni, jekk dik il-possibbiltà tkun prevista mil-leġislazzjoni kkonċernata, qabel id-data li fiha l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tiġi sottomessa lill-Uffiċċju, tista' tkompli tintuża u tiġġedded minkejja r-reġistrazzjoni [...] tal-indikazzjoni ġeografika, diment li ma tkun teżisti l-ebda raġuni għall-invalidità jew għar-revoka tat-trademark skont id-Direttiva (UE) 2015/2436²⁹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew ir-Regolament (UE) 2017/1001. F'każijiet bħal dawn, l-użu tal-indikazzjoni ġeografika u dak tat-trademark rilevanti għandu jkun permess.
6. *(tmexxa mill-Artikolu 42(5))*Il-marki ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni msemija fl-Artikolu 28(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2436 u l-marki kollettivi msemija fl-Artikolu 29(3) ta' dik id-Direttiva jistgħu jintużaw fuq it-tikketti **u l-apparat tal-imballaġġ**, flimkien mal-indikazzjoni ġeografika.

²⁹ Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 1).

Gruppi tal-produtturi

1. [...] Il-gruppi ta' **produtturi għandhom** joperaw [...] b'mod trasparenti, **miftuħ** u [...] **mhux diskriminatorju**, [...] **li jippermetti** lill-produtturi kollha tal-prodott deżinjat mill-indikazzjoni ġeografika **biex** [...] **jingħaqdu** mal-grupp **fi kwalunkwe ħin**. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-**korpi** [...] pubbliċi, u partijiet ikkonċernati oħrajn, bħal gruppi ta' konsumaturi, bejjiegħa bl-imnut u fornituri, **jistgħu** jipparteċipaw ukoll fix-xogħol tal-grupp ta' produtturi.
2. Grupp ta' produtturi jista', b'mod partikolari, jeżerċita s-setgħat u [...] l-**kompiti** li ġejjin:
 - (a) jiżviluppa **u jemenda** l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u [...] **jistabbilixxi kontrolli** interni [...] **tal-konformità** li jiżguraw il-konformità tal-istadji tal-produzzjoni **mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott** deżinjat mill-indikazzjoni ġeografika [...];
 - (b) jieħu azzjoni legali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika u ta' [...] **kwalunkwe** dritt tal-proprjetà intellettuali **ieħor** [...] li **ikun** [...] direttament konness [...] **mal-prodott**;
 - (c) jaqbel dwar impriżi ta' sostenibbiltà, kemm jekk inklużi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott jew bħala inizzjattiva separata kif ukoll jekk le [...];

- (d) jieħu azzjoni biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, inklużi:
- (i) l-iżvilupp, l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' kampanji kollettivi ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar;
 - (ii) it-tixrid ta' informazzjoni u attivitajiet ta' promozzjoni li jkollhom l-għan li jikkomunikaw **lill-konsumaturi** l-attributi tal-prodott deżinjat minn indikazzjoni ġeografika [...];
 - (iii) it-twettiq ta' analizzijiet tal-prestazzjoni ekonomika, tas-sostenibbiltà tal-produzzjoni, tal-karatteristiċi tekniċi tal-prodott deżinjat mill-indikazzjoni ġeografika;
 - (iv) it-tixrid ta' informazzjoni dwar l-indikazzjoni ġeografika u s-simbolu rilevanti tal-Unjoni; u
 - (v) l-għoti ta' pariri u taħriġ lill-produtturi attwali u futuri [...];[...] (e) jiġġieled kontra l-kontraffazzjoni u l-użi frodulent i sospettati [...] **fis**-suq intern ta' indikazzjoni ġeografika li ma tkunx konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott billi jissorvelja l-użu tal-indikazzjoni ġeografika fis-suq intern kollu u [...] **fis**-swieq ta' pajjiżi [...] terzi [...] fejn l-indikazzjonijiet ġeografiċi jkunu protetti, inkluż fuq [...] l-**interfaċċi online**, u, kif meħtieġ, **billi** jinforma lill-awtoritajiet tal-infurzar [...].

Artikolu 41

[...]

(tħassar – parzjalment tmexxa għall-premessa (33))

Artikolu 42

[...]

(tmexxa għall-Artikolu 39, ħlief għall-Artikolu 42(3), li ġie integrat fl-Artikolu 67(2a) u l-premessa (31))

Artikolu 43

[...] (tmexxa għall-Artikolu 46(1))

2. *(tħassar)*

Artikolu 44

Simbolu tal-Unjoni, indikazzjoni, abbrevjazzjoni

1. Is-simbolu tal-Unjoni stabbilit għal “indikazzjonijiet ġeografiċi protetti” skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 664/2014³⁰ għandu jkun applikabbli għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali.
2. [...] **Għal** prodotti artiġjanali u industrijali li joriġinaw mill-Unjoni li jiġu kkummerċjalizzati taħt indikazzjoni ġeografika, is-simbolu tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1 jista’ jidher fuq it-tikkettar u l-materjal ta’ reklamar. L-indikazzjoni ġeografika għandha tkun fl-istess kamp ta’ viżjoni bħas-simbolu tal-Unjoni.
3. L-abbrevjazzjoni “IĠP” li tikkorrispondi għall-indikazzjoni “indikazzjoni ġeografika protetta” tista’ tidher fuq it-tikkettar ta’ prodotti deżinjati b’indikazzjoni ġeografika ta’ prodotti artiġjanali u industrijali.
4. L-indikazzjonijiet, l-abbrevjazzjonijiet u s-simboli tal-Unjoni jistgħu jintużaw fit-tikkettar u fil-materjali ta’ reklamar ta’ prodotti manifatturati meta l-indikazzjoni ġeografika tirreferi għal parti jew komponent tagħhom. F’dak il-każ, l-indikazzjoni, l-abbrevjazzjoni jew is-simbolu tal-Unjoni għandu jitqiegħed ħdejn l-isem tal-parti jew tal-komponent li jiġi identifikat b’mod ċar bħala parti jew komponent. Is-simbolu tal-Unjoni ma għandux jitqiegħed b’mod li jissuġġerixxi lill-konsumatur li **huwa** l-prodott manifatturat, aktar milli l-parti jew il-komponent **li** huwa [...] **protett bħala indikazzjoni ġeografika**.

³⁰ Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta’ Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f’dak li għandu x’jaqsam mal-istabbiliment ta’ simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-orijini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti u fir-rigward ta’ ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji oħrajn (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17).

5. Wara s-sottomissjoni ta' [...] applikazzjoni tal-Unjoni għar-[...]reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika **fil-livell tal-Unjoni**, il-produtturi jistgħu jindikaw fuq it-tikkettar u fil-preżentazzjoni tal-prodott li applikazzjoni tkun tressqet [...] **skont** id-dritt tal-Unjoni.
6. Is-simbolu tal-Unjoni li jindika l-indikazzjoni ġeografika protetta u l-indikazzjoni tal-Unjoni “indikazzjoni ġeografika protetta” u l-abbrevjazzjoni “IĠP” kif rilevanti, jistgħu jidhru fuq it-tikkettar biss wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikoli 24**(7)** [...] **jew 25(2), kif applikabbli**.
7. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata, kwalunkwe prodott ittikkettat f'konformità mal-paragrafu [...] **5** jista' jiġi kkummerċjalizzat sakemm jispiċċaw il-ħażniet.
8. Dawn li ġejjin jistgħu jidhru wkoll fuq it-tikkettar:
- (a) rappreżentazzjonijiet taż-żona ġeografika tal-orijini, kif imsemmija fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott; u
 - (b) test, grafika jew simboli li jirreferu għall-Istat Membru jew għar-reġjun li fih tinsab dik iż-żona ġeografika tal-orijini.
9. Is-simbolu tal-Unjoni assoċjat ma' indikazzjoni ġeografika mdaħħla fir-**reġistru** [...] tal-Unjoni [...] li jidentifika prodott artiġjanali u industrijali li joriġina f'**pajjiż** [...] terz, jista' jidher fuq it-[...]tikkettar u l-materjal ta' reklamar **tal-prodott**, f'liema każ is-simbolu għandu jintuża f'konformità mal-paragrafu 2.
10. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-karatteristiċi tekniċi tal-indikazzjoni u s-simbolu tal-Unjoni, kif ukoll ir-regoli dwar l-użu tagħhom fuq [...] prodotti kkummerċjalizzati taħt indikazzjoni ġeografika rreġistrata, inklużi r-regoli dwar il-verżjonijiet lingwistiċi xierqa li għandhom jintużaw. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

TITOLU IV

KONTROLLI [...]

Artikolu 44a (ġdid)

Kamp ta' applikazzjoni

- 1. Dan it-Titolu jkopri l-kontrolli tal-indikazzjonijiet ġeografiċi [...] għall-prodotti artiġjanali u industrijali.**
- 2. (parzjalment meħud mill-Artikolu 45(1)) [...] Il-kontrolli** għandhom jinkludu dan li ġej:
 - (a) verifika li prodott deżinjat minn indikazzjoni ġeografika [...] **jkun f'konformità** mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti;
 - (b) monitoraġġ tal-użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-suq [...].

Artikolu 45

Ħatra tal-awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru [...] awtorità kompetenti **waħda jew aktar** responsabbli għall- [...]kontrolli **previsti f'dan it-Titolu** [...].
2. [...] L-awtoritajiet **kompetenti** msemija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu oġġettivi u imparzjali, u għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal kwalifikat u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

Artikolu 46

Verifika tal-konformità [...] permezz ta' awtodikjarazzjoni

*(dak li kien l-Artikolu 46 ġie ssostitwit bit-test hawn taħt;
jinkludi elementi mill-Artikolu 43(1), eks Artikoli 49 u 58 (1))*

- 1.** *(tmexxa mill-Artikolu 43(1))* Indikazzjoni ġeografika rreġistrata tista' tintuża minn kwalunkwe produttur [...] **ta' prodott [...] li jkun f'konformità mal-**[...]ispeċifikazzjoni tal-prodott [...].
- 2.** **Għal prodott deżinjati minn indikazzjoni ġeografika u li joriġina fl-Unjoni, il-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti għandha titwettaq permezz ta' awtodikjarazzjoni. L-awtodikjarazzjoni għandha ssir permezz tal-formola stabbilita fl-Anness I u għandu jkun fiha l-informazzjoni u r-rekwiżiti kollha speċifikati f'dak l-Anness.**
- 3.** **Qabel it-tqegħid fis-suq, il-produtturi għandhom jissottomettu awtodikjarazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 45(1). Ladarba l-prodott ikun fis-suq, il-produtturi għandhom jissottomettu awtodikjarazzjoni mġedda darba kull tliet snin biex juru l-konformità kontinwa mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Meta l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi emendata b'mod li jaffettwa l-prodott ikkonċernat, l-awtodikjarazzjoni għandha tiġġedded mingħajr ebda dewmien.**
- 4.** *(jinkorpora elementi ta' dak li kien l-Artikolu 58(1))* **L-awtorità kompetenti għandha tivverifika, tal-anqas, li l-informazzjoni pprovduta f'awtodikjarazzjoni hija kompluta u konsistenti. Jekk ir-riżultat tal-verifika jkun pożittiv, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ, jew iġġedded, ċertifikat ta' awtorizzazzjoni biex tintuża l-indikazzjoni ġeografika għall-prodott ikkonċernat. Fil-każ ta' żbalji ovvji u inkonsistenzi fl-awtodikjarazzjoni, il-produttur għandu jingħata l-possibbiltà li jikkompleta jew jikkoreġi l-awtodikjarazzjoni.**

- 5. Il-verifika bbażata fuq awtodikjarazzjoni ma twaqqafx lill-produtturi milli jkollhom il-konformità tal-prodott ivverifikata minn korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew persuni fiżiċi.**
- 6. Biex tiġi vverifikata l-konformità tal-prodott kopert mill-awtodikjarazzjoni, għandhom jitwettqu kontrolli, li jistgħu jsiru qabel u wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq, abbażi ta' analiżi tar-riskju u, jekk disponibbli, notifiċi minn produtturi interessati ta' prodotti ddeżinjati minn indikazzjonijiet ġeografiċi, minn:**
- (a) l-awtorità kompetenti; jew**
- (b) [...] korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti [...] wieħed jew aktar **jew** persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati r-responsabbiltajiet f'konformità mal-Artikolu 50.
- 7. Fil-każ ta' nonkonformità identifikata, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.**
- 8. (meħud mill-Artikolu 49(5)) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati [...] **biex temenda u tintroduċi**, fejn rilevanti, modifiki għall-informazzjoni u r-rekwiżiti speċifikati fil-formola li tinsab fl-Anness [...].**

(ġdid) Artikolu 46a

Verifika tal-konformità minn awtorità kompetenti jew minn korpi delegati ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti jew minn persuni fiżiċi

- 1. Bħala alternattiva għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 46, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, permezz ta' kontrolli, li għandha titwettaq qabel u wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq. Dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu minn:**
 - (a) awtorità kompetenti waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 45(1); jew**
 - (b) korp ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti wieħed jew aktar jew persuni fiżiċi li lilhom ikunu ġew iddelegati r-responsabbiltajiet f'konformità mal-Artikolu 50.**
- 2. Meta r-riżultat tal-kontroll imwettaq qabel it-tqegħid tal-prodott fis-suq juri l-konformità tal-prodott mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat ta' awtorizzazzjoni biex tintuża l-indikazzjoni ġeografika għall-prodott ikkonċernat.**
- 3. Il-kontrolli mwettqa wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskju u, jekk disponibbli, fuq notifiki minn produtturi interessati ta' prodotti ddeżinjati minn indikazzjonijiet ġeografiċi. Meta r-riżultat ta' tali kontrolli jikkonferma l-konformità tal-prodott mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, l-awtorità kompetenti għandha ġġedded iċ-ċertifikat tal-awtorizzazzjoni.**
- 4. Fil-każ ta' nonkonformità identifikata, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.**

(ġdid) Artikolu 46b

Verifika tal-konformità ta' prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz

(tmexxa mill-Artikolu 46(4))

Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jiddeżinjaw prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz, [...] il-verifika tal-konformità **mal-ispeċifikazzjoni** [...] **tal-prodott** qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq għandha titwettaq minn:

- (a) [...] awtorità kompetenti maħtura mill-pajjiż terz; jew
- (b) korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti wieħed jew aktar.

(ġdid) Artikolu 46c

Monitoraġġ tal-użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-suq

(elementi inkorporati mill-eks Artikolu 48)

- 1. L-awtoritajiet imsemija fl-Artikolu 45(1) għandhom jimmonitorjaw l-użu ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fis-suq, irrispettivament minn jekk il-prodotti** inkwistjoni jkunux maħżuna, fi tranżitu, qed jiġu distribwiti, jew offruti għall-bejgħ fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut, inkluż fil-kummerċ elettroniku.
- 2. Għal dak l-għan, dawk l-awtoritajiet** għandhom iwettqu kontrolli, ibbażati fuq analiżi tar-riskju u, **jekk disponibbli**, notifiċi [...] **minn** produtturi interessati ta' prodotti deżinjati minn indikazzjonijiet ġeografiċi. **Jekk meħtieġ, dawk l-awtoritajiet** għandhom jieħdu passi amministrattivi u ġudizzjarji xierqa biex jipprevjenu jew iwaqqfu l-użu ta' ismijiet fuq prodotti jew servizzi li jiġu manifatturati, imħaddma jew ikkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom u li jiksru l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi previsti fl-Artikoli 35 u 36.

Artikolu 47

Responsabbiltajiet [...] ta' diliġenza dovuta [...] tal-produtturi

- 1.** Il-produtturi [...] għandhom jiżguraw [...] il-konformità [...] tal-**prodotti tagħhom** mal- [...]ispeċifikazzjoni tal-prodott. *(it-tieni sentenza u s-subpunti tagħha tmexxew għal paragrafu 2 ġdid)*
- 2.** **Sabiex jiġi pprevenut l-użu ħażin tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-suq, il-produtturi** [...] jistgħu:
 - (a) jimmonitorjaw l-użu kummerċjali tal-indikazzjoni ġeografika fis-suq [...]; u
 - (b) *(tħassar)*
 - (c) jieħdu azzjoni biex jiżguraw protezzjoni legali adegwata tal-indikazzjoni ġeografika, inkluż, fejn xieraq, [...] **billi jinnotifikaw** lill-awtoritajiet kompetenti [...], **skont l-Artikoli 46(6), 46a(3) u 46c(2).**

Artikolu 48

[...]

(tħassar – il-maġġoranza tal-elementi tal-paragrafi 1, 2 u 3 tmexxew għall-Artikolu 46c; il-paragrafu 4 tmexxa għall-Artikolu 57(3))

Artikolu 49

[...]

(tħassar – xi elementi tmexxew għall-Artikolu 46)

Delega [...] ta' ċerti kompiti ta' kontroll

1. [...] **L**-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw [...] **ċerti** kompiti ta' kontroll **marbuta ma' prodotti li huma soġġetti għall-kontrolli msemmija fl-Artikoli 46(6), 46a(2), 46a(3) u 46c(2)** lil korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti wieħed jew aktar, inkluż persuni fiżiċi.
 - 1a.** L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li [...] l-korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew il-persuni fiżiċi, li lilhom [...] ikunu ġew iddelegati **l-kompiti ta' kontroll imsemmija fil-paragrafu 1** [...], ikollhom is-setgħat meħtieġa [...] biex iwettqu dawn il-kompiti **b'mod effettiv**.
2. Id-delega ta' [...] **ċerti** kompiti ta' kontroll għandha tkun bil-miktub u [...] soġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) id-delega għandha tinkludi deskrizzjoni preċiża tal-[...]kompiti ta' kontroll li jistgħu jwettqu l-korp delegat jew il-persuna fiżika, u l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jwettqu dawk il-kompiti;
 - (b) il-korp delegat taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti:
 - (i) għandu jkollu l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq il-[...]kompiti ta' kontroll ddelegati lilu;
 - (ii) għandu jkollu numru suffiċjenti ta' persunal bil-kwalifiki u l-esperjenza adatti;
u
 - (iii) għandu jkun imparzjali u ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess u, b'mod partikolari, ma jkunx f'sitwazzjoni [...] **li** tista' taffettwa, direttament jew indirettament, l-imparzjalità tal-imġiba professjonali tiegħu fir-rigward tat-twettiq ta' dawk il-kompiti ta' kontroll ddelegati lilu; [...]
 - (iv) *(tħassar– kopert mill-paragrafu 1)*

- (c) meta l-[...]kompiti ta' kontroll jiġu ddelegati lil persuni fiżiċi, dawk il-persuni fiżiċi:
- (i) għandu jkollhom l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettqu dawk [...] il-kompiti ta' kontroll ddelegati lilhom;
 - (ii) għandu jkollhom il-kwalifiki u l-esperjenza adatti; u
 - (iii) għandhom jaġixxu b'mod imparzjali u jkunu ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dawk [...] il-kompiti ta' kontroll iddelegati lilhom; [...]
- (d) għandu jkun hemm arranġamenti fis-seħħ li jiżguraw koordinazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw u [...] l-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti iew [...] il-persuni fiżiċi.

Artikolu 51

Obbligi tal-[...]korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti delegati u tal-persuni fiżiċi

Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew il-persuni fiżiċi, li lilhom [...] ikunu ġew iddelegati ċerti kompiti ta' kontroll f'konformità mal-Artikolu 50 għandhom:

- (a) jikkomunikaw l-eżitu [...] tal-kontrolli u ta' attivitajiet relatati mwettqa minnhom lill-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw fuq bażi regolari u kull meta daww l-awtoritajiet jitolbu dan;
- (b) jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw kull meta l-eżitu [...] tal-kontrolli jindika nuqqas ta' konformità jew jindika l-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità, sakemm l-arranġamenti speċifiċi kif stabbiliti bejn l-awtorità kompetenti u l-[...]korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew il-persuna fiżika kkonċernata ma jipprevedux mod ieħor; u
- (c) [...] **jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti u jipprovduhom assistenza, u jagħtu lil daww l-awtoritajiet l-aċċess għall-uffiċċji tagħhom u [...] għad-dokumentazzjoni marbuta mal-kompiti delegati tagħhom.**

Artikolu 52

Obbligi tal-[...]awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw

1. L-awtoritajiet kompetenti li jkunu ddelegaw ċerti [...] kompiti ta' kontroll lil korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew lil persuni fiżiċi f'konformità mal-Artikolu 50 għandhom [...] jirtiraw id-delega kompletament jew parzjalment u mingħajr dewmien, fejn:

[...] **(a)** ikun hemm evidenza li tali [...] korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew persuna fiżika qed tonqos milli twettaq kif suppost il-kompiti ddelegati lilha;

[...] **(b)** il-[...]korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew il-persuna fiżika tonqos milli tiegħu azzjoni xierqa u f'waqtha biex tirrimedja n-nuqqasijiet identifikati; jew

[...] **(c)** l-indipendenza jew l-imparzjalità tal-[...]korp taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew tal-persuna fiżika jkunu ġew kompromessi.
- 1a.** *(tmexxa minn tmiem il-paragrafu 1)* L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jirtiraw id-delega għal raġunijiet għajr dawk imsemmija fil-[...] **paragrafu 1**.
2. *(l-ewwel sentenza li tħassret tmexxiet għall-paragrafu 1) [...] **L-awtoritajiet kompetenti jistgħu** jorganizzaw awditi jew spezzjonijiet tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti jew tal-persuni fiżiċi **fi kwalunkwe mument**, skont kif meħtieġ. (It-tieni sentenza tiegħu post il-paragrafu 1(a) inizjali)*

Informazzjoni pubblika dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura, **imsemmija fl-Artikolu 45(1)**, [...] tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti [...] **u** tal-persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 46([...] **6)(b) u 46a(1)(b)**) u jżommu dik l-informazzjoni [...] **aġġornata**.
2. **F'dak li jirrigwarda pajjiżi terzi**, l-Uffiċċju għandu jippubblika, **meta disponibbli**, l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti u tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu [...] **46b** u jaġġorna dik l-informazzjoni perjodikament.
3. L-Uffiċċju [...] **għandu** jistabbilixxi portal diġitali fejn isiru pubbliċi l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti u [...] tal-korpi delegati taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti [...] **u** tal-persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 54

Akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti

1. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti msemija fl-Artikolu [...] **50** għandhom jikkonformaw ma' u jkunu akkreditati, **skont l-attivitajiet tagħhom**, f'konformità **mal-istandards li ġejjin**:
 - (a) l-istandard Ewropew **EN ISO/IEC 17065** [...] "Valutazzjoni tal-konformità — Rekwiżiti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi", [...] l-istandard Ewropew ISO/IEC 17020 [...] "Valutazzjoni tal-konformità — Rekwiżiti għall-operat ta' diversi tipi ta' korpi li jagħmlu spezzjoni" [...] **u EN ISO/IEC 17025 għal-laboratorji tal-ittestjar u l-kalibrar, inkluż kwalunkwe reviżjoni jew verżjoni emendata ta' daww l-istandards**; jew
 - (b) standards oħra adatti u rikonoxxuti fuq il-livell internazzjonali [...].
2. L-akkreditazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha ssir minn korp ta' akkreditazzjoni, rikonoxxut f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008³¹, li jkun membru tal-**Kooperazzjoni** Ewropea **għall-Akkreditazzjoni**, minn [...] korp ta' akkreditazzjoni **rikonoxxut** barra l-Unjoni li jkun membru tal-Forum Internazzjonali tal-Akkreditazzjoni **jew tal-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni tal-Laboratorji**.

³¹ **Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).**

Artikolu 55

Ordinijiet għal azzjoni kontra kontenut illegali

- 1. Kwalunkwe informazzjoni relatata mar-reklamar, il-promozzjoni u l-bejgħ ta' oġġetti li għalihom il-persuni stabbiliti fl-Unjoni jkollhom aċċess li tmur kontra l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi prevista fl-Artikoli 35 u 36 ta' dan ir-Regolament għandha titqies bħala kontenut illegali skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (h) tar-Regolament (UE) 2022/2065³² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**
- 2. [...] L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri jistgħu, [...] f'konformità mal-Artikolu [...]9 tar-Regolament (UE) 2022/2065, joħorġu ordni biex jaġixxu kontra oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' kontenut illegali [...], kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.**

Artikolu 56

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu [...] regoli dwar il-penali applikabbli għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament u l-ksur tiegħu u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn ir-regoli jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, sad-[...] **data ta' applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

³² Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tad-19 ta' Ottubru 2022** dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (ĠU L **277**, **27.10**.2022, p. **1**).

Assistenza reċiproka u riżorsi

1. L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin għall-finijiet tat-twettiq tal-kontrolli [...] previsti f'dan it-Titolu.
2. *(il-paragrafu 2 inizjali jsir il-paragrafu 4; il-paragrafu 3 inizjali jsir il-paragrafu 2)* L-assistenza amministrattiva tista' tinkludi, fejn xieraq u bi ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, il-parteċipazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru f'kontrolli fuq il-post li jwettqu l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor.
3. *(il-paragrafu 3 inizjali jsir il-paragrafu 2; il-paragrafu 4 inizjali jsir l-ewwel sentenza ta' hawn taħt; l-Artikolu 48(4) inizjali jsir it-tieni sentenza ta' hawn taħt)* Fil-[...] **każ** ta' ksur possibbli ta' [...] indikazzjoni ġeografika, Stat Membru [...] għandu jieħu miżuri biex tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni, mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi [...] u l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 45(1), ta' informazzjoni dwar tali ksur possibbli. L-awtorita[...] **ji**et [...] **inkarigati mill-monitoraġġ fl-Istati Membri**, f'konformità mal-paragrafu 1, [...] **għandhom** [...] **jikkooperaw, kif xieraq, mad**-dipartimenti, l-aġenziji u l-korpi rilevanti, inklużi l-pulizija, l-aġenziji kontra l-falsifikazzjoni, id-dwana, l-uffiċċji tal-proprjetà intellettuali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-ispetturi tal-bejgħ bl-imnut.
4. *(il-paragrafu 4 inizjali inkorporat fil-paragrafu 3; il-paragrafu 2 inizjali jsir il-paragrafu 4)* Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw in-natura u t-tip tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata u l-metodi għall-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet ta' kontrolli [...] taħt dan it-Titolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).

Artikolu 58

[...]

(tħassar; il-paragrafu 1 inkorporat fl-Artikolu 46(4); elementi tal-paragrafu 2 inkorporati fil-premessa (47b))

TITOLU V

INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI MDAĦĦLA FIR-REĠISTRU INTERNAZZJONALI U EMENDI GĦAL ATTI OĦRAJN

Artikolu 59

[...]

(tħassar– il-Kummissjoni mistennija tippreżenta proposta separata għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754)

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/1753

Ir-Regolament (UE) 2019/1753 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "indikazzjonijiet ġeografiċi" jkopri denominazzjonijiet ta' oriġini skont it-tifsira tal-Att ta' Ġinevra, inklużi denominazzjonijiet ta' oriġini skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012 u (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll indikazzjonijiet ġeografiċi skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013, [...] (UE) 2019/787 u tar-Regolament (UE) [...] .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali **[dan ir-Regolament]**. Fir-rigward ta' denominazzjonijiet ta' oriġini relatati ma' prodotti artiġjanali u industrijali li huma soġġetti għal reġistrazzjoni internazzjonali, il-protezzjoni fl-UE għandha tinftiehem kif speċifikat fl-Artikoli 5 u 35 ta' dak ir-Regolament."

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "**L-Uffiċċju**" tfisser l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, **kif definit skont ir-Regolament (UE) 2017/1001**."

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mal-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra u sussegwentement, fuq bażi regolari, il-Kummissjoni jew l-Uffiċċju għandhom, fil-kapaċità tagħhom bħala Awtorità Kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, kif speċifikat fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754, tressaq applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u rreġistrati skont id-dritt tal-Unjoni u li jkunu jappartjenu għal prodotti li joriġinaw mill-Unjoni skont l-Artikolu 5(1) u [...] (2) tal-Att ta' Ġinevra mal-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali ("il-Bureau Internazzjonali").";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni jew, fir-rigward ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li jipproteġu l-prodotti artiġjanali u industrijali ("indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali"), lill-Uffiċċju biex jirreġistraw fir-Reġistru Internazzjonali indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw mit-territorju tal-Istati Membri u li huma protetti u rreġistrati skont id-dritt tal-Unjoni;"

(c) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Fir-rigward tat-talbiet għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali fir-Reġistru Internazzjonali, l-Uffiċċju għandu, fil-kapaċità tiegħu **bħala** [...] Awtorità Kompetenti [...] **skont it-tifsira tal-** Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra kif speċifikat fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754, jipproċedi abbażi [...] **tad-** deċiżjoni dwar l-għoti ta' protezzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikoli 17 sa 34**b** tar-Regolament (UE) [...] **.../...**" **[dan ir-Regolament];**

(3) Fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju għandu jitleb lill-Bureau Internazzjonali biex jikkancelła rreġstrazzjoni fir-Reġistru Internazzjonali ta' indikazzjoni ġeografika li toriġina minn Stat Membru jekk jiġu ssodisfati ċ-ċirkostanzi tal-paragrafu 1.";

(4) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Il-pubblikazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiż terz irreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali

1. Il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju għandu jippubblika kwalunkwe rreġstrazzjoni internazzjonali nnotifikata mill-Bureau Internazzjonali skont l-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra, li tikkonċerna l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali li fir-rigward tagħhom il-Parti Kontraenti tal-Orġini, kif definita fil-punt (xv) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, mhijiex Stat Membru.

2. Ir-rreġstrazzjoni internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*; [...] fir-rigward tar-rreġstrazzjonijiet internazzjonali relatati mal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali [...] **u** industrijali, **ir-rreġistrazzjoni għandha tiġi ppubblikata** mill-Uffiċċju. Il-pubblikazzjoni għandha tinkludi referenza għat-tip ta' prodott u l-pajjiż ta' oriġini.";

(5) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju għandu jivvaluta kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali nnotifikata mill-Bureau Internazzjonali skont l-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-Parti Kontraenti tal-Oriġini, kif definita fil-punt (xv) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, mhijiex Stat Membru, sabiex jiġi ddeterminat jekk hija tinkludix il-kontenut obbligatorju stipulat fl-Artikolu 5(2) tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra (ir-"Regolamenti Komuni"), u d-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi kif stipulati fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti Komuni.";

(6) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fi żmien erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz minbarra l-Parti Kontraenti tal-Oriġini kif definiti fil-punt (xv) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż terz minbarra l-Parti Kontraenti tal-Oriġini, tista' tressaq oppożizzjoni mal-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, mal-Uffiċċju. L-oppożizzjoni għandha ssir f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.";

(b) fil-paragrafu 2, jiġihassar il-punt (e);

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni jew, fir-rigward ta' indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, mill-Uffiċċju, b'rabta mat-territorju tal-Unjoni jew parti minnu.";

(7) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, tizzied is-sentenza li ġejja:

"Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju għandu jirrifjuta kwalunkwe oppożizzjoni inammissibbli u jiddeċiedi li jagħti protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika.";

(b) fil-paragrafu 2, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tingħata protezzjoni għandha tiġi adottata mill-Uffiċċju, jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) [...] .../... [dan ir-Regolament], mill-Kummissjoni, **fir-rigward ta' liema l-atti ta' implimentazzjoni relatati għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).**";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. F'konformità mal-Artikolu 15(1) tal-Att ta' Ġinevra, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali bir-rifjut tal-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali kkonċernata fit-territorju tal-Unjoni, fi żmien [...] **tnax-il xahar** minn meta tasal in-notifika tar-reġistrazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra [...].";

(d) [...] il-paragrafu 5 **huwa sostitwit b'dan li ġej** [...]:

"Il-Kummissjoni tista', fuq inizzjattiva proprja jew fuq talba debitament sostanzjata minn Stat Membru, pajjiż terz jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu, tirtira, kompletament jew parzjalment, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, rifjut li jkun ġie nnotifikat preċedentement lill-Bureau Internazzjonali. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

[...]

[...] Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali li jikkonċernaw il-protezzjoni li dwarha jkun ġie nnotifikat rifjut preċedenti mill-Uffiċċju, l-Uffiċċju jista', fuq inizzjattiva tiegħu stess jew wara talba debitament issostanzjata minn Stat Membru, pajjiż terz jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu, jirtira, kompletament jew parzjalment, rifjut li jkun ġie nnotifikat qabel lill-Bureau Internazzjonali.

[...] Il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali b'tali rtirar mingħajr dewmien.";

(8) Fl-Artikolu 8(1) tizzied is-sentenza li ġejja:

"Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti artiġjanali u industrijali, l-istess għandu japplika għad-deċiżjoni tal-Uffiċċju.";

(9) l-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"Artikolu 9

**Invalidazzjoni tal-effetti fl-Unjoni ta' indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz irreġistrata fir-
Reġistru Internazzjonali**

1. Il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju jista', fuq inizjattiva tiegħu stess jew wara talba debitament issostanzjata minn Stat Membru, pajjiż terz jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu, jinvalida, kompletament jew parzjalment, l-effetti tal-protezzjoni fl-Unjoni ta' indikazzjoni ġeografika, f'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- (a) l-indikazzjoni ġeografika ma tkunx għadha protetta fil-Parti Kontraenti tal-Oriġini;
- (b) l-indikazzjoni ġeografika ma tkunx għadha rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali;
- (c) il-konformità mal-kontenut obbligatorju stipulat fl-Artikolu 5(2) tar-Regolamenti Komuni jew mad-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi kif stipulati fl-Artikolu 5(3) tar-Regolamenti Komuni ma tkunx għadha żgurata.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-fini tal-paragrafu 1. L-atti ta' implimentazzjoni inkwistjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2) u biss wara li l-persuni fiżiċi jew l-entitajiet ġuridiċi kif imsemmija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew il-benefiċjarji, kif definiti fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, ikunu ngħataw opportunità li jiddefendu d-drittijiet tagħhom.;

3. Fejn l-invalidazzjoni ma tkunx għadha soġġetta għal appell, il-Kummissjoni jew, fir-rigward tal-indikazzjonijiet artiġjanali u industrijali, l-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali mingħajr dewmien dwar l-invalidazzjoni tal-effetti fit-territorju tal-Unjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali tal-indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-punt (a) jew (c) tal-paragrafu 1.”;

(10) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fir-rigward ta' kull denominazzjoni ta' oriġini li toriġina minn Stat Membru li jkun parti għall-Ftehim ta' Liżbona, għal prodott li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) [...]..../... [dan ir-Regolament], iżda li għadu mhux protett skont dak ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu, abbażi ta' talba minn persuna fiżika jew entità ġuridika msemija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, jew fuq inizzjattiva tiegħu stess, jagħżel li jitlob:

- (a) ir-reġistrazzjoni ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini skont ir-Regolament (UE) [...]..../... [dan ir-Regolament]; jew
- (b) il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru Internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Uffiċċju bl-għażla msemija fl-ewwel subparagrafu, u jippreżenta t-talba rispettiva [...] sa ... [nota għall-ĠU: jekk jogħġobkom stipulaw id-data tnax-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) .../... (dan ir-Regolament)]. Il-proċedura tar-reġistrazzjoni prevista fl-Artikolu 67(3) tar-Regolament (UE) [...]..../... tapplika mutatis mutandis.

Fis-sitwazzjonijiet imsemija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jitlob ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini skont l-Att ta' Ġinevra, jekk dak l-Istat Membru jkun irratifika jew aderixxa mal-Att ta' Ġinevra skont l-awtorizzazzjoni msemija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754, fi żmien[...] tnax-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika skont ir-Regolament (UE) [...]..../... [dan ir-Regolament].

L-Istat Membru kkonċernat għandu, f'koordinazzjoni mal-Uffiċċju, jivverifika mal-Bureau Internazzjonali jekk hemmx xi modifiki li għandhom isiru skont ir-Regola 7(4) tar-Regolamenti Komuni għall-fini ta' reġistrazzjoni skont l-Att ta' Ġinevra. L-Uffiċċju għandu jawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex jipprevedi l-modifiki neċessarji u jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali.

Jekk it-talba għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) [...]... **[dan ir-Regolament]** tiġi rrifjutata u r-rimedji amministrattivi u ġudizzjarji relatati jkunu ġew eżawriti, jew jekk it-talba għal reġistrazzjoni skont l-Att ta' Ġinevra ma tkunx saret skont it-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jitlob il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dik id-denominazzjoni ta' orijini fir-Reġistru Internazzjonali.";

(11) fl-Artikolu 15(1), jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) għall-prodotti artiġjanali u industrijali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) [...]... **[dan ir-Regolament]**, mill-Kumitat għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Artiġjanali u Industrijali stabbilit mill-Artikolu 65 ta' dak ir-Regolament.";

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/1001

Ir-Regolament (UE) 2017/1001 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 151(1), jiddaħħal il-punt (ba) li ġej wara l-punt (b):

"(ba) l-amministrazzjoni u l-promozzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi **għal prodotti artiġjanali u industrijali**, b'mod partikolari, il-kompiti mogħtija lilha skont [...] ir-Regolament (UE) Nru [...] .../... [dan ir-Regolament] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-promozzjoni tas-sistema tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.";

(1a) fl-Artikolu 153(1), jiżdied il-punt (n) li ġej:

"(n) jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Bord Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 33(8) tar-Regolament .../... [dan ir-Regolament]";

(1b) fl-Artikolu 170, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tuża s-servizzi taċ-Ċentru fuq bażi volontarja bil-għan li tinstab soluzzjoni bonarja ta' tilwim, abbażi ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) Nru 6/2002 jew ir-Regolament .../... [dan ir-Regolament], bi ftehim reċiproku."

(2) (*tħassar*)

TITOLU VI

[...] TARIFFI

Artikolu 62

[...]

(tmexxa għall-Artikolu 34c)

(ġdid) Artikolu 62a

[...] Tariffi

(tmexxa mill-Artikolu 10)

1. L-Istati Membri jistgħu jimponu [...] tariffi biex ikopru l-kostijiet [...] tal-**fażi nazzjonali tas**-sistema ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali previsti f'dan ir-Regolament, [...] **b'mod partikolari** daww **il-kostijiet** imġarrba **fl**-ipproċessar **tal**-applikazzjonijiet, [...] **in-notifika** ta' oppożizzjoni, l-applikazzjonijiet għal emendi, it-talbiet għal kanċellazzjonijiet [...] **u l-appelli**.
- 1a.** *(tmexxa mill-Artikolu 48(5) u mit-tieni sentenza tal-Artikolu 43(2))* L-Istati Membri jistgħu jiġbru tariffi jew imposti biex ikopru l-kostijiet tal-[...]kontrolli [...] **mwettqa skont it-Titolu IV ta' dan ir-Regolament**.
2. *(tmexxa għall-paragrafu 5a)*
3. [...] *(tħassar)*

4. [...] **L-Uffiċċju** għandu jimponi tariffa **għal**:
- (a) [...] il-proċedura ta' reġistrazzjoni diretta, **kif** imsemmija fl-Artikolu 15**a**;
- (b) [...] il-proċedura **li tikkonċerna prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz jew pajjiżi terzi, kif** imsemmi fl-Artikolu 17([...]**c**); u
- (c) [...] appelli quddiem il-Bordijiet tal-Appell, **kif** imsemmi fl-Artikolu 30.
- 4a.** [...] **L-Uffiċċju jista' jimponi tariffa** għal [...] **talbiet għal** emenda [...] **għall-**ispeċifikazzjoni tal-prodott u **għal talbiet għall-**kanċellazzjoni **tal-indikazzjoni ġeografika**, [...] **fejn l-**isem [...] kien irreġistrat [...] **skont waħda mill-proċeduri msemmija** [...] **fil-paragrafu 4, il-punt (a) jew (b).**
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-ammonti tat-tariffi mitluba mill-Uffiċċju u l-modi li bihom għandhom jitħallsu jew, fil-każ tat-tariffa għall-appelli quddiem il-Bordijiet tal-Appell, jiġu rrimborżati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 65(2).
- 5a.** (tmexxa mill-paragrafu 2) [...] **Kwalunkwe** tariffa **imposta skont dan it-Titolu għandha tkun** raġonevoli, trawwem il-kompetittività tal-produtturi tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u [...] **tista'** tqis is-sitwazzjoni **speċifika** tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET SUPPLIMENTARI

(ġdid) Artikolu 62b

Protezzjoni tad-data

(tmexxa mill-Artikolu 4)

1. Il-Kummissjoni u l-Uffiċċju għandhom jitqiesu bħala kontrolluri skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt ([...]8) tar-Regolament (UE) 2018/1725³³ [...] b'rabta mal-ipproċessar ta' data personali fil-proċedura li huma kompetenti għaliha f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrolluri skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679³⁴ [...] b'rabta mal-ipproċessar ta' data personali fil-proċeduri li għalihom huma kompetenti f'konformità ma' dan ir-Regolament.

³³ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

³⁴ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1 [...]).

Artikolu 63

Lingwi proċedurali

1. Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha mibgħuta lill-Uffiċċju fir-rigward tal-proċeduri skont dan ir-Regolament għandhom ikunu b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.
2. Għall-kompiti mogħtija lill-Uffiċċju skont dan ir-Regolament, il-lingwi tal-Uffiċċju għandhom ikunu l-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament 1³⁵.

Artikolu 64

Sistema tal-IT

- 1.** Is-sistema diġitali msemmija fl-Artikolu 18([...]2d), [...] ir-reġistru tal-Unjoni [...] msemmi fl-Artikolu [...] **34a u l-portal diġitali msemmi fl-Artikolu 53(3)** għandhom jiġu żviluppati [...] u miżmuma mill-Uffiċċju.
- 2.** *(tmexxa mill-Artikolu 18(1))* Is-sistema diġitali għandha **tintuża għall-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 17, iżda għandu wkoll** ikollha l-kapaċità [...] li tintuża mill-Istati Membri [...] **fil-fażi ta' reġistrazzjoni** nazzjonali [...].

Artikolu 65

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-**Kumitat għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi** Artiġjanali u Industrijali [...] **("il-Kumitat")**. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

³⁵ Regolament tal-Kunsill Nru 1 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

Artikolu 66
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli **9, 15a, 18, [...] 30, [...] 49 u 62** għal perjodu ta' seba' snin minn [*ĠU: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' seba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli **9, 15a, 18, [...] 30, [...] 49 u 62** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva **fil-jum wara dak** tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont [...] l-Artikoli [...] **9, 15a, 18,** [...] 30, [...] 49 **jew 62** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 67

Protezzjoni tranżitorja [...] tal-indikazzjoni [...] ġeografika

1. Sa [tnax-il xahar wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-protezzjoni nazzjonali speċifika għall-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti artiġjanali u industrijali għandha tiegħi ta' test, u l-applikazzjonijiet pendenti għandhom jittaqiesu bħala li ma għewx ippreżentati, [...] dment li ma tkunx saret talba skont il-paragrafu 2.
2. Sa [...] tnax-il xahar wara d-data ta' [...] applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri interessati għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Uffiċċju dwar liema mill-ismijiet legalment protetti tagħhom jekk, fl-Istati Membri fejn ma jkun hemm l-ebda sistema ta' protezzjoni, liema mill-ismijiet tagħhom stabbiliti bl-użu, jittiequ jirreġistraw u jipproteġu skont dan ir-Regolament.
 - 2a. Abbażi ta' talba skont il-paragrafu 2, jista' jkun hemm estensjoni taż-żmien tal-protezzjoni nazzjonali mill-Istat Membru kkonċernat sakemm il-proċedura ta' reġistrazzjoni skont il-paragrafu 3 tiġi ffinalizzata u d-deċiżjoni tkun saret finali. Meta tingħata protezzjoni tal-Unjoni, il-jum li fih l-Istati Membri jkunu infurmaw lill-Uffiċċju u lill-Kummissjoni, f'konformità mal-paragrafu 2, għandu jittaqies bħala l-ewwel jum ta' protezzjoni skont dan ir-Regolament.
3. [...] L-ismijiet imsemmija fil-paragrafu 2 [...] li jikkonformaw mal-Artikoli 2, 5, 7 u 8, għandhom jiġu rreġistrati mill-Uffiċċju, jekk, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 25 mill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 17 sa 25 [...]. L-Artikoli 21 u 22 ma għandhomx japplikaw. Madankollu, ma għandhomx jiġu rreġistrati termini ġeneriċi.

4. (ingħaqad fil-paragrafu 1)

Artikolu 68

Obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri [...] għandhom jirrapportaw [...] lill-Kummissjoni **sa [erba'snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin wara dan**, dwar: l-istrateġija u r-riżultati tal-kontrolli kollha tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mwettqa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti legali relatati mal-iskema ta' protezzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament [...] kif imsemmija fl-Artikolu 45 [...]; [...] dwar il-verifika tal-konformità [...] **b'awtodikjarazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 46; dwar il-verifika tal-konformità minn awtorità kompetenti jew parti terza maħtura kif imsemmi fl-Artikolu 46a, jekk applikabbli; dwar il-monitoraġġ tal-użu ta' indikazzjoni ġeografika għal prodotti artiġġjanali u industrijali fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 46c; [...]** dwar diliġenza dovuta **kif msemmi fl-Artikolu 47; [...]** u [...] dwar [...] **kontenut illegali fuq interfaċċi online kif imsemmi fl-Artikolu 55.**
2. L-Istati Membri eliġibbli għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni sa **[...]tnax**-il xahar [...] **qabel** id-data ta' [...] **applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament/ bl-informazzjoni [...] **meħtieġa skont** l-Artikolu 15 sabiex jagħżlu l-proċedura ta' [...] reġistrazzjoni diretta [...]. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta, il-Kummissjoni għandha tadotta **deċiżjoni** dwar it-**talba** tal-Istat Membru kkonċernat li jagħżel il-proċedura ta' [...] reġistrazzjoni diretta [...] **kif imsemmi fl-Artikolu 15a** u, b'hekk, li ma jaħtarx awtorità nazzjonali għall-**ipproċessar tal-applikazzjonijiet**, l-emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-kanċellazzjoni [...] **kif meħtieġ mill-Artikolu 11(1).**
3. (tmexxa għall-paragrafu 5 tal-Artikolu 11)

Artikolu 69

Klawżola ta' reviżjoni

Sa [ħames snin wara d-data ta' [...] **applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament], **u kull ħames snin wara dan**, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat minn kwalunkwe proposta għal reviżjoni li tista' tqis xierqa.

Artikolu 70

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huwa għandu japplika mill-**[...]ewwel jum tal-ħamsa u għoxrin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]**, **ħlief l-Artikolu 15(1) u (2), l-Artikolu 33(1), l-Artikolu 34a(8), u l-Artikoli 64 sa 66, li għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ.**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...] **...**,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS[...] I

Awtodikjarazzjoni msemija fl-Artikolu [...] 46 tar-Regolament.../... [dan ir-Regolament]

1. Isem u indirizz tal-[...] produttur: ...

[[...] **D**ahħal l-isem u l-indirizz tal-**operatur ekonomiku** (kumpanija jew produttur individwali) kif ukoll, **fejn applikabbli**, l-isem u l-indirizz tar-[...] rappreżentant awtorizzat tal-kumpanija jew tal-produttur, **li jiffirma l-awtodikjarazzjoni f'isem il-produttur**]

1a. (tmexxa mill-punt 5) **Grupp ta' produttori: ...**

[[...] **Jekk applikabbli**, daħħal l-isem u l-indirizz tal-grupp ta' produttori [...] **li** l-produttur huwa membru tiegħu]

2. Isem u tip tal-prodott [...]: ...

[[...] **D**ahħal l-[...] isem sħiħ bl-**attributi** [...] kollha li taħthom il-prodott immarkat bl-indikazzjoni ġeografika jiġi kkummerċjalizzat jew huwa previst li jiġi kkummerċjalizzat u t-tip ta' oġġetti li għalihom jappartjeni l-prodott]

3. Status tal-prodott: ...

[[...] [...] **Speċifika** jekk il-prodott ikkonċernat huwiex diġà fis-suq [...]]

4. Siti ta' Produzzjoni: ...

[[...] [...] **Elenka** s-siti kollha tal-produzzjoni (**bl**-indirizz **u** d-dettal[...]**ji** ta' kuntatt u l-attività [...] mwettqa [...] **f'kull sit**)

5. (tmexxa għall-punt 1a.)

6. Isem, [...] numru u d-data tar-reġistrazzjoni tal-[...] indikazzjoni ġeografika: ...

[[...] Ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat billi [...] **mal-awtodikjarazzjoni tinhemeż** is-silta elettronika korrispondenti mir-reġistru [...]]

7. [...] **Dokument uniku**: ...

[...] **Daħħal l-informazzjoni mid-**dokument uniku: l-isem **u** deskrizzjoni tal-prodott, inkluż, fejn xieraq, [...] **il-materja prima u l-informazzjoni** dwar **l**-imballaġġ u t-tikkettar, **inkluż l-użu possibbli tal-logo IĠP**, u definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika]

8. **Deskrizzjoni tal-miżuri meħuda mill-produttur biex jiżgura [...] li l-prodott huwa konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: ...**

[...] **Daħħal** il-miżuri kollha (kontrolli u verifiki) [...] li twettqu [...] mill-produttur [...] **stess**, il-[...] **grupp** ta' produtturi jew [...] parti terza [...] minn meta ġiet ippreżentata l-aħħar **awtodikjarazzjoni, flimkien ma' sommarju ta' kull miżura fit-tabella hawn taħt**]

Punt ta' kontroll ⁴²	[...] Valur ta' <u>referenza</u> ⁴³ (Testijiet)	Awtokontroll (AK) Kontroll Intern (KI) jew <u>Kontroll</u> Estern (KE) ⁴⁴	Frekwenza ⁴⁵	<u>Persuna</u> responsabbli għall-kontroll	[...] Metodi ta' <u>kontroll</u>	Dokument ta' referenza

⁴² Punt ta' kontroll: [...] **pass jew passi** waqt il-proċess tal-produzzjoni fejn tiġi applikata miżura ta' kontroll.

⁴³ [...] Valur **ta' referenza**, jekk ikun hemm, li jrid [...] **jintlaħaq** fil-punt ta' kontroll.

⁴⁴ AK: Kontroll imwettaq mill-produttur [...] **stess**; KI: Kontroll imwettaq mill-grupp ta' produtturi; [...] **KE**: Kontroll imwettaq minn korp estern taċ-ċertifikazzjoni **jew minn persuna fiżika**.

⁴⁵ [...]

9. Informazzjoni addizzjonali: ...

[...] **D**aħhal kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti [...] **għall**-valutazzjoni [...] **dwar** jekk il-prodott huwiex konformi **mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**, eż. kampjuni tat-tikkettar jekk ikun hemm regola għat-tikkettar fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni]

10. Dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:

B'dan jiena niddikjara li l-prodott imsemmi hawn fuq, inkluż il-karatteristiċi u l-komponenti tiegħu, huwa konformi mal-[...]ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti. Twettqu l-kontrolli u l-verifiki kollha meħtieġa għad-determinazzjoni korretta tal-konformità.

[...] **Jiena** konxju li [...] **f'każ** ta' dikjarazzjoni falza [...], jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet.
[...]

Iffirmat għal u f'isem:

(il-post u d-data):

(isem, kariga) (firma):

ANNESS [...] II

Dokument uniku msemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament .../... /dan ir-Regolament/

[Daħħal l-isem, kif indikat fil-**punt** 1 [...]:] "..."

N**umru** tal-UE: [għall-użu tal-UE biss]

1. Isem/Ismijiet [tal-IĠP] ...

[Daħħal l-isem [...]] **li huwa mitlub li jiġi protett bħala indikazzjoni ġeografika** jew, fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott, l-isem irreġistrat]

2. Stat Membru jew pajjiż terz ...

3. Deskrizzjoni tal-[...]prodott

3.1. Tip ta' prodott...

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-**punt** 1 ...

[Il-punti ewlenin imsemmijin fl-Artikolu 8(1), il-punt [...] **(a)(ii)**. Biex tidentifika l-prodott, uża d-definizzjonijiet u l-istandards użati b'mod komuni għal dak il-prodott. Fid-deskrizzjoni tal-prodott, iffoka fuq l-ispeċifità tiegħu, bl-użu ta' unitajiet ta' kejl u termini komuni jew tekniċi ta' tqabbil, mingħajr ma tinkludi karatteristiċi tekniċi inerenti għall-prodotti kollha ta' dak it-tip [...] **jew** rekwiżiti legali obbligatorji relatati applikabbli għall-prodotti kollha ta' dak it-tip [...]]

3.3. Materja prima [...]...

[...] **Indika** kwalunkwe rekwiżit tal-kwalità, jew restrizzjoni fuq l-orijini tal-materja prima. Agħti l-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni. Dawn ir-restrizzjonijiet iridu jkunu ġġustifikati fir-rigward tal-ħolqa msemmija fl-[...]Artikolu 7(1)**(g)**

3.4. Il-passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika identifikata...

[...] **Indika** l-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni jew deroga]

3.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ eċċ. tal-prodott **li għalih** jirreferi l-isem reġistrat [...]*...
[[...] **Jekk applikabbli, ipprovd**i ġustifikazzjonijiet speċifiċi għall-prodott għal kwalunkwe restrizzjoni]

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott **li għalih** jirreferi l-isem reġistrat [...]*...
[Jekk **applikabbli**, [...] **ipprovd**i ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni]

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika ...**

[Fejn ikun xieraq, inkludi mappa taż-żona **ġeografika**]

5. **Ir-rabta maż-żona ġeografika ...**

[...] **Indika r**-rabta bejn l-oriġini ġeografika u, fejn xieraq, [...] **il**-kwalità partikolari, [...] ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn tal-prodott.

[...] **Għal dak l-għan, indika fuq** liema [...] minn [...] **dawk** il-fatturi [...] hija [...] bbażata [...] r-rabta, inkluż, fejn xieraq, elementi tad-deskrizzjoni tal-prodott jew tal-metodu ta' produzzjoni li jiġġustifikaw ir-rabta]

[...]

ANNESS [...] III

Dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni msemija fl-Artikolu 22 tar-Regolament .../... [dan ir-Regolament]

1. Isem il-prodott: ...

[kif [...] **iddaħħal** fir-**reġistru** [...] tal-**Unjoni**]

2. [...] **Numru: ...**

[kif [...] **iddaħħal** fir-**reġistru** [...] tal-**Unjoni**]

[...]

**2a. Data tal-pubblikazzjoni tad-dokument uniku u tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fir-
reġistru tal-Unjoni: ...**

3. Dettalji ta' kuntatt

Persuna ta' kuntatt:	Titlu (Sur, Sa....): ...	Isem: ...
----------------------	--------------------------	-----------

[...] Persuna fiżika jew ġuridika/awtorità kompetenti: ...

[...] [...]

Indirizz: ...

Telefon + ...

Indirizz elettroniku: ...

4. [...] **Raġunijiet** għall-oppożizzjoni:

- [...]
- [...]
- [...]
- [...]
- [...]
- **Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għall-protezzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament;**
- **L-indikazzjoni ġeografika proposta tmur kontra:**
 - **L-Artikolu 37 dwar termini ġeneriċi tar-Regolament .../... *[dan ir-Regolament];***
 - **L-Artikolu 38 dwar l-omonimi tar-Regolament .../... *[dan ir-Regolament]; jew***
 - **L-Artikolu 39(1) dwar it-trademarks eżistenti tar-Regolament .../... *[dan ir-Regolament];***
- **L-indikazzjoni ġeografika proposta tipperikola l-eżistenza ta' isem identiku jew simili użat fil-kummerċ jew ta' trademark, jew l-eżistenza ta' prodotti li jkunu ilhom legalment fis-suq għal mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 18(3)**

5. **Dettagli** tal-oppożizzjoni:

[Ipprovdi raġunijiet debitament sostanzjati u ġustifikazzjoni għall-oppożizzjoni, [...] **li jienhtieg li jinkludu** wkoll dikjarazzjoni li tispjega l-interess leġittimu tal-oppożizzjoni, sakemm l-oppożizzjoni ma titressaqx mill-awtoritajiet nazzjonali, f'liema każ ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' interess leġittimu. Id-dikjarazzjoni tal-oppożizzjoni jenħtieġ li tkun iffirmata u datata]